*Jecc tuaddab il dal ctieb fil koffa ta l'imbarazz, allura akbad il dil koffa b'collox u mur keghda il Bank.*

# GIABRA ta SIGRIETI

## Ta Xebh-is-Sharijet, ta Misteri, ta Curzitá, ta Arti u Industria, u Ricetti-Formuli ta l'Acbar Htiegia

MINN

JUAN MAMO

*Giabra ta fuk il 180 Sigrieti, Ricetti, Formuli u Processi, curjuzi u mehtegin, li xi uahda minnhom tista' tisuielec mitkilha deheb.*

*Sigrieti li bihom tghaggeb lil hbiebec jeu eghdeuua, inchella ghal xi htiegia, mig'burin minn cotba kodma, giodda, u misturin, li min chien jafhom xi mitt sena ilu chienu jghodduh b'sahhar. Sigrieti bhal chif tiecol in-nar, chif thabbar it-tempijet, chif taghmel ras hajja maktugha titbandal fl'ajru, chif turi uicc il mejjet u jargia' jisparixxi, ecc. U Tuzzani ta Sigrieti ohra maghzulin, ta Arti u Mestieri, ta Industria u Snajja, u ta Ricetti Mehtegin fil Mard—Imitazzionijet perfetti ta Deheb u Fidda, conzi ta tabacc, ibbalzmar, huejjeg artificiali ta industria, contra is-sacra u it-tipjip, tnebbih-il-mard, ecc.*

*Huma Tezor fil Mohh ghal Nies Ghaklin;—F'idejn tajba jisueu mitkilhom deheb;—Jecc uiehed biss minnhom jolktoc, jisuielec mitt darba izjed milli tonfok.*

*La tkejjisx il dal ctieb mill hxuna tieghu, imma minn x'hemm gio fih: Sigrieti minn cotba ta siui ta liri.*

*Jimbieh—floc NOFS LIRA—ZEUG XILINI biss.*

*Proprieta' Letteraria.* *Malta 1934.*

f'da.

# CHELMTEJN - KABEL.

*Ghamilt mill ahjar biex naghni il dal ctejjeb bi huejjeg sbieh, sieuja u tajbin, u b'hecc il poplu jitghallem u jicseb. Ix-xoghol u is-siui tieghu jidhru minnu 'nnifsu. Hua mimli bhal bil geuz u in-noci-muscata floc bil uerak u 'l kxur. Cliem fieragh ma fih xejn.*

*Fuk hecc ghandi tama li dal ctieb jinhataf u bosta nies jizzuni-hajr.*

*L'Autur.*

---

## X'inhu sigriet ta ricetta, ta formula?

"Ir-Ricetta Sigrieta li biha ħdimt oggett industriali chienet il mezz li ghamilt sold ġmielu!" hecc darba kalli uieħed— u "Li chiecu minn żoghriti chelli il min inebbaħni b'sigriet imkar żghir, cont nintafa' fuku b'ruħi u gismi u sal-lum chien icun il mezz tieghi ta klieħ il flus ghall ħajja" hecc darba kalli ieħor—u "Haun min studia nofs tużżana sigrieti li meta tghallimhom seuua bihom jidher li jaghmel eghgiubijet, in-nies bihom tistaghgeb, hu jitħabbeb u jindeħes u idabbar rasu ġmielu!" kalli darb'oħra ieħor.

Fi żmien il Guerra 'l Cbira, min ke'd jicteb chien fl'Egittu. L'Egittu hua il pajjiż tal avventura, tal flus. Darba, f'uakt il fixla ta chif tghakkad xi sold, il chittieb sama' il uieħed Griech ighid: "Chiecu cont naf ir-ricetta u formula ta chif isir iz-Zoccor Chimicu cont, f'din il ħabta, insir nies, nistaghna! Ghandi uieħed f'idejja l'irid jati 300 guinea u jurihielna!" F'dic il ħabta dan chien igib mal £10 l'ocha (ratal u cuart)*

Oħra. Meta mis-safar il chittieb giè Malta chien tuebbel biex jibda jaghmel is-sulfarini. Ried, allura, jistħarreg fuk dan u baghtuh ghand uieħed li jaf. F'uakt il cliem dan tarraflu u uera li fil cas li jigi biex ighid ir-ricetta irid mitejn lira biss. Biss!!

Issa, seuua daun ir-ricetti u chemm tużżani oħra ta li stess siui, issibhom f'dan il ctieb.

B'daun l'eżempji nigiu nuruc li infakt x'infakt f'dan il ctieb, infakt ciajta! Chemm infakt? żeuġ xilini? erba?

---

*NOTA—Cun af li dan f'xi pajjiżi hua cuntrabandu. Mela, f'dauc il pajjiżi jisua biss li tcun tafu u m'hux li taghmlu.

sitta? iżjed? Dejjem ciajta! Jecc icolloc bżonn ta ricetta u tersak titlobha fuk min jafha, jghożżha, u iżommha sigriet, tara 'mbghad x'tisua! Ghalhecc, dan il ctieb m'hux ta min jisilfu jeu jisselfu, imma ta min jaccuistah ghalih uaħdu, ghax ricetta hua meħtieg li taħdimha bil ctieb f'idec u bli scruplu collu.

Iżjed. F'uaħda jeu tnejn mit-Taksimiet ta dan il ctieb, barra milli inti stess tiddeverti, tista' tiftaħ fetħa ghajnejc, tintebaħ u tifhem li fid-dinja chien haun, u haun ħafna kerk. Tintebaħ u tifhem li dac il bniedem li fiż-żmenijet l'imghod-dija chien jaf ftit tal chimica (jeu ħolok xi chimica hu stess) chien icun bħal cheucba fid-dlamijet tal-lejl fost il popli mudlamin, bħalma naħseb li chienu il Buddha, il Brahma, il Crixna, ix-Xintu, iz-Zoroastru, il Muhammed, u bnedmin-allat-iduli oħra tal-Lvant. Dac il bniedem ta deħen u ghakal li chien jaf ftit biss chien icun alla ieħor u juri ħafna bżieżak b'anterni!

Issa, tridx tghidli chiecu fi żmien il ħaġra u'ż-żniet, xi 60 sena ilu (?), cont tcun taf bis-sigriet tal composizioni ta ras is-sulfarina, bil fosforu, u maghhom il porvli (f'uakt li ftit chienu jafu b'dan) giò Had-Dingli contx tcun maghdud bl'acbar Fatat?!

X'chien icun Marconi li chiecu ghex l'eluf ta snin ilu u ħadem bil' moħbi dac li chixef?

Hi chif inhi, dan il ctieb, barra milli jakdic ta ħtiegia, alħura jaħjic ucoll b'divertiment, bil patt iżda, li minnu ma tuża xejn ghall ħażin, imma collox ghat-tajjeb.

## X'jistghu jinhtiegiulec daun is-sigrieti.

B'daun is-sigrieti int tista' tinkeda ghall tliet ħuejjeg:—

L'euuel, tista' tghaggeb lil ħbiebec, jeu nies li ma jafucx, u b'hecc iħarsu lejc bħala bniedem ta ħila cbira, u chemm-chemm ucoll ma iħarsux lejc bħala saħħar! L'injuranti-fanatici, l'actarnett, okghod żgur li b'hecc jghodduc! Kuddiem ix-Xienza, iżda, ma tcun xejn minn dan.

It-tieni, tista' minn daun is-sigrieti collha taghżel nghi-du-aħna daks żeug tużżani, tistudiahom seuua, tispecializza fihom, u tibda taghmilhom lil migimgha ta nies f'dar jeu fi stedina: inchella fuk palc bi ħsieb li jghodd, seuua ghall moghdija taż-żmien, seuua capriċċ tieghec, u chemm b'xoghol ghall klieħ il flus.

It-tielet tista', minn tużżana minnhom li ghamilniehom apposta, taghżel l'actar uaħda li toghġboc, tghodd ghalic,

tistudiaha tajjeb u iżżommha bħala mestier, ta arti, ta negoziu jeu mezz ta xoghol li biha takla' il flus. Eżempiu: Tal Uard kabel żmienu, ta li taghmel Madriperla, ta li Tfondi oggetti b'imitazioni tad-dedeb u fidda, u tghid u tbieħhom b'imitazioni, ecc., u bħal daun ghandec baħar cbir fhiex tghum.

Fl'aħħarnett, jecc sena minn ħajtec tista' taħlieha tistudia, tħejji, u tcun armat bli haun f'dan il ctieb, tcun tisua daks ghaxra minn-nies li ma jafu xejn.

## X'jinħtieglec.

Biex taghmel dac collu li haun f'dan il ctieb kis li int tcun imżejjen b'daun li gejjin:— Icolloc Rieda (volontà), jigifieri tghid irrid naghmel u taghmel tasseu; icolloc Rekka (fittagini), jigifieri taghmel collox seuua u bir-rekka chif ghandec haun; icolloc Sabar (pacenzia), jigifieri ibka' bil cuiet collu ghamel bla nervi xejn; u icolloc Uetka (perseveranza), jigifieri tibka' tibka' sachemm dic il ħagia iggibha seuua, tirnexxi fiha.

JINHTIEGLEC UCOLL li taghraf l'użin iż-żghir bħall ta li spiżiari, l'icolloc il miżien, l'użin, il chejl iż-żghir, li taghraf tkassam bil parti, li tieħu ftit tal pratca fil chimica (taħlit) u fl'ismijet tal articli taghha, u ħuejjeg oħra li taghrif fukhom issib fl'aħħar ta dan il ctieb.

## Tuissijet u cliem-bħal-ahua.

Jecc f'dan il ctieb issib xi ricetta li tista' tużaha, tapplicaha fuk il gisem, kis li l'euuelnett u fuk collox tistaksi u tieħu il parir tat-tabib.

Jecc tcun sejjer tħallat xi acidi kis li taghmel dan ix-xoghol bil garbu collu, ħsiebec icun hemm, tuża il preucazionijet collha, ixxidd inguanti tal gild, u ma tħalli xejn li jista' jintmess minn min hu bla ghakal.

Jecc xi isem ta xi oggett, articlu, l'issib haun, u l'actarnett jecc icun bil Latin, Griec, jeu b'termnu chimicu, u ma tifhmux, ma tafux, biex tcun tafu seuua staksieh il xi spiżiar, il xi tabib, il xi chimicu, fitxu f'xi enciclopedija, xi ctieb tal Materia Medica, ecc. Inchella ibghat 6 bolli giodda tas-sold lilna u infissruhulec fit-tul.

Cun af li il cliem ta *saħħar*, *seħer*, *imsaħħar*, *sharijet*, ecc. li nużau f'dan il ctieb m'humiex ħlief biex infissru il chelma *Magia*, li illum drajna ma imberkux ghajnejna biha; mill bkija m'hu seħer, imsaħħar, ecc., xejn chif jifhmuha l'injuranti,

Jecc uħud li jakrau dan il ctieb iżommu bosta minnu f'moħħom, forsi xi uieħed minnhom iservih b'gid billi ghad jinzerta f'xi pajjiż — pajjiż il ghomi!— u b'xi uaħda minn daun jaghmel bħall esploraturi il cbar, nghidu-aħna bħal Cristofru Colombu fl'artijet tal-lum Amerca meta ħeles minn bosta ghauġ billi ghaggibhom bl'eclissi tax-xemx u 'l kamar u ghaddeuh b'alla!

---

# I.

# Sharijet Chimici jeu kerk lil ghajnejn.

Bosta żaghżah jixtieku l'icunu jafu ħuejjeg sigrieti li jidhru tal ghageb, u fihom infushom ma icunu xejn ħlief dakxejn ta sigriet chimicu jeu ħaġ'oħra. Il ħsieb ta daun icun jeu li jghaddu 'ż-żmien u li jatu piacir familiari, jeu li jidhru b'xi ħagia fil-ghajn kuddiem ħadtieħor, inchella li jipprofittau ruieħhom b'xi ħagia tal flus bħala xoghol tal Prestiggiatur. Daun, f'dan li gej, isibu xi ftit l'ighoddu ghalihom. X'iżjed?

Nofs il ġrajja u ħuejjeg l'isiru fid-dinja huma actarx ta dhera falza, u jecc tneħħi il din id-dhera allura id-dinja iżjed iva milli le tiżganga u ir-roti taghha jibdeu iuerżku mill fus, nukkas iż-żejt. Din id-dhera actarx li taghmel tajjeb, ghaliex chiecu lè il bnedmin f'tul iż-żmenijet ma ħaddmuhiex. Fli stess ħin: id-dhera, il mili fil moħħ, id-dhexa fil gisem, l'immaginazion, il misteru, il curżità, ecc., huma tajbin biex ighinu fl'organizzazion tal ħajja. U ladarba id-dinja miexja hecc inuarbulha u 'nħalluha ghaddejja ghax inclelè tghaffiġna. Mela nibdeu.

### 1—Sigriet ta seher f'camartec.

X'jidhirlec chiecu tieħu il xi żeuġ ti-ħbieb f'camartec u uara ftit iggiaghelhom joħorgiu jiġru mistghaġbin bli rau? Seħer? X'gej? Jakau xi flixcun tindilec bih u ittir? L'isem... Le, m'hux hecc. Arau chif.

Hu nofs ukija salammuniac, ukija gamfra, u ukitejn acquavita (spirtu tal euuel distillazioni). Issa il daun keghdhom gio speci biekja tal fuħħar tonda u dejka mill fomm fuk. Imbghad kabbad il biekja, jigifieri atiha in-nar. Haun, min icolloc mieghec hemmgeu jara li il camra ħadet in-nar, keghda takbad, tidher collha fiammi, u min icun hemm

donnu isib ruħu maghluk u iccircundat minn daun il fiammi jitlak jiġri. Ghadilli uieħed jara hecc, iżda ma icun hemm ebda periclu, ghax dan ma icunx ħaġ oħra ħlief li l'ghajnejn biss icunu keghdin jarau hecc, u dan jigi mir-rifless ta dac in-nar li juri hecc bis-sigriet ta dic it-taħlita: mill bkija xejn. Infma ta min ma idaħħalx tfal f'uakt dan l'eghmil ghar-ragiuni tal biża' li jakbadhom bħala tfal.

Katt la turi li lestejt collox minn kabel, jeu x'inhi l'affari, ghax titlef il gost, il pregiu.

## 2—Sigriet li bih tibdel f'nies africani il ta magembec.

Holl ftit sugu tal giummar f'linca mill iżjed seuda, nixxifa, keghda f'lampa taż-żejt, ixghel il ftila filuakt li titfi lid-dual l'oħra. B'dan il mod dauc l'icolloc maduarec, anchi jecc icunu tal actar uiċċ bajdani. jidhru malajr nies africani, b'uiċċ isued faħam.

Istħajjel li taħt xi scuża oħra il min jidhirlec int b'xi mod tieħdu ghad-dlam fil camra fejn icolloc ippreparat dan id-daul bla ma icun jaf bih, u uara li tgheżuirlu xi chelmtejn bil Griec jeu bħal bil Gharbi, ghaltaparsi cliem-is-seħer, u takliblu kalba ghajnejc bl'icreh, tghidlu "Fl'isem tas-setgha tieghi, insiru africani it-tnejn." Il dan tkeghdlu il mera ma uicciu, u haun jara lilu 'nnifsu isued dlam. Ma icunx jaf x'ghamilt kabel, dan jarah ghageb!

## 3—Jarau uiehed il l'iehor bi cruha li tuahhax.

Ma tidħacx ftit meta fil camra tieghec lil ħbiebec iggiaghelhom itellghu ħuġbejhom u jistaghġbu b'uieħed il l'ieħor. Ara chif. Bla ma turi il ħadd lesti minn kabel daks nofs pinta spirtu, u uara li tcun saħħantu itfa' fih kabda melħ milli nieclu, ħaudu ftit u kieghed collox nghejdu-aħna gio scutella tal enamel. Issa kabbdu, jigifieri ixghelu. B'dakshecc, dauc in-nies l'icolloc ħdejc fil camra u li jaħbat iddaul ma uiccihom jarau uieħed il l'ieħor coroħ bi cruha li tuaħħax, orribbli.

Jecc il dil loghba b'das-sigriet trid li tirnexxilec seuua, ghandec tipprepara dan id-daul gio xi ħagia li ma tatix filghajn, u meta tixghelu turix li xegheltu apposta: turix x'ghamilt u x'sejjer taghmel. Okghod żgur illi il cruha hia ta barraminhau.

## 4—Tkabbadlu il mactur bin-nar u targia tatihulu shih.

In-nies allura dejjem tistenniec taghmel xi seħer, u ghandu-mnejn int tinzerta kalb folla li trid tghaggibha meta titlob mactur minghand uieħed li jgharfu li hu tieghu,

tkabbadulu vampa nar u uara ftit targia troddulu lura sħiħ chif chien bla ebda ħarka. Jeu-inchella, uieħed sinjur ghani tigi mieghu f'imħatra u tghidlu: "Tridx inkeghdu carta ta lira cull uieħed f'mactur, inchebbuħ, u natuh in-nar? Jecc il carti tal-lira jinħarku jen natic il-lira tieghec sħiħa minn buti: jecc ma jinħarkux nieħodhom jen it-tnejn. Trid?"—U ic-ciuplajs ghandu-mnejn ighidlec iva.—X'taghmel?

Bil moħbi tieghu il mactur li tac hu stess tghaddsu gio l'ilma, taghsru chemm-xejn, imbghad targia tghaddsu (dejjem bil moħbi tieghu) gio l'acquavita kawwija, tkieghed fih iż-żeuġ liri carti, takbdu b'furchetta jeu imkass u tatiħ in-nar b'sulfarina. Hu jibda jivvampia, u taħseb li kieghed jinħarak, izda icun k'ed jivvampia il fukani (surface) tieghu biss, jigifieri dac li spirtu tal acquavita minn barra, maduaru, iżda le jinħarak, ghax hemm it-tixrib tal ilma, u hecc tatihulu (minghajr liri fih!) kauui-u-sħiħ b'ghageb ta min iħares. Tghoġboc?—Hi chif inhi, il-lira atihielu lura biex tcun ciajta biss.

## 5—Jahsel uicciu bl'ilma safi u isir isued fahma.

Suppost li trid ticciajta u il dac l'icun taghmillu uicciu isued faħma bla jintebaħ chif u mhux chif. Isthajjel li int kieghed fil camra ma Giacbu li taf li dan sa ħames minuti oħra sejjer jaħsel uicciu u ghandu il friscatur u ix-xugaman ippreparati. Hu ftit galla, incaljaha (tippreparaha kabel), idħana trab fin. Issa, f'carta oħra icolloc ftit cupru, ucoll misħuk trab. Issa fil friscatur bl'ilma itfghalu ftit trab tal cupru li dan jinħall malajr u l'ilma jibka'abjad u safi daks bħalchiecu ma tfajt xejn. Issa ħu ftit trab tal galla li hu ucoll bajdani u ghoroculu max-xugaman, u ħallih hemm ħdejn il friscatur.

Haun collox jidher abjad, iżda malli Giacbu jaħsel uiccu b'dac l'ilma u imur jixotta uicciu b'dac ix-xugaman isir isued fil pront b'idejħ b'collox, u int ibda staksih "Ma tajtx il vot lil Strickland, hux? Zgur tajt il vot lilu!" jeu "Rajtx chif int Mażun!" ecc.—Iftacar li biex ineħħiħ minn uicciu idum joghroc ħafna—Ghall Malta din hia tajba uisk—Bill cumbinazjoni tal galla mal cupru tista' taħdem ħafna loghob—Il galla hia in-noci di galla, bħal bocioc bil ponot, u il cupru hua il vitriol aħdar jeu sulfat tal ħadid, bħal soder.

## 6—Sigriet chif tnibbet sigra tal metal.

Il dac l'icun, biex turih is-setgha tieghec, tghidlu li ghandec il ħila tnibbet siġra tal metall filħin li hu stess

jaraha tinbet, ittalla' il frieghi, il uerak, u toghla-toghla. Ara chif.

Hù tant ilma comuni distillat u itfghu gio tazza cbira. Ucoll gio fiha itfa' ukija zoccor tac-ciomb (super-acetat tac-ciomb) u ħallieha minn 3 sa 4 sieghat fuk fuclar jaħrak li daz-zoccor tac-ciomb bit-tħawwid u's-sħana jinħall aħjar fl'ilma 'msemmi. Imbghad il dan itfghu f'tazza cbira oħra u li fiha 'mbghad daħħal biccia żingu mdendla b'ħajta. Uara xi siegha tibda tara timbet sigra chif sejrin inghidu. Iż-żingu jibda jarmi, jifforma iż-żragen ghall uerak l'haun u l'hemm diversi, u ir-rimi araħ jifforma miż-żewġ naħħat uerak iżghar li jixbeħ il tac-ciċri. Il uerak li jiddendel ghall ilma u li ilekk bħall fidda jissocta jicber fit-tul u fil uisa', jghakkad il ponot tieghu ma xulxin u jigi kisu rimi ornat tad-duieli. Din tigi aħjar jecc max-xifer tat-tazza tuaħħal musmar taż-żingu malli tkieghed it-tazza fuk il fuclar. Lil dac il flien tħalliħx jarac x'ħawwadt, le, imma ħudu jara fil ħin, jigifieri malli int tgheżuer xi chelmtejn bil Latin u is-sigra tibda tiela ueħidha. Min iħares jistaghgeb.

## 7—Chif tidher ta fatat—jeu—x'inhuma il fatati.

Iżjed minn uieħed u tnejn ighidu li rau Fatat. Taf dan x'jista' icun? Issa issir taf—Suppost l'icolloc bżonn tidher ta Fatat f'xi dramma fuk palc. Ara x'inhu is-sigriet ta chif taghmel. Aghmel parti uaħda fosforu f'sitt parti żejt taż-żebbugia u ħollhom f'banju-marija. Issa ghalak ghajnejc u ħallkec u ghoroc uiccec bih, inchella gismec collu. Fid-dlam id-dhera tieghec tcun ta Fatat. Cullfejn tcun dlict b'din it-taħlita jidher mghotti b'daul u dija leun ghajnejn il kattus bil-lejl f'ghamla ta daul caħlani, filuakt li ghajnejc u ħalkec (fejn ma tcunx dlict bih) jidhru bħal ħofor suued dlam. Tigi kisec ruħ il meut. F'dac il ħin tcun il Fatat li jarau, jecc il Fatati icunu hecc!

Ghadilli jecc taghmel hecc ma hemm ebda periclu f'dan l'esperiment, izda f'uakt li tindilec ghalak ghajnejc u ħalkec seuua. Cun af li il fosforu hua velenu. Il fosforu hu minn dac li chien icun fi rjus is-sulfarini tal cubrit ta dari.

## 8—Tharrab serduc mejjet misjur.

X'jidhirlec chiecu tcun mistieden f'tieg u f'uakt il mejda tati serduc misjur fi platt lil uieħed mistieden, u dan, malli jakbad jecol mis-serduc, is-serduc ikum ighajjat u jaħrab? Huejjeg ta barraminhau!

Is-saħħar Bartilmeu Boscu chien jaghmel hecc. Chien iħalli serduc bil giuħ, imbghad ghall ichel ikattaghlu flimchien daksinseu bużbież u rjus ħodor (geuża ta meta taka' il uarda)

tax-xaħxiħ u iħallih jixba' b'dan l'ichel. Is-serduc b'dan l'ichel oppius jaka' fl'art stordut u mrakkad kisu mejjet. Uara li jintfu, jicsieh bl'isfar tal bajd minn barra, ixautu ħdejn in-nar chemm-chemm b'mod li jidher kisu fil forn jeu mixui, imbghad ikeghdu fi platt u jippresentah lil mistieden l'icun lest bil furchetta u's-sicchina f'idu. L'imsejchen serduc li hua ħaj u ghadu rieked stordut, malli iħoss l'euuel taktiegha bis-sicchina, ikum malajr u jitlak b'girja uaħda ighajjat b'ghageb cbir u biża' ta min icun iħares. Dakkiet, biex is-saħħar jitfa' l'ghageb fuku 'nnifsu, meta jara il dac sejjer iħanxar bis-sicchina icun pront ighid lis-serduc: "Serduc, niccmandac, la tħallix il min iħanxrec; kum!" U in-nies tistaghgeb tara li mall chelma tas-saħħar, ħroġ-il-ghageb, is-serduc minn mixui ikum!

## 9—Sigriet li turi ghageb gio bajda.

Xi darba jigic il ħsieb li trid tghaggeb il xi-ħadd. Istħajjel, immela, li ma xi nies tcun kieghed fuk mejda tieclu il bajd tat-tigieg flimchien. Lil xi ħadd minnhom tcun trid tghaġġbu, nghidu-aħna iggiblu ghajnejh uara uidnejh, billi meta ichisser il bajda tieghu, gio fiha (u propriu gio'l bajda u m'hux minn barra) isib mictub dac il cliem li trid int. Istħajjel li il misteru ghamiltu lil Tonina, u, per eżempiu, meta din Tonina tchisser il bajda taghha, minn geuua gio'l bajda, issib mictub hecc: *Tonina, int ghad tizzeuueg il Sinjur cbir, u sabih. Jen hu is-sahhar Michiel* (jeu xi cliem ieħor)— Tonina tberrak ghajnejha, tistaghgeb, u taka' fil ħsieb.

Chif taghmlu dan? Ifhem seuua:

Holl ukija alumi (xebb-il-gmiel) f'pinta ħall, u b'dan il-liquidu (alumi u ħall) b'ponta ta pinzell irkiek icteb dac il cliem li trid fuk il koxra tal bajda (minn barra). Uara li din il chitba fuk il koxra tinxef seuua itfaghha taghli fil misħun sa cuarta. Jecc int taghmel seuua hecc jiġri li il chitba tisparixxi minn fuk il koxra minn barra, imma meta dac l'icun ichisser il bajda din il chitba issibha mictuba ciara fuk l'abjad tal bajda minn geuua.

X'jidhirlec? Min isib din il chitba (li hia Tonina) minn geuua jistaghgeb u jistaksi: "Chif il mnieghel hi din? Ma jistax icun li il bnedmin chitbu hemmgeu! Dan hu ghageb tan-Natura: seħer jeu miraclu li it-tigiegia biedet hecc. Mela is-Saħħar jeu il Fortuna tasseu li permezz ta bajda riedet tavżani (tirrivelali) bil kuddiem li jen ghad niżżeuueg u insir sinjura!"— u jecc ma tghidilhiex int tibka' b'din l'impressioni u tiblaghha.

## 10—Taghmel hagiet imsahhrin: jakbzu uehidhom.

Il mercurju jicciaklak mat-temperatura ta sħana jeu chesħa żejda, u fuk hecc, bih, isiru ħuejjeg tal ghageb. Haun, bih nuru ghamla ta seħer. Bħallichiecu xi darba trid tghaggeb lil furnar u iggighelu jitlak jiġri minn ħdejn il forn b'sakajh ma dharu. Ara chif. Fl'ghagina tal ħobża chebbeb koxra tal geuż mimlija bil cubrit, sananitru' u mercurju (argentuvivu). Chebbeb l'ghagina f'ghamla ta ħobża u mur ghid il dan il furnar biex jaħmihielec. Malli il ħobża tħoss is-sħana tal forn tibda takbeż u toghla u titkalleb u tiġri minn haun ghall hemm kisha xifajc. Is-sigriet hua l'argentuvivu. Issa bih oħlok li trid biex jidher li k'ed jicciaklak uaħdu.

Bħallichiecu kieghed l'argentuvivu giò koxra sħiħa ta bajda, sodd it-tokba minn fejn daħħaltu bix-xemgha, ghamel xi ħagia li tati 's-sħana fil chexxun tal mejda u kieghed il bajda fuk dil mejda kuddiem ħafna nies bla ma daun jafu bis-sigriet tal mercurju u is-sħana taħtu: huma jarau bajda takbeż u toghla ueħidha b'ghajnejhom imberrkin. Issa, floc bajda tista' timla xi xifajc jeu pastur vojt minn geuua u jaghmel li stess.

## 11—Ras ta ghogiol mixuija tghajjat tnax il darba.

Ghadilli din hia semplici (ħafifa), iżda la tantx taghmilha, ghaliex tati kata' il dac l'icun.

Chif ras ta ghogiol misjura (fil forn, ecc.) tcun ghadha sħuna u tcun sejjer tippresentaha fuk il mejda, daħħlilha f'ħalkha caxxetta li fuk l'ghatu taghha icollha ħafna tokob irkak u li gio fiha (fil caxxetta) titfa' żrinġ ħaj imchebbeb fil ħaxix frisc u uerak aħdar. Malli is-sħana tar-ras tal ghogiol tidħol fit-tokob tal caxxetta u tasal ma uiċċ iż-żrinġ, dan bid-duejjak jibda ighajjat b'leħen ta bakra daks tnax il ghajta, u dac l'icun jeħodha li ras il ghogiol ghadha ħajja u keghda tghajjat. Mur ara chemm jiġru!

## 12—Sigriet ta chif bl'ilma tkabbad in-nar.

Tcun kuddiem nies u tghaggibhom billi tghidilhom li int taf taghmel hecc sħarijet li b'katra ilma tkabbad in-nar, jeu li l'ilma taghmlu nar. L'ilma icun tasseu ilma u jistghu igibuhulec huma stess. Ma tantx jemmnuc lest. Ara chif taghmel il preparazioni. Itfa' fi plattin dakxejn acidu sulfuricu u kieghed fih biccia (metallic) sodium. Dan jinħall u jibka' ċollox kisu ilma, iżda malli iżżidlu imkar katra ilma arah malajr jivvampia, jakbad nar. Turix x'cont ghamilt kabel fil plattin u xi tfajt fih.

Hemm saħħarin jaħdmu xort'oħra. Jghaddsu biccia sodium metallicu fiż-żejt tal-lampa (lamp oil) sachemm jigi artab, imbghad jitfghuh fuk xi ħagia ciatta u jghadduħ bic-cilindru (bħal ta li stampaturi) sachemm jigi donnu caramelli bi ħxuna ta cuart ta pulzier. Jaktghuh fi sticchi ta 2½ pulzieri tul u cuart ta pulzier uisa'. Ikeghduhom fi fliexchen tâ żeuġ drammi il uieħed u isoddu il fliexchen tajjeb.

Arahom daun il ghamla ta Saħħarin kuddiem min jidhrilhom jimleu il pipa tat-tabacc, ikeghdu dakxejn minn dan fuk it-tabacc tal pipa, u x'ħin jigi il uakt kuddiem daun in-nies joħorgiu il pipa bla sulfarini jeu nar xejn, jobżku fuk it-tabacc u dan araħ jakbad. "Chif u mnejn giè in-nar? Mill bżiek?" jistaksu mistaghġbin dauc li jarauhom.

B'dan isiru ħafna xorti. Darba, fuk bejt ta barumbara kadima krib cimiteru, f'temp mudlam bix-xita, rau ħafna ilsna ta nar ilebilbu. Malajr ueħlu l'eruieħ tac-cimiteru. Chien uieħed briccun li ferrex minn din il preparazioni fuk il bejt u mal ilma tax-xita beda jakbad f'ilsna tan-nar! Giara li sidha il dic il barumbara bl'ghalka b'collox ma riedhomx iżjed, baża', u uelliehom cens perpetuu bi ftit soldi lil dac il briccun. Min hu briccun joħlok, jistudia u jaghmel ħafna gażibi.

## 13—Toktol ghasfur u uara ftit tirxoxtah.

Icolloc pistola qualunque u ticcargaha bil porvli, imma floc il balla jeu ciomb taghmlilha nofs cargatura mercurju. Issa, jecc b'din il pistola iccargata hecc tispara ghal ghasfur l'icun boghod minnec xi tmienja jeu disgha passi, jaka' fl'art b'mod li taħsbu mejjet, imma fi ftit minuti jarġia' jirxoxta ghall ħajja. Dan icun l'effett tal mercurju.

Dan is-seħer tista' taħdmu ma cacciatur billi bil moħbi tieghu ticcargalu li xcubetta u floc ic-ciomb tkeghdlu il mercurju. Hu jispara, imidd l'ghasfur fl'art: int tghidlu "Żomm hemm, iftacar li hemm mictub *La Toktolx*." Int, nghidu-aħna tgheżuer chelmtejn bil Latin, bħal *Resuscere in vitam*, u ittennilu "Kum minn hemm, ja ghasfur, ghall ħajja ħielsa." Sa dan it-tant l'ghasfur ikum, u dac il cacciatur jibka' b'ħalku miftuh bil ghageb u imur igerrihielec ta min jaf hiex.

## 14—Sigriet ta chif huejgec ma jinharkux.

Fid-dinja ma tafx f'hiex tigi u x'icolloc bżonn. Bħallichiecu icolloc bżonn cbir li tghaddi minn krib nirien b'mod li tcun fil periclu li ħuejgec jeħdu in-nar. Hemm sigriet biex ħuejgec ma jeħdux nar. Issa, istħajjel li barra milli int icolloc bżonn, tcun trid ucoll tghaggeb lil nies billi tghaddi

minn gio ħuggiegia kuddiemhom bla ma ħuejgec jakbdu. Ara chif. Ghamel soluzioni kauuija ferm tal burax fl'ilma u ghaddas u xarrab ħuejgec (jeu dic il libsa ħoxna li biha s'er tghaddi minn gio'l ħuggiegia) f'dis-soluzioni. Huejgec icunu l'icunu: suf, musilina, ecc. Nixxifhom. Meta jinxfu ma jeħdux nar, u l'injuranti malajr ighidu li int kieghed tlesti biex tilka' ghad-Dinja 'l Hamra!

## 15—Chif turi 'l hajja fi zring mejjet.

Li tati 'l ħajja lil mejtin hia ħagia m'hix tac-ciajt. Ghalhecc, meta turi li kieghed tkajjem ħagia mejta taghmel impressioni cbira, l'actarnett f'moħħ id-dghajfin li ma igibux f'moħħhom suspett ta chimica. Issa haun tcun taf chif turi li ghadu ħaj żringi li kabel tcun tajtu fl'idejn u rauh tasseu mejjet.

Icolloc iż-żringi mejjet. Issa fuk ħgiegia cbira kieghed biccia folja żingu u fuk din ghamel iż-żringi mejjet b'mod li nofsu icun fuk iż-żingu u in-nofs l'ieħor krib tmintax-irbieghi, jeu biccia munita fidda oħra. Iż-żingu, iżda, ma iridx icun imiss mal munita. Jecc issa int trid li iż-żringi jidher ghadu ħaj, ħu fildiferruua tal metall imghaugia b'mod li it-truf taghha, uieħed icun imiss iż-żingu u it-tarf l'ieħor imiss lil munita, u kis li daun icunu fuk il ħgieġ. Malli il fildiferruua tmiss liż-żeuġ metalli tara liż-żringi li chien mejjet jibda jokmos bil kauui, u uara ftit, fl'aħħar, jakbeż b'salt daks demoniu minn fuk collox ghall barra. Biex din fil ghajn tidher actar tal ghageb, ghamel mod li min icun iħares la icun jaf x'ghamilt u l'ankas tħallih jara l'affarijet: ghattihom. Ftit tal invenzioni minn rasec, tajba. Bħallichicu liż-żringi tpespislu u tferfirlu sebghec il uerrej, tchellmu bil-Latin jeu Gharbi, tberrak ftit ghajnejc u tiffissa lejn xi farfett-il-lejl l'icolloc mejjet minxur mal ħajt, ixxejjer il bacchetta (biccia bastun) t'idec fl'ajru, u hecc. Huejjeġ l'igibulec ħsieb, li jimleu il moħħ u l'ghajnejn, chif chien jaghmel is-Saħħar l'Abjad Bettini. Daun il mossi taghmilhom f'cull seħer jeu loghba li taghmel.

## 16—Iggieghel l'uciuh jidhru tal biza'.

Xarrab ftit żaghfran (hay saffron) f'coċċ spirtu di vinu ghall 12 il siegha, imbghad itfa' fih ftit melħ milli nieclu. Meta jinħall collox itfghu fuk kabda stoppa u ixghelha. F'dan il ħin, dauc l'icunu ma gembec u l'icunu ta uiċċ sabiħ bajdani jidhru ħodor ħaxix, u dauc l'icunu ta uiċċ aħmar jeu ixkar, ruxxan, jidhru uiccihom leun żejt iż-żeb-bugia carg. Il ħmura tax-xofftejn u il ħaddejn dejjem actarx jidhru ta leun żebbugi kauui. Intant: uiċċ iċreh chemm jista'

icun. Issa, il din ir-ricetta użaħa f'xi ħaġ'oħra, għall fejn moħħoc jatic: oħlok xi-ħagia biha int. Bħallichiecu minn tokba uri il xi żeuġ irgiel oħra, li uiccihom icun għall dan id-daul, u għid li huma certi nies ta pajjiż fil-bogħod, jeu għid li għandec il ħila turi l'uciuħ chif icunu fid-dinja l'oħra, inchella li turi il uiċċ chif icun f'certa marda, jeuinchella tidher f'x'imchien int innifsec hecc. Katt la turi is-sigriet tal preparazioni tad-daul ta dic li stoppa, u b'hecc, meta il bniedem icun sajjem għall collox mis-sigriet, okgħod żgur li jistagħgeb.

## 17—Tagħmel vulcan jitfa' in-nar.

Biex iggiegħel il ħbiebec jeu il xi nies itellgħu ħuġbejhom u jistagħġbu, ħabbrilhom jeu ipprofettizzalhom li hemm f'dic il għalka (bħallichiecu) sa siegħa oħra jitla' ferħ ta vulcan itajjar in-nar. Chif tagħmel?

Kabel ma tgħidilhom hecc, bil moħbi taghhom, f'dic il għalka ordom din it-taħlita. Għamel ilma, cubrit u limatura tal ħadid it-tlieta daks uieħed. Għaginhom li jigiu kishom ciappa tajn. Ħaffer u ordom din il pasta taħt 6 isuaba u għatti seuua bit-trab. Uara ftit jiżbocca vulcan, igħidulu Il Vulcan ta Lamery. Il pasta tieħu in-nar ueħidha, tiftaħ bocca fil uiċċ u tibda ittajjar ix-xrar, duħħan u nirien.

Din tigi bħall gażibi li chien jagħmel il Muħammed u juri lil dauc li chienu imorru uarajħ, meta minn kabel chien jaħbi fil muntanji xi gild ta gemel mimli bl'ilma, u meta in-nies ta miegħu jakbadhom l'għadċ, jati dakka bil virga t'idu fuk (għaltaparsi) il blat u araħ imbericalla tinfetaħ nixxiegħa tal ilma: miraclu!

## 18—Sigriet ta chif tixgħel nar taht l'ilma.

Bħallichiecu f'lejla mudlama, gemb il baħar, tcun trid turi is-sħarijet chimici jeu il ħila tiegħec fl'egħgiubijet billi il x'uħud tgħidilhom u turihom nar jakbad taħt l'ilma fid-dalma tal-lejl. Tagħmel hecc:

Ħu tliet euuiek powder, ukija sananitru, u tliet euuiek sulphur-vivum (għamla ta cubrit). Isħakhom, għarbilhom u ħallathom flimchien tajjeb. Issa, b'din it-taħlita imla' bħal cannol tal cartun, jeu xi għamla ta forma, u din takbadlec taħt l'ilma u tibka' takbad sachemm tinħela u tintefa.

Uieħed fil Persia li chienu jgħodduħ b'alla saħħari għax chien jagħmel is-sħarijet (li chif kegħdin tarau m'humiex ħlief chimica) resak b'migimgħa ta nies (fanatici) lejn il baħar u kal: "Jen setgħan: b'ħilti nagħmel żeuġ egħdeuua ħbieb, l'ilma u'n-nar. Daun ma jibżgħux minn xulxin, Nicmanda, immela, l'isir nar fl'ilma!" In-nar kabad u il migimgħa

staghġbet, u hu baka' l'ghageb tal fanatici u mniżżel fil-lista tas-Saħħarin. Huhiex dan is-sigriet semplici ricetta ?

## 19=Iddahhal subghajc fl'ilma u ma jixxarbux.

X'jidhirlec chiecu jarauc iddaħħal subghajc gherieuen fl'ilma u ma jixxarbux ? Jibdeu jaghmlu slaleb fuk żakkhom (f'Malta) u ighidu Gieżumarija m'hux bil ftit ! Ara chif taghmel.

Ferrex bl'attenzjoni quantità ta żerriegha tal licopodiu fuk uicċ l'ilma, u b'biccia njam ferrixha seuua fuk dan il uicċ tal ilma l'icun fi platt jeu tazza b'mod li ticsi 'l uicċ collu. Issa, jecc fl'ilma titfa' biccia munita jeu ħaġ'oħra u iddeffes subghajc fil fond tal ilma fil platt biex iggibha, subghajc ma jixxarbux, la f'uakt l'iddaħħalhom u l'ankas meta toħrogihom, l'ghaliex il licopodiu igheżuirlec il subghajc huma-u deħlin ! B'din, bla ma tghid is-sigriet x'inhu, tista' tilghab imħatra chemm trid li iddeffes subghajc fl'ilma u ma jixxarbux.

## 20=Seher li taghmel id-deheb (fid-dhera).

*Trasformazioni ta gmiel cbir.*

Tlesti il chimica gio tazza minn kabel ma tersak kuddiem min s'er taghmlu, b'dan il mod li gej : Itfa' nofs ukija muriat tan-nitrn tad-deheb (nitro-muriate of gold) f'tazza, u itfa' fih biccia faħma tal cannol, tal ħatab (charcoal), lixxa chemm tista' tcun ; kieghed it-tazza ghar-raggi tax-xemx f'post sħun. B'hecc, din il faħma malajr taraha micsija b'chisja ta deheb mill isbaħ. Akbadha b'pinzetta, nixxifha, ghalakha taħt bozza u esponieha.

Issa isthajjel li kuddiem min sejjer taghmlu ma turihx it-tazza bil chimica, tghidlu biss "Din il faħma nurihielec deheb mill isbaħ f'mument," tidħol geuua, tghaddasha fil chimica, u uara ftit turihielu deheb mill isbaħ nett. B'din, is-Saħħarin ta ilu, taħt l'isem ta Alchimisti, bħal Cagliostru, Geber, Alfaradi, Albertu Magnu, u oħrajn, min jaf chemm ghaġġbu nies ! Uħud minnhom sa bi slaten karrku. Oħrajn, b'dan il mod, min laħak f'postijet gholjin, min iżżeuueg banda tajba, u min accuista li ried, ghax id-deheb jghammex l'ghajnejn u jimla' 'l moħħ, u meta magicalment ureu li jafu jaghmlu deheb ingibdu lejhom. B'dan il mod karrku anchi bis-Sultan Pintu taghna.

Ħalli 's-seher fil gemb u narau jecc din takdicx fi ħuejjeg oħra. Chiecu toħlok xi ħagia li ghall ġmiel taghha timbieh, nghidu-aħna taghmel Presepiu b'dhera ta blat tad-deheb mill isbaħ ? G'miel li jinħataf bil flus u ma tcunx tati ħlief ħatab u nitru !

Oħra. Int taħdem minn dan chemm trid. Issa, istħajjel li f'darec ma tarax ħlief bcejjec ta deheb mill isbaħ l'haun u l'hemm imxerrdin, taħt bozoz, duar incuatri, ecc., int u id-dar tieghec ma taghmlux aspett ieħor fl'ghajnejn?

## 21—Bajda takbad, issir nar fl'ilma.

Suppost li tuakkaf mara tbieħ il bajd, tghidilha li il bajd li kieghda tbieħ fih is-seħer. Din takbad tidħac bic. Iżda meta takbdilha bajda minn gio'l koffa, titfaghha fil but tieghec, u tibdilhielha ma dic il bajda l'icolloc preparata fil but tieghec stess, imbghad titfaghhielha gio barmil ilma frisc, u taraha takbad nar, din il mara ma tghajricx bi ftit tassetta, saħħar, u cliem bħal dan!

Il bajda tieghec tippreparaha hecc. Tiżvojtaha minn tokba li taghmlilha u timlieha b'taħlita daksinseu ta trab maghmul mill cubrit pur, sananitru, u gir ħaj (jigifieri ħiereg mill calcara bla ma hu 'mxarrab). Issodd it-tokba tal bajda b'biccia carta miċsija bix-xemgha bajda. Jecc titfa' din il bajda fl'ilma il gir jakbad, u jecc icun id-dlam il bajda tidher ħamra nar. Hecu dic il mara tistaghgeb meta taħseb li dic il bajda hia minn taghha stess!—Din il loghba, jecc taghraf taħdimha, tghaggeb.

## 22—Tħabbar-tipprofetizza-it-tempijet int-u-miexi.

Jecc tcun miexi ma xi ħbieb u il daun cull darba tħabbrilhom, tipprofettizzalhom x'temp icun gej ma jidhirlicx li jistaghġbu? Int ma icollocx ħlief żeuġ tubi — uieħed tal carti u l'ieħor tal ħgieġ—fil but, u culltant tatiehom dakka t'ghajn bil moħbi ta ħbiebec. B'hecc int tibda tghidilhom x'temp gej. Huma, l'icunu sajmin mis-sigriet, jghodduc bħala xi Astronomu jeu Pronoscu kauui jecc icunu ta ftit dehen, u jecc icunu njuranti ghall-collox bħal xej ma jghodducx b'saħħar, fil ħin li dan collu ma icunx ħlief l'iżżomm it-tubi fukec u l'amment ta ftit sinjali jeu iluien li tara fit-tubi. Ara issa chif ghandec taħdmu bil chimica l'euuel tubu.

Hallat u ħoll flimchien din it-taħlita li gejja bl'użin perfett: Ukija cobalt chloride; minn ukija sa ukitejn melħ comuni; 75 grani calciun chloride; u minn ukija sa erba' euuiek gomma arabica f'4 euuiek ilma.

Meta dit-taħlita tinħall fl'ilma msemmi ghaddas u xarrab seuua fiha cannoli (tubi) tal carta xuga. Cannol minn daun jibdel il culur scond it-temp (tal ajru) l'icun gej. Jecc isir blù, icun gej temp ciar—meta jibdel il culur f'leun lilac, icun gej temp imniddi, imciajpar—meta il culur isir aħmar, icun gej temp imdellec u uarajh actarx temp kauui, riefnu, ecc. Issa, bir-ricetta li gejja icolloc it-tempijet collha.

## 23—Sigriet ta barumetru iehor li bih taghraf x'gej.

B'dan is-sigriet f'idejc icolloc tħabbir u tnebbiħ ta tkallib tal ajru ieħor, u ta ghamliet oħra, u b'hecc, b'dan u b'ta kablu, tcun tista' tghaggeb lil ħbiebec chemm trid meta tghidilhom minn kabel x'gej u x'mhux gej. Ara dan, issa, chif isir: Hù tubu tal ħgieg irkiek l'icun 12 il pulzier tul u tliet cuarti ta pulzier diametru, u imla' tlieta mill'erba' ta dat-tubu b'żeuġ drammi ganfra (camphor), nofs dramma sananitru pur, nofs dramma tal ammonia u ukitejn spirtu pur (alcohol). It-tubu tal ħgieġ, jecc icun hemm bżonn, jista' fuk (fil fomm) icun marbut bil gilda ta bużżieka tal annimali, u hecc icun lest. Issa, bħala sinjal li sejjer icun temp sabiħ, issib bħala borra bajda (bħal imdardar) fil kieħ tat-tubu, filuakt li il-liquidu fuk (tat-tubu) icun ciar u traspasenti. Bħala sinjal li gejja ix-xita, il materia (id-dardir, dac li bħal borra bajda) titla' fil uiċċ tat-tubu, cioè tal liquidu. Is-sinjal li juri li gejja xi maltempata kauuija tcun illi il materia tibda tghum u tixxenghel fil uiċċ f'ghamla ta borra bajda u il liquidu jidher fi stat l'ibakbak (jiffirminta). B'sinjal li tcun gejja il ġlata (chesħa kauuija li taghkad) is-soluzzioni jeu liquidu ta giot-tubu icun jidher b'dhera ta f'ħafna cuiecheb żghar; u fi żmien is-sajf, jeu temp sħun, dic il borra bajda li fit-tubu taka' fil kieħ jebsa.—B'daun tħabbar l'ajru u taghmílha tal Profeta bla ħadd jintebaħ chif.

## 24—Bcejjec fmsahhrin iduru : jekfu xhin ticcmandahom.

Min jara dan is-seħer jistaghgeb. Ara x'inhu. Tkieghed certi bcejjec fuk uiċċ l'ilma l'icun gio friscatur jeu flixcun cbir: daun il bcejjec jibdeu jicciakilku, jimxu il kuddiem b'kauua cbira u iduru b'genn cbir. Is-sabieħa hi li malli ticcmandahom pronti jekfu bla ma tmisshom. Ifhem chif taghmel.

Istħajjel li int bħas-saħħar Avicenna, dejjem b'kata' nies iħarsu lejc jistenneu dejjem li sejjer turi xi ħagia tal ghageb. Allura f'din id-darba icolloc fukec ippreparat coċċ frac jeu kxur tal ganfra u farchiet tal grass. Itfa' ftit mill kxur tal ganfra f'uiċċ l'ilma tal friscatur; daun jakbdu jiġru u iduru il kuddiem ueħidhom. Issa lesti farca grass bejn subghajc u f'uakt li tghid "Niccmandacom tiekfu" itlak il dil farca grass minn bejn subghajc ghall gio'l ilma bla ma tħalli il min jarac. Dauc il bcejjec f'dan il ħin malajr jeħdu xocc, jitvenvnu lura, u b'sabta magica jekfu. In-nies tistaghgeb xħin tara li mal chelma tieghec uakfu. Is-sigriet kieghed li il ganfra f'uiċċ l'ilma iddur u tiġri u il grass jixxocchiaha u iżommha. Żomm sigriet u la tghidx daun x'inhuma u x'jaghmlu: la tħallix il min jarac titfa' il grass ghax titlef il pregiu, ghax fid-dinja haun ħafna sigrieti li ghadilli icunu

semplici, imma huma sigrieti li jisueu u jghaġġbu meta bihom icolloc moħħ li toħlok bosta ħuejjeg li uaħda m'hix bħall oħra bli stess ħagia.

## 25—Turi fid-dlamijet eghjun tan-nar itajru.

Istħajjel li int culljum taghmel ħuejjeg tal ghageb u bihom tghaddi il kuddiem bħalma chienu il Caballisticu Bertu il Cbir jeu Raimond Lulli, li dan b'daun chellu ħila jilħak Gran Senescalc fil Korti tas-Sultan Giacbu fli Spanja. Intant: filuakt li tcun ippreparajt minn kabel, issa sejjer turi Eghjun tan-Nar micsijin b'duħħan mudual. Taghmel hecc:

Żeuġ parti żingu (bcejjec misħukin irkiek), ħallat maghhom żeuġ parti fosforu bi proporzion ta 10 grani fosforu u 20 żingu. Issa fukhom itfa' nofs ukija ilma imħallat ma cuart ta ukija acidu sulforicu. Uara ftit il dan arah isir gas idrogenu fosfurettat. Issa itfi li dual u int mal oħrajn tarau bħal lanez żghar sbieħ ferm, ta leun fiammi coħol, joħorgiu b'kauua mill kieh tal liquidu, filuakt li il uiċċ isir micsi b'duħħan mudual. Dan hua esperiment uisk sabiħ, kisu ghajn ittajjar, u maghmul f'minuta. L'effett ta dan trid taraħ meta ir-ricetta taghmilha fil cobor, taghmilha ghal-lejl fid-dlam, kuddiem nies ghorba li maghhom icolloc fama li minn ħuejjeg ta xejn toħlok oħrajn tal ghageb. X'tista' tghidilhom li huma dauc il lanez żghar ta fiammi leun icħal l'ivenvnu b'kauua mill kieħ? (Il chif u x'inhu żommhom ghalic).

## 26—Uicc tal ghageb jicciaklak ghall dejjem. Motuperpetuu.

Bħala uieħed li trid tghaggeb u tinfluenza il ħbiebec allura fittex li fil ghorfa tieghec taghmel xi ħagia magica, imsaħħra, imkeghda fejn tidher malli tidħol f'postoc l'imrecchen, bħallichiecu tkieghda floc bozza fuk mejda jeu fuk xcaffa fil baxx. Din tcun maghmula b'mod li malli daun ħbiebec jarauha jistaghġbu, jidħlu f'dakka fi ħsieb ruħhom, jigifieri li tissurprendihom b'mod li geuua fihom infushom jitħassbu u ighidu li tasseu int hua dac il bniedem li taghmel misteri. X'toħlok? X'taghmel?

Aghmel xi ħagia li ticciaklak ueħida u dejjem: aghmel bħal bniedem żghir, icreh, uiċċ ta saħħar, li dan irid icun maghmul (maħdum) minn biccia gebla isimha *Lapis Calaminaris* u żommu fil gemb sachemm inghidlec.

Issa, itfa' bcejjec żghar jeu limatura tal ħadid fl'acquaforti u ħalliehom fih sachemm l'acquaforti jeħu 's-sugu collu tal ħadid, li dan idum minn 7 sa 8 sieghat. Imbghad saffih

u keghdu fi flixcun uiesa', nghidu-aħna pulzier b'fomm uiesa'. Issa itfa' fih dac il mostru maghmul mill Lapis Calaminaris u sodd il flixcun. Dan il mostru żghir, scond din il chimica, jibka' jitħabat, joghla u jiżfen uaħdu hemmgeu ghall dejjem. U ħbiebec jistaghġbu, jitħassbu, itellghu ħuġbejhom.

Issa, actar ma dic il gebla taħdimha xi mostru fil cobor u icreh, żbotcu, bil krun, b'ghajnejn coroħ, iżjed il fanatici iroddu slaleb u jidbeghdu, u dan ma icunx ħlief effett ta sigriet ta chimica u ħsieb.

**27—Chif iggieghel il dac l'icun johlcm li trid int u tipprofetizzalu x'ser johlom minn kabel.**

Ticteb fuk carta bla ma dic il persuna li sejjer tħabbrilha il ħolma tcun taf xi ctibt. Fuk il carta ticteb per eżempiu xi ħagia hecc :— "Sinjura Roż. Il ħolma tieghec fil-lejl tal 24 tax-xahar li aħna fih chienet : "Li in-namrat gherek ma dghajsa fid-daħlà ta Selmun ; ħuc Salvu ried isalvah, imma certu barclor laħak katlu b'sicchina."

Il carta mictuba b'dan titnieha bħala ittra, tissigillaha, u tatieha lil dic il persuna bil patt li ma tiftaħhiex kabel ma tghidilha int : jigifieri uara il ħolma.

Sabiex il ħolma isseħħ b'din il profezija ghandec tħejji, jecc jista' icun, li il fil-ghodu tindeħes fil camra tas-sodda ta dic il persuna u tibda tghedued b'leħen baxx chemm jista' icun, u uaħda f'uaħda, u b'certa pausa, il cliem li gej f'uidnitha "Bertu (isem in-namrat)...daħla....Selmun....gherek... dghajsa....ħuc.....Salvu.....isalvah....barclor....sicchina.... katlu...

Uara li tcun gherghirt dac il cliem fil uidna b'certa pausa lil persuna riekda, ibka' stenna sa nofs siegha, u imbghad fittex li 'ggighelha tistembaħ billi tokghod krib il bieb u troxx ftit ktari ilma fuk uicciha, tidbieghed malajr u bil moħbi, b'mod li jirnexxilec, jigifieri ma tintebaħx bic, u isseħħlec il profezija. B'din il ghamla jistghu isiru profeziji u issir taf ta cull darba, u jirnexxilec bla dubiu, chemm-il-darba taghmel bir-rekka li ghidna ; u fuk collox ma tinsiex li tkieghed lil persuna riekda bejn li rkad u li stembiħ (lohbiena) bil bexx tal ktari. B'hecc, il capacissimu Cavalier Bartilmeu Boscu ta Turin chien jakta 'l ħolm lin-nies b'ghageb cbir. Suppost li din taghmilha lil nies li torkod maghhom bil cunfidenza bla ma tghidilhom, u allura ta cull darba tħabbrilhom x'ħolmu, jeu iggighelhom joħolmu dac li trid int u tghidilhom uara, m'hix ħagia sabieħa din ?

# Chif il Fakiri jeclu in-nar.

## Tuissijet Kabel.

Fil Cotba tal Magici, u f'Xoghol il Fakiri li jimxu fuk in-nar jeu jecluh u jilghabu bil chimica kauuija, inġibu u nakrau ħafna tuissijet bħal li gejjin, u jecc int bi ħsiebec tipprova hu meħtieg bil cbir li taghmel u tisma' daun it-tuissijet bir-rekka collha. Ifhem.

Uaħda mit-tuissijet hi li biex tilghab b'daun l'imsemmijin *trid tippratca kabel* u tibda bil-ftit-il-ftit.

Iuissu li, meta filuakt li tcun s'er tkieghed xi ħagia imkabbda f'ħalkec cun żgur li il ħalk icun immeċlak u 'mniddi tajjeb bis-saliva tieghu, jigifieri bil bżiek u ir-riek li joħorgiu mill glandoli ta dan ħalkec, u f'dan il ħin tcun kieghed titfa' in-nifs il barra *uiehed f'uiehed* (continuament) b'kauua iżjed jeu inkas scond is-sħana li tista'. tissaporti f'dac il ħin.

Iuissu li jecc il ħagia 'mkabbda turic li sejra taħraklec ħalkec, *tittantax* li *titfaghha* il barra malajr, le, imma ħafif-ħafif taghlak ħalkec, xoffteje ma xulxin bla ma jghaddilhom nifs, u tieħu in-nifs mill imnieħer, li b'hecc in-nar imur il barra (jisparixxi) f'dac il uakt.

Fil-Loghba tal Gas Bnedmija (Human Gas Trick) fejn fiamma tuila minn 10 sa 15 il pulzier hia muaddba mill ħalk, cun attent li uara li tkabbad il gas *tibka' titfa' il gas il barra.* Meta tixtiek li il gas joħroġ, semplicement titbok xoffteje marsusa ma xulxin u iżżomm in-nifs ghall ftit se-condi. F'din il-loghba, sachemm il gas icun ħareg, cull nifs il geuua hua maħsub li tħarislu bl'akua periclu serju.

Ghall attenzioni ta dan li ghidna, jista' uieħed igiarrab kabel b'sulfarina mixghula, li kabelxejn tneħħilha il fosforu, jecc icun fiha.

## 28—Is-sigriet li turi li k'ed tibla' in-nar.

Il biccia 'l cbira ta dac l'isir fid-dinja hua kerk. Dauc in-nies li jarauc tiecol u tibla' n-nar jistaghġbu, l'actarnett meta ma icunux jafu x'inhu, xi cualita' hu dac in-nar, x'inti titfa' u x'jiġri meta titfghu. Il cas hu li int tcun kieghed titfa' in-nar f'ħalkec.

Tcun tippossiedi daun is-sigrieti li gejjin ma dauc ta kabel u li gejjin il kuddiem, u icolloc pratca u confidenza f'eghmilhom, okghod żgur li chiecu ghext mitt (?) sena ilu, bihom chien jiġrilec iżjed milli ġralhom dauc li sabu ruħhom kuddiem l'Ufficciu tal Inquiżizioni. Imma illum, l'Autoritajet ghandhom daul m'hux f'ghajnejhom biss!

Nibdeu biex nuru uaħda uaħda x'inhuma.

Kabel ma tidher kuddiem min s'er jarac kis li tlesti l'oggetti minn kabel, u x'inhuma daun l'oggetti u il chif isiru ħallih fil ghama. Mela:

Icolloc tnejn (jeu iżjed) sponoż żghar, keghdhom fuk paletta u itfa' fukhom gażolina biżżejjed b'chemm tniddihom. Attent li ma titfaghlhomx gażolina żejda b'mod li f'uakt l'icunu keghdin jakbdu jibdeu jinżlu ktari mkabbdin. Fukhecc okghod attent uisk, ghax minn hau' jiddependi li jirnexxilec b'uiċċ-il-gid. Issa, ixghel daun li sponoż, akbad uaħda minnhom b'imkass tan-nar, uaddab rasec lura u itfa' li sponża 'mkabbda nar f'ħalkec; tinsiex li titfa' dejjem in-nifs minn ħalkec il barra. Issa, ghalak ħalkec malajr. B'dan il mod tcun kieghed takta' l'arja lill vampa (fiamma) li f'dac il ħin stess tispiccia, tisparixxi. Attent li ma tuakkax li sponża fuk ilħitec jeu uiċċec. X'ħin tispiccia neħħi li sponża b'mod moħbi minn taħt mactur kabel ma tkieghed it-tieni uaħda f'ħalkec. Ma jiġrilec ebda ħsara jecc tippratca f'din, ghax is-saliva ta ħalkec u il mod li tifga 'l vampa huma biżżejjed. Dauc li jarauc jistaghġbu, l'actarnett jecc icunu ghorba, meta ma icunux jafu is-sigriet (tal gażolin u sponża) u jarauc titfa' f'ħalkec ciappa (hi x'inhi) nar jivvampia. Li sponoż f'dac il ħin jidhru giamar nar.

## 29—Sigriet li tiecol il balal tan-nar.

Kieghed tant spirtu (alcohol) f'borma u atih in-nar. Issa icolloc il banana (u bla ma turi li hi banana u tirrangiaha f'xebħ ta giamar) ghaddasha fil fiammi ta dan in-nar tal alcohol u ibda culha f'uakt li tivvampia. Malli tkieghda f'ħalkec okghod żgur li in-nar imur, jisparixxi, bla ma int tħoss xejn. M'hux hecc imma jaħseb min icun iħares lejc bla ma jaf l'affari. Min jaf x'jaħsbuh il dac in-nar? Min jaf x'jaħsbuha dic il banana ħoxna ħoxna bħala balla tivvampia? Jaħsbuha balla nar. Semplici żeuġ sigrieti: alcohol u banana. Il uieħed jintefa malajr bla ħruk u l'oħra tittiechel bi tieba! Dan hu dac in-nar li jeclu il Fakiri li tant tisma' bihom. Is-sigriet collox.

## 30—Catina nirien f'ħalkec.

Ħu biccia ftila tuila 8 jeu 10 pulzieri, xappapa fiż-żejt tal Kerosine u ghasar minnha il bkija taż-żejt b'mod li tigi cuażi xotta. Issa, bi 'mkass-tan-nar żomm tarf minnha (mill ftila), kabbadha minn vampa tan-nar, itfa' rasec lura u ibda itlakha ghall gio ħalkec *f'uakt li tuaddab in-nifs il barra.* Meta tcun collha f'ħalkec ghalak xofftejc u obżokha b'ħeffa minn taħt (minn uara) mactur. Xejn ma jiġrilec.

Attent. Żomm it-tarf (tal ftila) tajjeb bl'imkass, altrimenti tista' takaghlec u ticcagiunalec xi ħarka serja. Ghall din ir-ragiuni ucoll ghandec taghsar il ftila tajjeb mill Kerosine, biex ma taka' ebda katra 'mkabbda.

### 31—Oħra li titfa' in-nar fuk ilsienec u tibilghu.

Ħu f'idec il uaħda sticca tal incira comuni u f'idec l'oħra xemgha tixghel, ħoll l'incira fuk ix-xemgha u f'uakt li tcun tivvampia nar itfa' fuk ilsienec minn daun il ktari tal incira imkabbdin, ghalak ħalkec u ghamel tabirruħec li k'ed tibla' daun il ktari nar. Ma jiġrilec xejn. Is-sigriet hu li malli tkieghed il katra fuk ilsienec, il merak (il bżiek) ta fuk ilsienec u ta ħalkec cuażi fil pront ichessħu il dauc il ktari jivvampiau li tcun tfajt. Biss, okghod attent li ma titfax fuk xofftejc, jeu ilħitec, inchella idejc, ghax daun m'ghandhomx riek (bżiek) biex ichessħu bhall ilsienec u ħalkec. Fhimt ? Żomm sigriet li dic hia incira u li ticsaħ malajr bil bżiek f'ħalkec, ħalli minn ma jafx iberrak ghajnejh u jgholli ħuġbejh.

### 32—Sigriet li tibla' 'n-nar u tixghel b'ħalkec mill boghod.

Gheżuer biccia koton maduar żeuġ bcejjec żghar tal cubrit (jiġifieri żeuġ bcejjec żghar tal cubrit imgheżuerin fil koton) u xarrab dal koton fil gażolina. Issa, ħudu bejn subghajc, ghasar il-liquidu żejjed l'icun fih, kabbdu b'xemgha, itfa' lura rasec ferm u poggieh fuk ilsienec jakbad. Issa onfoħ il barra u tcun kieghed tuaddab in-nar minn ħalkec. Ghandec tcun taf li dic ix-xemgha li tcun ghadec chemm tfejt frisc tista' targia' tixghelha bil vampa ta ħalkec minn kama boghod, li b'hecc il din il loghoba fakirija (ta tfiħ in-nar mill ħalk) taghmilha actar tal ghageb, sabieħa u curjuża. Uara li tixghel ix-xemgha bil vampa ta ħalkec, omghod il cubrit u ghamel tabirruħec li blajtu: ghaltaparsi imsaħ xofftejc u obżku minn uara 'l mactur. La taħsibx li sejjer tinħarak, ghax min jaf chemm jaghmluha din dauc li jilghabu b'din l'ghamla ta Sħarijet tal Fakiri. Il cubrit m'hux velenu.

### 33—Sigriet li tiecol frott jakbad vampa nar.

Ferragh daks imgharfa spirtu (alcohol) fi plattina u itfa' fih daks disa' żbibiet imdakksin (cbar) u ixghel li spirtu b'candiletta. Issa, akbad b'furchetta u culhom uaħda-uaħda bħalchiecu kieghed tiecol ix-xiua. Inti tista' tomghodhom u tiblaghhom bla ma jaghmlulec xejn : ma jaħarkucx. Iżda min iħares lejc bla ma jaf chif inhi l'affari jistaghgeb bic li k'ed tiecol in-nar u dan jarah b'ghajnejh stess. Hu ma icunx jaf li dac żbib : jaħsbu faħam coke imkabbad !

## 34—Il Ghageb tal Flixcun Imsahhar.

Il Misteru tal "Ghageb tal Flixcun" illi minnu jista' jigi 'mferragh, uieħed uara l'ieħor, ix-xorb jeu licuri, bħall Portuajn, ix-Xerri, il Claret, l'Ilma, ix-Xampanja inchella 'l-Linca, scond il cmand ta f'idejn min icun il flixcun, nistghu infissruh haun taħt li jisuielec tcun tafu bil fhema li taghmel l'ghoġbijet minn cull ghamla. Ifhem seuua.

Icolloc flixcun f'idec u xi-ħadd ighidlec biex tferraghlu l'imbit: int tferra' l'imbit. Jecc ieħor jistaksic ghall linca, tferraghlu 'l-linca; ieħor ighidlec ghall ilma, tferraghlu l'ilma (u mill istess flixcun). u hecc il bkija. Ifhem.

Ghall dan is-seħer, jeu ghageb, irid icolloc flixcun ordinarju ta ħgieg culurit li jasa' (chejl) Nofs, icolloc seba' tazzi ta l'imbit, uaħda m'hix bħall oħra, u chimica li sejrin insemmu. (L'ismijet tal chimica l'aħjar inħalluhom bl'Ingliż jeu Latin biex ma jimbidlulniex ma oħrajn li jixxieħbu jeu nitilfu is-sinjificat taghhom).

Taħlita A—Mistura ta tintura ta ferric chloride, sitt drammi; hydrochloric acid, żeuġ drammi.

Soluzion B—Soluzioni (maħlul) saturata ta ammonium Sulphocyanide, dramma uaħda.

Soluzion C—Soluzioni kauuija tal ferric chloride, dramma uaħda.

Soluzion D—Soluzioni ħafifa tal ammonium Sulphocyanide.

Soluzion E—Soluzioni concentrata tal acetat tac-ciomb (lead acetate).

Soluzion F—Soluzioni tal ammonium Sulphide, dramma uaħda; jeu pyrogallic acid, dramma uaħda.

Pacchett G—Potassium bicarbonate pulverizzat (misħuk trab fin) dramma uaħda u nofs.

Ifhem seuua. Tcun tfajt żeuġ cucciarini mit-Taħlita A fil flixcun, imbghad x'ħin trid ferra' fit-tazzi l'icun fihom dakxejn mit-taħlitiet differenti li haun fuk imsemmijin: iftacar biss f'liema tazza tcun tfajt dic id-dakxejn mit-taħlitiet (tas-soluzionijet B, C, D, E, F, G.)— Fit-tazza No. 1 itfa' katra jeu katrejn mis-soluzion B, fit-tazza No. 2 itfa' katra jeu tnejn mis-soluzion C, fin-No. 3 katra jeu tnejn mis-soluzion D. In-No. 4 ħalliha vojta. Fit-tazza No. 5 itfa' ftit ktari mis-soluzion E, fit-tazza No. 6 kieghed ftit grani (użin irkiek) mill pacchett G, fit-tazza No. 7 itfa' nakra mis-soluzion F.

Issa, itlob il xi-ħadd igiblec ftit ilma chiesaħ tax-xorb, u tiżgura lil min iħares lejc li l'ilma hua safi, ciar, bajdani, turiehom illi il flixcun tal ilma tieghec hua vojt. Issa imlieh mill kolla u tistaksihom jecc iridux li tferraghlhom imbit jeu ilma, ħalib jeu linca, u hecc il bkija. Int tcun tista'

tferraghlhom uaħda minn daun, liema iridu huma, billi tferra' dakxejn ilma mill flixcun f'dic it-tazza digià lesta, già ippreparata. B'hecc, it-tazza No. 1 tatic culur il Portuajn; No. 2 tatic culur ix-xorb Xerri; No. 3 tatic il culur ta xorb Claret; in No. 4 hia vojta biex tapprovalhom illi dac li hemm fil flixcun li minnu k'ed tferra' hua bla culur, hua ilma; No. 5. tatic il Ħalib; No. 6 tatic Xampanja u ittalla' 'r-rghauua; u in-No. 7 tatic Linca seuda.

Ghandumnejn din il biccia xoghol hia tkila ghalic, iżda jecc iddaħħalha f'rasec li trid taghmilha taghmilha: studiaha, ippratticaha, u hia keghda haun b'mod li tista' taghmilha u taħdimha, u erħilec tghaggeb il min ma jafx bis-sigriet. Fil bidu collox tkil, iżda haun ghandec collox ciar.

Is-sigriet ta dan il ghageb (li m'hu ghageb xejn ħlief ghal min ma jafx) jatic kalb li tistudiah u taħdmu, ghaliex suppost li tcun fost il misteǳnin ta xi tieg, xi *party*, ecc. Hemm cullħadd ifittex li jaghmel xi uaħda minn tieghu. Int ma icollocx ħlief seba tliexchen żghar fil but, l'iservuc ghal ghomroc. Inchiss-inchiss tipprepara it-tazzi li fihom ma icun jidher xejn: jibkghu bojjod u vojti. Tibda tiftaħar li int taghmel l'ghoġbijet: ilma tibdlu fi mbit u li stess ilma tibdlu f'linca, f'ħalib, xampanja bir-rghauua: insomma, li trid. U issib min imieghric. "Ħa', ara, xi trid? linca?— Tistaksih— Ħà, ħù. Xi trid? Ħalib? Ħà, ħù—Xampanja? Haunhi. U mill istess flixcun tal ilma bl'ilma. U ghoġbijet u miracli dejjem.

*Jissoctau is-Sigrieti Chimici.*

## 35—Ilma imsaħhar l'isir ħalib—Chif ghaddeu b'Sahharin.

Fi żmien ilu chien hemm nies fuk ix-xmara Amazon, Brażil, li ghamluha ta saħħarin u ghexu b'hecc. Fost ħafna ħuejjeg oħra chellhom sigriet li l'ilma jaghmluhulec, jeu igiaghluc tarah, ħalib—ħalib b'mod u bi scop ieħor milli rajna f'ta kabel din. Chienu jakelghu bosta flus. Issa tara chif. Chienu isibu nies imuakkghin jeu ghamjin fuk l'imħabba, u ighidulhom bħallichiecu "Arau: jecc dan l'ilma bil cliem imsaħħar u bin-nefħa spirituali taghna isir ħalib Giulinu Micallef (per eżempiu) iħobboc: jecc lè, ma iħobbocx." X'chienu jaghmlu? Ifhem: L'ilma tal gir hu trasparenti u ciar daks l'ilma tar-rebbiegha, iżda hemm sigriet li meta tatih in-nifs ta ħalkec, pront isir abjad bħall ħalib. Ara chif taghmel. Ħù gir trab u keghdu gio flixcun mimli bl'ilma. Ciaklak il flixcun b'dan l'ilma bil gir cull x'ħin jiftillec ghall ma tul giurnata, imbghad ħallih jokghod sal ghada b'mod li il gir jinżel fil kieħ. Saffih u tieħu l'ilma ciar tieghu. Issa, minn

dan l'ilma imla' tazza u onfoħ fih b'xi mserca, jeu tibna, jeu xi tubu tal ħgieg, u fi żmien ta minuta, meta dauc is-Saħħarin chienu igħidulu "sir ħalib" arah jibjad b'għageb ta min icun k'ed jistennieh isir hecc li ma jafx l'għaliex isir hecc.

Dauc is-Saħħarin tal Amazon chienu jimleu żeuġ tazzi : uaħda bl'ilma safi u l'oħra mimlija b'dan l'ilma tal gir. Jecc lil dac il povru li chien imur għandhom chienu iridu jatuhielu b'rebbieħa u iferrħulu 'l kalbu biex iuiżinhom, chienu b'xi mod igiagħluh jonfoħ fit-tazza tal gir, u dan isir ħalib (!), jecc le, chienu igiagħluh jonfoħ fit-tazza bl'ilma safi, u chien jista' idum jonfoħ imkar għomru għax ma isirlux ħalib!

Int (m'hux għall flus) tista' tagħmel ħaġ'oħra. Ara chif. Tlesti 4 tazzi : tlieta minnhom bl'ilma safi u l'oħra bl'ilma tal gir. Icteb fuk carta isem il maħbuba jeu maħbub, u jecc trid tatihielu b'rebbieħa kiegħed din il carta fuk it-tazza tal ilma bil gir. B'dac il mod li taf int, u bil maniggi, giagħlu jonfoħ fuk it-tazzi, uaħda uara uaħda, u żgur, meta jasal f'dic li tridu int, isirlu ħalib, u haun ciakciaklu il profeżija. Turix lil dac l'icun is-sigriet tal ilma, għax titlef l'għaxka collha.

## 36—Chif chienu igiagħlu l'għajnejn jarau dac li katt ma rau.

Meta xi nies chienu imorru għand is-Saħħar El Farabi li huwa msemmi fid-Deluzionijet Straordinarji b'uieħed mill Alchimisti u Saħħarin cbar, dan chien igiagħlhom joħolmu imkajmin, u bl'acbar piacir jarau dac li chienu ħasbu kabel, dac li xtaku u katt ma rau. Chien igiagħlhom jarau b'soddisfazion cbir viżionijet sbieħ scond ix-xeuka tal kalb, scond chif iħossu in-nies tal Lvant. U biex ?

Chien jiskihom certu xarabat !—Issa, nistħajjel, li tridu tafu (biex tistudiau) chif chien jagħmlu dan ix-xorb li aħna sibnieh fil Cutab El Ercżeħani Masri—ctieb mictub u stampat għall publicu minn Figari Bey, tabib Egizzian.

Chien jiżra' f'Mejju il kanneb (cannabis Indica) f'ħamrija tajba u 'mdemmla, għax-xemx kauuija u isakki. Jimbet u jicber. Uara xhar u nofs (?) jeħu it-troffa ta fuk tas-siġra u il uerak. Jgħalli ratal minnhom ma ratal butir għall 12 il siegħa, iniżżlu minn fuk in-nar. Jarfa' il uerak, jgħasru f'ciarruta għall gio li stess ilma. Il dan l'ilma iħallih jicsaħ u jeħu minnu li scorcia li titrabba fil uiċċ li tcun magħkuda mal butir li xeħet. Issa, ma dic li scorcia chien iħallat cuart ta ratal għasel isued, u dakshecc ieħor zoccor, u ftit nocimuscata, cannella, msiemer tal kronfol, ecc., midħunin. Isajjarhom f'tagen bħal kubbajt, bħal frogia. Dakkiet chien jitma minn din il pasta bil kies ta ftit euuiek (jecc Can.

Indica, drammi), u dakkiet chien jaghmlu xorb legbi (liquidu) u jiski minnu bil ftit.

Uara nofs siegha b'hecc chien igiaghlhom jarau ħuejjeg li katt ma rau: ħolm misticu f'uakt li imkajjmin.

Scond il cotba tas-Sigrieti u il Materia Medica, meta tiecol din il pasta, jeu tixrobha, l'effett taghha jaħchem fuk il moħħ u il ħabba tal ghajn fantasticalment b'mod l'iggiblec ferħ cbir fil ħsebijet, iggiaghlec tlablab ferħan u bħal tid-dilleria f'sessic. L'Asiatici jużauha ghall imbit u l'oppiu; l'Gharab igħidu ħafna clemijet sbieħ fukha, cliem bħal "Ħaxixa tal Fakiri", "Uerak il ħolm tal piacir," "Il kankala tax-xeukat," "Iż-żieda tal piaciri," "Is-siment tal ħbeberija," "Il gostijet tal ħajja," ecc. Linneus isejhilha *Fantastica*, u hia il ħaxixa li Omeru isejhilha *Nepenthes*. Ratal raża minnha tigi tkum il belli liri ! *

L'Indiani minn din jippreparau il *bhang* u *subzee*. Daun ghandhom minn din 3 qualitajet. Uahda isimha *Churrus*, li hi ir-raża—l'oħra il *Ganjah*, li hi it-troffa ta fuk tas-siġra— u l'oħra il *Bhang*, jeu *Subzee*, inchella *Sidhee*, li hi l'acbar uerak u il capsuli tas-siġra. Il kauua ta daun issir fl'India u le fl'Europa—(Royle Materia Medica).

Ghadilli il professuri tobba collha chelma uaħda, jigifieri li ma taghmel ebda ħsara fil gisem (fil but, iva), imma aħna 'nuissuc (u mhux ghall din biss, imma ghall cull ħagia li tmiss il gisem) li jecc tigi biex tiecolha, kabel ħù il parir tat-tabib.

## 37—Sigriet tal Bacchetta Divinatoria —Virga Msahhra—

Tcun fx'imchien fil 'gholi kuddiem folla ta nies, bħal nghidu-aħna fuk palc, u icolloc bacchetta jeu virga f'idec li biha taghmel sħarijet jeu ghoġbijet: ittajjar in-nar. Il dil virga dari chienu isejħulha Bacchetta Divinatoria jeu Virga tan-Nar. Cull fejn tmiss b'din il virga isir, jeu, jakbad-vampa bla ma fiha icolloc nar, jeu bla ma fejn messejt icun hemm nar. Chif isir dan ? Ifhem.

Taghmel taħlita bi proporzion ta ratal zoccor ma ratal clorat tal putassa—nofs b'nofs—u tħallathom tajjeb flimchien. Tkis kabelxejn li kabel tħallat liz-zoccor tisħku tajjeb u tirraffinaħ bħal ghabra. Issa, cull fejn tridu jidher vampa b'daħna cbira, kieghed u ferrex minn din il composizjoni. Imbghad jecc icciappas it-tarf ta dic il virga bl'acidu sul-faricu u biha tmiss il dac it-trab dan jixghel vampa b'daħna

NOTA—* Cun af li dan ghandu iservic bi studiu biss, altrimenti, assolutament ma tistax tahdimha: hia contrabandu.

cbira, u haun, bla ma icun hemm nar f'dac it-trab u l'ankas fil virga msaħħra arah jinħolok in-nar bid-daħna.

Heccu: b'dic-il-virga tmiss l'haun u l'hemm, u cullfejn tmiss biha isir duħħan u nar. Mnejn giè dan in-nar u duħħan?— jistaksu dauc l'iħarsu. Hiex ħaġia tal ghageb? Hiex virga imsaħħra bla nar u toħlok nar?—Dac it-trab keghdu fejn ma jidhirx mill pubblicu u la icciappasx il virga bl'acidu kuddiem min jarac, ghax titlef nofs il gost tal ghageb.

## 38—Chif tghalli bajda fuk is-silġ.

Meta tghid li taghmel xi ħagia bil maklub li ghandha issir, bħallichiecu tghid li *issahhan* fuk il *chiesaħ*, min jisimgħec jistaghgeb, jecc ma jghoddocx b'miġnun! Issa, fis-sigriet li sejjer tcun taf haun, tista' tghid li ghandec ħila tghalli bajda tat-tigieg fl'ilma jeu fuk is-silġ. Ara chif. Taghmel gio flixcun żeuġ parti acquaforti u mieghu żid uaħda (part) ilma. Issa ciaklakhom bil kauui. Din it-taħlita malajr issir sħuna iżjed mill pont tat-tgholija. Issa fiha tista' titfa' bajda tat-tigieg b'mod li taghmel imħatra li tghalli bajda tat-tigieg fl'ilma bla nar xejn. Jecc fi blocca silġ tħaffer ħofra u fiha titfa' ftit acidu nitricu u tkieghed il bajda fil ħofra ucoll taghli. Is-silġ hua ilma u l'acqua-forti hua ucoll ilma (kauui). Is-sigriet kieghed filli titfa' ftit ilma f'actar acidu nitricu. B'dan tista' toħlok xi ħaġ'oħra ġdida int.

## 39—Il Flixcun Esplosiv jeu li jispara bla porvli.

Int, bħala bniedem li tghid li taghmel l'eghgiubijet, tghid li taghmel ħuejjeg imsaħħrin u sbieħ minghajr din jeu dic il ħagia, u b'hecc tintafa' il ħarsa tal oħrajn fukec bħalchiecu int xi Ghirgor Rasputin ghall Malta, jista' jigi il uakt li tghid li ghandec ħila taghmel ħsejjes cbar esplusivi minghajr porvli. Haun sejjer tcun taf taghmel l'imsemmi *Flixcun Esplusiv.* Ara chif.

Ħu flixcun ta ħgieg isued, ħgieg oħxon ħafna, m'hux imxakkak, u kauui-sħiħ. Kieghed fih terz ilma, 95 gramma limatura tal ħadid, u 60 gramma acqua-forti (żejt tal vitriol, acidu nitricu). Issa, intappa il flixcun tajjeb, u meta tħoss li il flixcun chesaħ, neħħi it-tapp. Haun tisma' sparatura kauuija. Targia tghalku u tiftħu, u targia' tisma' sparatura kauuija oħra. Hecc tista' tibka' sejjer imkar sa 20 darba.

B'din tghallimt, mela, li meta tħallat flimchien, ilma, limatura, u acidu nitricu, isiru esplosivi.

## 40—Sigriet li taghmel lampa l'iddum turi sena.

Isthajjel li lil hbiebec tghidilhom li ghandec hila taghmel lampa li bla żejt ta ebda ghamla u bla ma tmissha iddum turi sena. Daun imeghruc. Tajjeb. Sib xi mod li bih huma jimmarcau il lampa biex jibkghu jgharfu li dic il lampa sa sena hadd ma messha minn dac il-loc u bakghet turi. Chif taghmel?

Hu sticca tal fosforu u keghdha fi flixcun cbir vojt tal ilma-żghar, minn dauc li ghonkhom tuil b'żakk cbira. Kis li il flixcun icun xott mill ilma u miftuh (bla tapp). Taghmel hecc, dan jatic daul biżżejjed biex taghraf oggett f'camra mudlama, oggett bhal arloġġ biex tara x'hin hu, ecc. Jecc il flixcun icun f'post chiesah, fejn ma hemmx current cbir ta arja, jibka' jati daul iżjed minn sena. U hbiebec, intant, mas-sena imorru jarauh u isibu li ghadu jati id-daul.

Jecc ghandec hila taccuista il fosforu (li jisua xi 5d l'ukija) u tohlok fliexchen żghar ta dic l'ghamla, nitchellmu bi scop ta negoziu, tista' tivvinta lampi żghar li juru ghall dan iż-żmien, u jimbieghu lill dauc li jimxu fi triekat mudlamin, lill min ikieghed il din il ghamla ta lampa b'xi sinjal bil-lejl, lill min iżommha fuk gredenza f'tul il-lejl, u f'xi mard, ecc.

## 41—Chif issahhar jeu timmanjatizza serduc.

Ghid il hbiebec li ghandec hila timmanjatizza il bhejjem u uakka' 'l cliem fuk serduc. Issa, hu serduc f'camra, makbud seuua bejn idejc u bi ġuenhajh miżmumin tajjeb bejn subghajc b'mod maghlukin seuua; keghda fuk mejda, u ghaddaslu munkaru chemm tista' l'isfel. Imbghad gieghel il xi-hadd b'biccia gibs ihażżeż u jiġbed linja direttament (fuk il mejda) minn kuddiem munkaru (u dakkiet minn kuddiem ghajnu uahda). Itilku. F'dan il hin, taghmel chemm taghmel frat-tarija u ghajjat collu ghallxejn, ma jiddisturbauhx, u ghall biccia żmien ma tbeżżghux, jibka' muahhal hemm. Dan jigi milli dic il-linja gibs kuddiem munkaru taghmlu lohbien, naghsan, timmanjatizzah, issahhru u jintilef minn sessieh.

## 42—Chif turi berak falz.

Isimghu chif l'alchimist Pietru D'Apone, minn Apone hdejn Padua, tabib kauui, chien iueruer il xi nies li b'hecc chien juri ruhu b'sahhar u jimla' il dac l'icun bil ghageb u jamar (jinfluenza) fuku. Chien jicri hdejn dac li lilu icun irid jghaggeb, jissajja lejla tax-xita, u ara f'dic il-lejla dan il giar tieghu jara berak mija mija f'dakka b'mod li jitueruer: jahseb li uaslet il-lejla tal ahhar tad-dinja. Pietru l'alchimist jixref mit-tieka, u "L'isem! X'ġej il-lejla?" jibda jistaksi

b'ghajnejh iuaħħxu lil giar. U il giar iħoss imsarnu neżlin bil biża'. Imma "jekaf, niccmandac, ja berak!" chien ighid dan is-saħħar taljan Pietru b'leħen imżarżar u ta kauua (u iżellak xi chelmtejn bil-Latin biex iżejjinha), u il berak b'ghageb cbir jekaf (u żgur! issa tara l'ghaliex!) Il giar jistghageb, u f'dac il ħin jecc Pietru jitolbu iżeugiu il bintu jeu icla raviul, jiddobbaha bla dubiu xejn. Chif chien jigi il berak? Issa tarau. Chien jaghmlu Pietru D'Apone l'alchimist stess. Arau chif.

Jaghmel tubu tal landa l'icun dejjak minn tarf izjed milli hu minn ieħor (bħall clarinett), u fih chien jaghmel ftit tokob irkak. Jimla' il dat-tubu bi trab tar-raża. Chien jiggenneb mat-tieka u iżomm lit-tubu il fuk, fuk torcia takbad, u malli iciakilku il kbid tat-trab tar-raża li jaka' fuk daul it-torcia juri ghamla ta berak tasseu: ma jingharafx.
Din tista' isservic ghall palc, inchella ticciajta b'xi-ħadd li jitueruer mill berak.

## 43—Chif taghmel ciurchett jiżfen.

Istħajjel li tcun mistieden f'tieg u f'uakt li tcun kalb il ħafna tghidilhom li ghandec ciurchett jiżfen, u dan jiżfen tasseu. Ara x'inhu ir-sigriet. Icolloc ciurchett l'icun vojt minn geuua u taghmillu tokba rkieka minn barra. Issa tlesti collox minn kabel. Timlieh bil mercurju (argentuvivu) u issodd it-tokba b'dakxejn tafal. Issa, meta il dan ic-ciurchett issaħnu b'xi sħana, fuk xi nar l'icun ma gembec ħdejn il mistednin, jeu aħjar b'xi sħana artificiali bħal b'xi elettricu f'ħobboc, u titilku fuk mejda, ic-ciurchett jibda jiżfen u idum sachemm jicsaħ il mercurju. Ħadd ma icun jaf x'fih gio fih, u in-nies tistghageb tara ciurchett jakbeż u jiżżaghbel bla ħadd imissu. Is-sigriet collox.

## 44—Chif taghmel daul taht l'ilma b'mod iehor.

Jecc tħocc flimchien biċċtejn quartz taħt l'ilma ghandu jidher daul elettricat fli stess ilma. Jecc icun quartz (silex) abjad, aħjar.

Is-sigriet hu li it-tħacchic tal quartz taħt l'ilma jaghmel elettricu u daul. Issa ħabbel moħħoc int x'tista' toħlok b'din. It-tarf kieghed ghandec.

## 45—Sigriet fil-Lixca tal Hut.

Darba, lejn il Puales, xi dilettanti sajjeda li chien ilhom jistadu minn sbieħ ommu bla ma jakbdu xejn, rau il uieħed kassis jistad bil kasba, u ta cull meta jitfa' il kasba jakbad

żgur u dejjem. Daun rauh ta cull darba jitfa' fuk il-lixca katra minn flixcun żghir, jitfa' u jakbad, jimla il geulak u jitlak, u l'oħrajn ighiru, icejku, u iħarsu bla ma jakbdu xejn. Darba talbuh ighidilhom x'inhu dac tal flixcun: ma riedx ighidilhom. Ueghduh lira: l'ankas ma ried. Da żgur: jecc floc dac il kassis chien bniedem ieħor, u ħeba il flixcun, sata' ighidilhom li chien kieghed jakbad b'certu seħer!

X'sigriet chien? X'chien fih dac il flixcun? La iżjed u la inkas: chien fih Żejt tar-Rhodium li jinxtara minn barra. Iż-Żejt tar-Rhodum hua appuntu is-sigriet ghall kbid il ħut li biex acquistajnieh ħallasna nofs lira.

## 46—Taħlita ta Materia li troddha b'ghageb.

Kieghed ftit etere sulfuricu gio flixcun u icculurih aħmar bl'orchanet, imbghad issaturah bit-tintura ta li spermaceti (1) Tissaturah jigifieri tibka' titfaghlu spermaceti sachemm dan ma jibkax jinħall iżjed (bħall il melħ fis-salmura).

Din it-taħlita taghkad (tissolida) b'10 gradi fuk pont-il-chesħa, u tinħall u taghli f'20 grad biss: jigifieri biex tinħall biżżejjed is-sħana tad-demm tal bniedem.

Ghalfejn jista' jeħtieġlec dan is-sigriet? Ara int. Imma suppost li ma din il materia tipprova tħallat demm il becciun, malli fis-sajf tasal it-temperatura ta dac il pont, dan jinħall u jiġrilu bħad-demm ta certu idolu ta Pagani li toħroġ-ghageb b'miraclu demmu jinħall fi żmien is-sajf.

Il Campiunarji Karrieka tal Baħar t'Isfel (The Southern Sea Bubblers) li chienet Ghakda mibdija mil Conti t'Oxford fl'1711 u li fiha jidhru anchi is-Segretariu Craggs u il Conti Sunderland, chienet turi ħafna bħal daun, bżieżak b'anterni, u bihom saru negozji cbar. Ma chienux jaħdmu ħuejjeġ żghar, iżda is-Saħħarin li dheru f'cull żmien, bħal Artephius, Slain de Lisle, Arnold de Villeneuve, Ruggieru Bacon, Gianni De Meung, Nicola Flamel, il Marixxal De Rays, u oħrajn, chienu jaħdmu dan is-sigriet li semmejna fuk, u ighidu lil xi maħbubin fost il cbarat "Żomm dan il maghkud: jecc jinħall f'idec, int maħbub mit-tali jeu talija!" Fi ftit minuti dac il maghkud jinħall u isir bħall ilma. Jecc ma iridux jaktghulu xeuktu, jatuh f'idejh ħaġ'oħra u is-seħer ma isirx!

Min kieghed jicteb, fl'1930-31, f'Londra, f'Lower Marshall Rd., rà Indiani iħabbru bil kuddiem b'chitba li tidher ueħidha (chimica) fuk carti (permezz ta sħana!), u staghgeb chif Indiani ibellugha lil Ingliżi gio'l Capitali taghhom!

---

(1)—Daun staksihom il xi spiżiar u ighidlec x'inhuma.

## 47—Espluzion curiuza b'biccia xemgha.

Icolloc caxxetta imkar tal gallettini, jeu caxxetta tal-landa tcun chif tcun. Ghamel tokba żghira f'gemb taghha ħdejn il kieħ, u f'din it-tokba uaħħal tarf uieħed ta pajp tal lasticu (india-rubber) u fit-tarf l'ieħor tal istess pajp uaħħal minfaħ tal idejn. Issa kieghed fil caxxetta kuddiem it-tokba li fiha il pajp, ponn tkiek niexef, jeu trab fin tar-raża, inchella trab fin imkar minn dac l'issib uara l'incuatri. Issa poggi biccia xemgha kasira ferm mixghula fil caxxetta, ghalak il ghatu u onfoħ fil pajp bil minfaħ (jeu b'ħalkec). Haun issir esplużioni u jidher in-nar, u l'ghatu, li m'ghandux icun imuaħħal ħafna itir fl'ajru. Jecc taghmel it-tkiek (floc trab tar-raża, ecc.) kis li dan kabel tkieghdu ħdejn xi nar biex jixxotta u ma icunx umdu.

X'seħer tista' turi b'din? Tghid li f'dic il caxxetta hemm ta Barraminhau' żghir, infaħtlu f'uedintu u tar ghall abbissi?

## 48—Sigriet li tipnotizza il bhejjem.

Żomm l'annimal b'idejc it-tnejn rasu l'isfel u xejru b'kauua cbira il kuddiem u lura ghall ftit minuti, imbghad poggiħ fl'art fuk dharu: b'hecc jipnotizza ruħu: jicciassa siechet, bħal jorkod. Li stess taghmel mal ghasafar u duied oħra.

## 49—Chif tkabbad sigarru bis-silg'.

Min ma icunx jaf bis-sigriet jistaghgeb meta jarac tkabbad sigarru bis-silġ, u meta dac l'icun jinzerta fanatcu ighid li int ta Barraminhau! Ara chif. Kieghed biccia potassium f'tazza ilma. Issa neħħi il potassium mill ilma u keghdu fil pipa jeu fuk is-sigarru u bl'attenzioni collha miss bil biccia silġ. F'dac il ħin fejn tmiss isir fiamma nar. La turix, jecc jarauhulec, li dac li keghedt fl'ilma hua potassium.

Issa int, il din la tghidhiex hecc xotta xotta, cioè li tkabbad sigarru bis-silġ biss, le, imma oħlok xi cliem cbir int, bħal nghidu-aħna li int hecc kauui fis-sħaħar (!) li toħlok in-nar minn element cuntrariu, minn ilma l'actar chiesaħ.

## 50—Tharrab l'in-nies b'intiena tal ghageb.

Ħoll il cubrit fil carbon disulphide. B'dan imla fliexchen żghar, u meta (floc li tfeuuaħ) trid tnitten xi post li minnu cullħadd jitlak bil giri, xerred nakra minnu. Istħajjel, immela, li tcun ma xirca ħbieb li cull uieħed minnhom (billi tcun siegha tac-ciajt) ifittex l'irid jidħac b'sieħbu, xerred ftit minn dan bil moħbi u okghod żgur li l'aħħar uieħed li jidħac tcun int, ghax uaħdec iħalluc bil giri li jiġru u isoddu imnifsejhom.

## 51—Chif taghmel Sriep ta Faraghuni.

Chien hemm ricetta-formula ta loghob li minnu joħroġ bħal serp li dan isejħulu ta Faraghuni. Din il formula l'antica chienet maghmula f'ghamla ta pilloli ta composizioni mercuriali b'velenu uisk kauui, u billi meta tmisshom bin-nar minnhom chien joħroġ duħħan, chienu ta periclu. Issa hemm formula imsejħa tal "Bajd" li tista' issir bli stess ħeffa u inkas periclu b'dan il mod li gej.—

Bichromat tal potassium, parti 2,
Nitrat tal potassium, part 1,
Zoccor abjad, parti 2.

Isħak u ghamel trab cull uieħed minn daun ta fuk (u cull uaħda ghaliha, separata), ħallat u ippressa gio tubi tal carta. Żommhom boghod min-nar u l'umdità.

Bi tuissija cun af li la din u l'ankas loghob jeħor chimicu ma ghandhom jinżammu fejn imissuhom tfal jeu nies bla ghakal, ghaliex jecc jintmessu mal ħalk huma ta periclu dejjem.

## 52—Sigriet li bih hadd ma jista' jittradic f'chitbitec.

Jecc tigi biex ticteb document u trid li il din il chitba tieghec ghada-pitghada ħadd ma icun jista' jibdilhielec jeu b'xi mod jiffalzificahielec, jeu jiffalzifica xi chelma milli ctibt int, ghamel ir-ricetta li ighid giurnal Franciż.

Jigifieri, kabelxejn, ghaddas il carta li fukha tcun s'er ticteb f'soluzioni uisk ħafifa tal acidu gallicu (acidu gallicu f'ħafna ilma). B'hecc, il uicċ tal carta li tcun s'er ticteb, jigi li inca ordinaria fuku taghmel malajr marca li ticxef lill cuntrabandist u iggighelu jintebaħ li cull barxa, tibdila, jeu kerk l'icun s'er jaghmel, jinchixef malajr. B'dan il mod l'original tieghec jibka' bla mittiefes u ħadd ma jista' ikarkec fih.

## 53—Chif l'actar bniedem f'sahhtu ma jistax jakilbec.

Ghadilli din (bħal xi oħrajn) m'ghandhiex x'taksam mas-Sigrieti Chimici, iżda tista' tisuielec. Ara chif: Okghod dritt, u seuuaseu kabel ma dac il giolf (f'saħħtu) jipprova biex jaħsadlec il muscoli tieghec collha u b'hecc jerfghec, kieghed idejc ciatti ma sidru u imbuttah ħelu-ħelu. B'dan il mod int tcun telliftlu il *balance*, u haun erħilu, b'saħħtu chemm hu b'saħħtu, icun k'ed jitkanżaħ contra il forza bla ma jirnexxilu li jerfghec. Dan hua sigriet tal Jit-su giappuniż.

## II.

# Xehta ta Misteri u Curzitajet.

F'din it-Taksima, fost is-Sigrieti hemm li jisthokkilhom l'isem ta Misteri, iżda aħna biex chemm nistghu nokoghdu pass lura, żidnielhom il chelma XEHTA. Bħallichiecu, barra-minn-Malta, giè li ureu f'tijatri lir-Ras Maktugha titbandal fl'ajru b'ghageb ta min jaraha, u fil giurnali iħabbruha b'Misteru. Issa, meta tcun taf, il ħagia m'hi xejn, iżda meta ma tcunx tafha, u ma tcunx tista' tifhimha uaħdec, hi ħafna, u ghalhecc tista' tissejjaħ misteru. Id-Dilettant f'daun is-sigrieti naħsbu l'isib ghors, u ma jiddispiacihx l'icun jaf daun li gejjin.

### 54—Il Misteru ta Ras Maktugha izzomm fl'arja.

Uaħda mill'iżjed misteriuża ghall poplu u li fejn dheret gebitu f'curżita' cbira hia dic is-sensazionali taħbira ta "Ras ta Bniedem Maktugha u iżżomm fl'ajru." Folol cbar xhedu u staghġbu meta daħlu jarauha, u bħalchiecu donnu ħadd ma sata' jifhem dan il misteru.

Li ir-ras hia tal gutta-percha jeu cartapista chienet teorija ħmerija ghal dauc li ma rauhiex, iżda uara li rauha din l'idea bla ma riedu scartauha. Dac li hu minnu hu li hi ras ta bniedem, u dac li il gisem ma jidhirx maghkud maghha uieħed jifhmu malli haun aħna nicxfu il misteru u is-sigriet ta chif. Ifhem.

Il ġnub u id-dhar tal palc icunu micsijin b'dendil ta purtieri. Krib id-dhar tal palc icun hemm żeuġ mirja cbar ferm imkeghdin fli 'rchejjen, l'icunu b'kaghda u uisa' uieħed f'punt u b'ghamla uaħda minn cull naħħa (punt equidistant) tal palc, iħarsu lejn il publicu. Daun il mirja l'icunu fli 'rchejjen bil ġnub taghhom, ghandu uieħed jintebaħ illi ir-rifless tal purtieri fuk il ġnub (u li daun il purtieri icunu ta ghamla u material uieħed) iva, ir-rifless icollu li stess dhera bħall dauc il purtieri l'icunu 'mdendlin fid-dhar tal palc. Il publicu l'icun k'ed jara din ir-riflessioni naturalment jaħseb u jimmagina u jemmen li ghandu il veduta tad-dhar tal palc *tasseu*.

Uara dan il ħajt tal mera ir-ragel ipoggi u jokghod f'posizjoni—u ladarba iħalli biss tidher il rasu, rasu biss tidher—B'hecc, ir-Ras Maktugha fl'Ajru hia tasseu ta bniedem miżmuma il fuk mil mera. Li mħadda li tidher tuieżen lir-ras maktugha tcun imdendla min-naħħa ta barra tal mera b'fildiferrua rkieka ferm. Fhimt issa ?



Dac l'icun k'ed jaghmel dan ix-xoghol ghandu jokghod attent li ma jersakx lejn li rcbejjen tal mera, altrimenti jinchixef, ghaliex il mirja juruh lil publicu. Meta jokghod fil facciata seuua, u fil punt centrali (fin-nofs seuua) tal mera, jiżgura ruħu mir-rifless li jicxfu. Daun iż-żeuġ stampi li haun taħt gibna, nittama li ifissru ciar il misteru. L'euuel stampa turi ir-ras chif tidher lil publicu. It-tieni stampa turi il pożizioni uara il mera ta dac li juri rasu. F'din li stampa tal aħħar, min k'ed iħares (il publicu) hua suppost li kieghed iħares f'mera. Min jipprova jaghmel dan, jecc icollu mera oħxon u cbir, jinkeda li stess daks dauc li jaghmlu dal misteru f'tijatri u circli.



## 55—Turi Uicc il Mejjet u jargia' jisparixxi.

Suppost l'icun hemm ħabib l'icun mietlu xi ħadd, per eżempju missieru, u tghidlu li int capaci turih uiċċ missieru mejjet u jergia' jisparixxi: targia' turihulu u fil pront jargia' jisparixxi, ma jidhirlecx li dan jistaghgeb ? Ara chif taghmel.

Icolloc mera cbir fil camra u fuk dan il mera pingi jeu gieghel il min ipingilec bil Gibs Francis uiċċ missier il ħabib tieghec (li tcun ghamilt rimediu u accuistajt ir-ritratt tieghu kabel). Issa imsaħ il mera bil uiċċ b'collox b'mactur, u haun il uiċċ ma jidhirx iżjed. Cun af, imma, li malli int tieħu in-nifs fuk dac il mera jeu titfaghlu ir-riek ta ħalkec, dac il uiċċ misteriosament jergia' jidher u uara ftit jargia jinħeba, jisparixxi, u cull meta titfaghlu in-nifs jeu riek jargia jidher u jargia' jinħeba. B'hecc tista' tibka' sejjer imkar ghall ghoxrin darba. Is-sigriet kieghed filli fuk il mera tpingi bil Gibs Francis u li titfa' ir-riek jeu nifs fuk it-tpingija.

Mela suppost li lil ħabib ħadtu fil camra nofsha mudlama b'dakxejn ta daul ineunen (collox preparat kabel), tghid xi cliem imgheżuer, jeu bil-Latin, titfa' 'n-nifs fuk il mera bla ma 'l dac tħallih jintebah, u haun arah uiċċ missieru jitfaccia, jidher, imbghad jisparixxi. Targia' issejjaħlu (titfa' in-nifs bla jintebaħ ħabibec) u dac il uiċċ jidher u jargia'

jisparixxi. Min icun kieghed iħares bla ma jaf is-sigriet, jara uiċċ ta uieħed miet u jidher malli issejjaħlu, u jisparixxi uaħdu, jimla' ras daks kartalla !

B'dan is-sigriet tista' taghmel ħafna eghgiubijet. Żomm collox sigriet ta xi tcun kieghed taghmel, ghax inchella il pregiu jintilef.

Jecc b'din trid toħlok negozju ara x'tivvinta biha. Uieħed ħaddiem American ghamel mirja minn daun ghall bejħ, ħabbarhom fil giurnali, semmiehom Mirja tas-Seħer (Magical, Misterious Glasses) li titfa' -nifs fukhom u jidhru veduti ta Franza u jergiu' jinħbeu, u b'hecc ghamel sold ġmielu. Ma kalx is-sigriet x'inhu. Int tista' tghamel xi ħaġ'oħra differenti jeu li tixbaghha.

## 56—Is-Sigriet tal ghageb fi Kbid-il-Hut.

Tcun trid tghaggeb il ħbiebec billi tghidilhom li ghandec ħila taghmel l'Ghageb ta Kbid-il-Ħut billi itellghu bil ħafna f'uiċċ il baħar b'mod l'iħallic takbdu ħaj u tieħdu mieghec. Chif taghmel ?

Ixtri minghand spiżiar certu żibeg li jismu Cocculus Indicus li bit-Talian ismu *Coccole di Levante.* Idħnu, ħallat uaħda minnu ma erba' tkiek, ħallat ucoll mieghu ftit trab culur aħmar) carmine ghall-leun, u ghaġnu bl'ilma u fettlu f'nakriet bħal ghagin żibeg. Dan ghandu il virtù li il ħut jicleb ghalih, u meta jeclu jiddelirjah (jaħchemm fuk moħħu) u jitla' fil uiċċ.—Ara: Frank Polizia Medica 1836. Vol. III pp. 151.

Issa, int u ħbiebec tcunu ħdejn menka, jeu ghadira, xmara, vasca cbira, ecc., bil ħut : itfa' bil moħbi taghhom minn dan, u uara cuarta arah il ħut tiela' f'uiċċ l'ilma iferfer u b'mod l'iħallic takbdu.—Ara: Family Herbal pp. 82.

Fi żmien il kedem, is-Saħħarin l'actar tal Lvant, chienu ta dlonc jghaġġbu lid-dghajfin billi chienu jafu bis-sigriet ta dan il Cocculus u bih ghaġġbu bil bosta fi kbid il ħut bir-radam, b'mod li leggendi ghadhom jlduu sal-lum,

Dan int tista' issemmih l'Ghageb ta Kbid il Ħut.

## 57—Sigriet ta chif minn huejjeg bla hajja tohlok hajja.

Aghmel 50 part żejt-iż-żebbugia f'100 part gażolin ; issa aghmel ucoll (separat) 14 il part lissija tas-soda (caustica) f'100 part ilma 'msoffi, u ma din it-taħlita tal aħħar żid nakra

---

NOTA—Ghadilli din tista' isservic bi studiu, iżda ara kabelxejn jecc scond il-Ligi tistax taghmel dan, seuua avolja b'ciajt u chemm avolja bi prova.

anilina seuda b'mod li daun iż-żeuġ taħlitiet (ta kabel u din) jingharfu minn xulxin. It-taħlita taż-żejt u il gażolin keghdha fi platt tal purcillana b'kieħ uati u żommu 'nvell b'mod li il liquidu ma icollux gravita' (gibda fl'ukiegh). Bi flixcun tal ktar, issa, ħù dakxejn mit-taħlita tas-soda seuda u daħħalha taħt uiċċ it-taħlita tal gażolin biż-żejt, u kieghed dan taħt il microscopiu (ħgiegia li turi cbir ferm). Haun tara li dic il katra seuda issir ħajja, tibda tieħu is-setgha, tirtoghod, tħarrec lilha 'nfisha. Tibda tilheg u tieħu in-nifs u tinkasam f'biċċtejn. Daun il bcejjec jibdeu jakbżu bil ħeffa, iduru u ifittxu, jimxu uara xulxin, jidħlu fejn isibu u jiggieldu ma oħrajn biex jeclu il xulxin. Jibdeu joħorgiulhom bħal idejn li bihom jiggieldu ġlied cbir (Minn haun tara li il Ħajja hia Ġlieda!) Jaghmlu dac collu l'isir fid-dinja: jimxu, jeclu, jiggieldu, jildu, ighumu fil menkat u ifittxu l'ghajxien. Fi ftit cliem: minn ħuejjeg bla ħajja toħlok l'Ghageb tal Ħajja.

Dan il misteru sabu il Prof. Herrera tal Ufficciu Agricolu tal Messicu.

Issa, stħajjel li lil min ma jafx tghidlu li turih ghageb f'ħolkien (minn idejc) ta ghamla ta animal, u bla ma turih is-sigriet ta x'inhuma it-taħlitiet, uara li tħallat is-soluzionijet, kuddiem ghajnejh stess, tieħdu iħares taħt il microscopiu tieghec biex jemmen, jistaghgeb u ifaħħar l'eghgiubijet t'Alla ghall cobor tieghu fl'iċċhen duied.

## 58—Seher iehor bil Bacchetta Divinatoria.

Imla fliscatur bl'ilma niekes subghajn, kieghed fuk il uiċċ ta dan l'ilma daks tmien stichec ta njam ħafif li kishom lapsijet u ghamilhom f'posizioni l'icun kishom raggiera. Innofs ta din ir-raggiera ħallih vojt, jigifieri it-truf taz-zcuc ħallihom imbeghdin minn xulxin daks daura ta sittħabbiet, li jigiu kishom ghamla ta xemx bir-raggi fuk uiċċ l'ilma.

Issa, f'idec icolloc dic il virga 'msaħħra li semmejna fin-No. 37 (biex il Virga tcun dejjem ta li stess ghamla u xebħ saħħari). F'ponta uaħda ta dil virga uaħħal biccia sapun quadra bil ponta (kisha cippitotu) u fil ponta l'oħra uaħħal zoccra quadra li it-tnejn tkeghdhom b'mod li ma jidhrux. Issa okghod b'poża ta saħħar, ghid xi chelmtejn bħal bil Gharbi u uarajhom ghid u ghajjat "O zcuc tal ħatab, niccmandacom tuarbu minn xulxin!" Malli bil-biccia sapuna li hemm fil ponta tal virga tmiss l'ilma f'nofs daun iz-zcuc, ħroġ-il-ghageb daun iz-zcuc arahom iżiggiu fl'ilma, jaħarbu ighumu lejn xfar il friscatur, u meta uara ftit tmiss f'nofs dac l'ilma iz-zoccra li hemm fil ponta l'oħra tal virga, u haun tghid "Issa niccmandacom tokorbu lejn xulxin, tigiu

fejn contu" iz-żcuc ħroġ-ghageb arahom jigiu lejn xulxin ueħidhom.

Dan jiġri bil cumbinazioni (ta chimica) tas-sapun u iz-zoccor: bis-sapun jitbeghdu, u biz-zoccor jergiu ghal fejn chienu. Issa int cabbarha u żejjinha mill aħjar li toħlok (bil virga, cliem kauui, ecc.)—Turix x'ghandec fil ponot tal Virga Msaħħra biex l'ghageb ta min iħares jiżdied u joctor.

### 59—Is-Sigriet ta Taghrif Bajd-it-Tigieg, Ragel jeu Mara

Int, f'biccia tul ta żmien, tcun trid issaħħaħ u tghaggeb il ħbiebec b'misteru li tgharfu int, jigifieri tghidilhom li dic il bajda tat-tigieg fiha fellus ragel (serduc) u l'oħra fiha fellus mara (tigiegia). L'euuel mistoksija b'żuffiett li toħorgilhom tcun "U int fejn taf x'jista' icun hemm gio bajda maghluka?" Iżda jistaghġbu meta uara żmien isibu li int cont Habbar (profeta) tajjeb, l'actarnett meta ma tghidilhomx chif dan issir tafu, jeu tħaurilhom l'affari b'xi cerimonja ftit u xejn misterjuża, mħaura bi cliem Latin u Gharbi mgheżuer chif iridhom il Malti—Is-Sigriet.

Cotba tas-sigrieti jiżgurau li dac il bajd li ghandu il microbu (duejjed, germ) tar-ragel ghandu is-sinjali (is-singhi) fuk it-truf tal ponta (tal bajda); filuakt li il bajd nisa huma lixxi fit-truf it-tnejn.

### 60—Chif tferra' l'ilma u isirlec linca.

Icolloc flixcun ordinariu culurit. Issa lesti taħlita ta dramma u nofs tintura ta Cloro tal ferricu li mieghu tħallat nofs dramma acidu hydrocloricu. Itfa' daks cuart ta cucciarina minn dan fil flixcun li semmejna fuk u erħilu sa ma jigi il uakt li titfa' l'ilma fih.

Issa, separatament, lesti soluzioni tal ammonium sulphide imkar daks nofs dramma, jeu flocu, ftit acidu pirogallicu li issibu ghand tar-ritratti. Jecc titfa' katra minn dan gio tazza nadifa, li katra biss ma tcunx tidher, imbghad tghid il xi uħud ineululec ilma u jitfughulec huma stess f'dac il flixcun (li fih kabel bil moħbi tcun tfajt il cuart ta cucciarina cloru tal ferricu) u tferra' mill flixcun ghat-tazza dan isir linca.

B'hecc jigifieri dac l'icun jaralec ilma fil flixcun, u fit-tazza ma jara xejn. Malli mill flixcun tferra' minn dan l'ilma, minn abjad kotna isir isued dlam. U biex il ghageb tcabbru, l'euuel uri li it-tazza hi nadifa, ma fiha xejn, imbghad kieghed cartuncin kuddiem it-tazza biex jghattiha mill veduta, u ferra' l'ilma (preparat) mill gholi. Dac l'icun jara l'ilma nieżel fit-tazza: "X'fiha it-tazza?" —int tistaksi—"Ilma!"—iuieġbu. Malli pront tneħħi il cartuncin, in-nies l'icunu keghdin jippretendu li fit-tazza hemm l'ilma, isibu linca! Dan chif?

## 61—Chif tholl il Hadid u jaka' fi ktari.

Jecc ticui ħadida nar b'mod li tidher bajdanija, imbghad toghroc maghha biccia cubrit cbira, il ħadid f'dac il ħin jinħall u jiġri fi ktari. Dan l'esperiment ghandu jintaghmel fuk fliscatur bl'ilma illi meta il ħadid jaka' bi ktari u jicsaħ isir ghamla ta ħadid fondut. Dan hu sigriet li bih tinkeda fl'ebusija tal ħadid.

## 62—Sigriet li bih tholl il Hgieg.

Il ħgieg jinħall bl'acidu ismu Hydroflouricu. Malli f'dan l'acidu titfa' 'l ħgieg malajr jibda jinħall. Tista' ucoll tpingi il ħgieg bih, bħall ittri, uard, disinn, ecc. li daun jitħaffru. Ghat-tuissija tieghec dan l'acidu hua uisk periculus, u ara chif taħdmu. Jinħadem bil mascra fil uiċċ u jitkieghed floc fil ħgieg fic-ciomb.

## 63—Chif ittakkab tokba fil Hgieg bla jinchiser.

Bħallichiecu trid taghmel tokba f'dic il ħgiegia. Gib biccia stocc, fattarha ghall fuk il ħgiegia fejn sejjer taghmel it-tokba jeu tokob, ghamel tokba fli stocc id-daks tat-tokba li tinħtieg u fiha ferra' ciomb maħlul. Il biccia (forma) żghira tonda tal ħgieg li ghamilt fli stocc araha taka' ueħida preciża b'dac id-daks. Dan jigi milli fejn icun hemm li stocc jibka' chiesaħ (b'temperatura) u fejn jaka' ic-ciomb jisħon u jaka'.

## 64—Chif tferra' l'ilma u turih b'Halib.

Icolloc dac il flixcun li semmejna fis-Sigriet No. 60 (L'ilma isir Linca) u fih titfa' nakra li stess mill li stess soluzioni li semmejna hemm (cloru ferricu mal acidu hydroclorìcu)— Argia' akraha.

Issa tipprepara soluzioni concentrata tal acetat tac-ciomb, u fit-tazza nadifa titfa' ftit ktari minn dan u iżżelligihom mal kieħ b'mod li ma jidhrux. Issa argia' gieghel il dauc li keghdin jarauc taħdem biex fil flixcun jitfughlec l'ilma pur huma stess. Jecc minn dan il flixcun tferra' l'ilma hecc ippreparat ghall giot-tazza, ghandec floc ilma issib li sar ħalib. U int aħdem dan l'ghageb bl'istess mod u collox bħalma hemm f'dic tan-No. 60.

## 65—Ghageb ta zeug liquidi (Ilma) taghmilhom Materia Solida (Maghkuda)— Jeu chif taghmel Sulfat tal Putassa.

Daun huma żeuġ materji maħlulin, u l'ghageb hu ta chif jispicciau u isiru solidi (jebsin). Min jaf li filuakt li

tcun tithasseb biex taghmel ħagia jebsa minn żeuġ ħuejjeġ maħlulin tigix bżonnha ghall xi xoghol jeu invenzjoni din? Ifhem chif isiru.

Gio tazza cbira titfa' maduar ukija carbunat tal putassa maħlula (soluzioni), u kis li tcun saturata (Il cliem bħal *saturata*, soluzioni, ecc., issibu 'mfisser fl'aħħar ta dal ctieb) Issa, itfa' fiha (fit-tazza) nofs ukija acidu sulfuricu. Haun, daun jeħdu ciaklieka cbira bejniethom, u tarahom jinghakdu f'melħ jebes. It-taghkida ta dan il melħ (issir) la icollha il krusa tal acidu u l'ankas il ħruk tal putassa. Din il ġdida materja, jeu melħ, tissejjaħ Sulfat tal Putassa. Heccu: suppost li tcun tinħtieg taghmel is-sulfat tal putassa, issa taf chif.

## 66—Sigriet ta chif tippetrifica uggetti ta li njam. (Affarijet ta li Njam taghmilhom tal Gebel).

Ħallat flimchien gebel alumi (xebb-il-ġmiel), trab tal gibs, melħ li nieclu, quartz jeu pebbles (certu ciaghc jeu ramel li jinxtara minn barra) u ħall abjad, ilcoll pis jeu daks uieħed. Issa, meta tħallat il daun flimchien, daun flimchien jibdeu jaghlu ueħidhom bla nar, u malli dit-toghlija tiekaf ghandec titfa' (fit-taħlita) l'oggetti u tħallihom mgharrkin fiha ħames tijem li fl'aħħar ta dan iż-żmien isiru petrificati, jigifieri isiru tal gebel. Din il cumbinazioni ta chimica, jeu sigriet, tista' tkeghdha ma dauc tas-seħer. Ghax istħajjel li kata" nies li ma jafux b'dan u icollhom caxxa ta li njam li jafdauha ghal ftit ġranet, tieħodhielhom bil moħbi, u targia' tkeghdhielhom tal gebel fejn chienet: X'ighidu bejniethom? Iroddu mimli xcora slaleb u iberrku ghajnejhom!

## 67—Il Misteru ta Jaques Coeur.

Dan il cbir Giacchi, li hu msemmi fit-Tifchirjet Straordinari tad-Delusionijet Populari chien laħak persunaġġ gholi fil Korti ta Carlu is-Sebgha b'riħet ghaklu fis-Seħer. Dan, minn fkir uisk chien sar ghani ħafna, u chien ighid li sab is-sigriet tal Gebla tal Filosfu, jigifieri is-sigriet chif taghmel id-deheb u il fidda mill ħadid, ram u metalli oħra baxxi. Fuku jinghadu bosta xorti, u fosthom ħrejjef ucoll. Uaħda mill ghajdun hia li chien irakkad in-nies mill boghod b'sugu maħdum minn Xaxixa isimha Xaħxieħa. Haun inghidu fil kosor chif sibna li chien jaghmel.

Chien jiżra' is-sgejra tax-xaħxieħa f'Jannar. Issa, ix-xaħxieħ (papaver somniferum) hua (razza tal) pepprin cbir. Scond il Materia Medica mill geuża ħadra tas-siġra tieghu joħroġ bħal ħalib abjad li jissejjaħ oppiu. Ix-xaħxieħa ta uarda doppia (li hi l'akua) taghmel actar geuża cbira u icun

fiha actar ħalib. Iż-żerriegħa tagħha hia żgħira uisk. Intant. Dan Giacchi chien il diż-żerriegħa jiżragħha f'Jannar u uara xi xahar ticbirlu siġra u tagħmillu il uard. Il uard uara xi jumejn ifarfar u tibka' il geuża ħadra. Hu, b'xafra takta' ferm, jeu bħal *blade* tal-leħja, chien ixokk il geuża ħadra fis-siġra, ifellilha f'xi sitt bnadi minn fuk għall isfel. Haun jibda ħiereg bħal ħalib iciarciar bil mod magħha. Chien jerħilu u ma imissux. L'għada fil-għodu dac il ħalib isibu bħal gelatina magħkud mal geuża u jiġbru.

Il dan is-sugu, Giacchi, chien jaħdmu l'itir b'kauua, u min jaf x'sigriet chellu, u igħid hu u igħidu fuku li bih chien jilgħab (barra minn ta Alchimist cbir) ta saħħar ucoll, l'actarnett f'dauc iż-żmenijet imbegħdin, tal għama, u irakkad mill bogħod lin-nies tal Korti tas-Sultan.

Il dan is-sugu, fil Materia Medica, insibuh bħala il l'oppiu, u li għandu il virtu' l'irakkad u jagħmel effetti oħra fil gisem, iżda ma nistgħux nifhmu chif dan Jaques Coeur bih chien irakkad mill bogħod!

Hi chif inhi, jecc tigi biex bħala studiu tużah int, inuissuc biex ma tużahx jecc m'hux bl'ordni tat-tabib, għax irakkad u jeffettua tasseu. Bil cotra hua velenu.

## 68—Chif tferra' l'ilma u turih b'Xampanja bir-rghauua.

Icolloc dac il flixcun li semmejna fis-sigriet ta "Chif Tferra' l'Ilma u isirlec Linca" No 60, u titfa' fih daks cuart ta cucciarina minn dic li stess soluzioni li semmejna, jigifieri mill Cloru tal ferricu mħallat mal acidu hydroclorícu. Issa, fit-tazza li fiha sejjer tferra' l'ilma biex isirlec xampanja itfa' chemmxejn trab misħuk fin tal bicarbunat tal potassium, u lest int.

Fit-tazza nadifa u bajda ma icun jidher xejn, għax ittrab icun għabra fil kieħ, u il ħbiebec stess tgħidilhom igibulec l'ilma u jitfgħuh huma stess fil flixcun, u heccu: malli titfa' minn dac l'ilma f'dic it-tazza araha tintela' b'xampanja fid-dhera, u bir-rghauua. Aħdem din bli stess mod li hemm fin-No. 60. Argia' akraha u ħu' is-sens.

## 69—Sigriet ta chif tħoll l'azzar bhallichiecu ilma.

Daħħal biccia azzar fin-nar tal forgia sa ma iggibha ħamra ħamra, akbadha bi tnalja b'idec ix-xellug, imbgħad b'idec l'oħra missha b'ciappa cubrit, u hegda chif tmisshom ma xulxin tilmaħ lil azzar jinħall bħall ilma. Min jaf xi bżonn icolloc tħoll l'ebusija tal azzar b'dan il mod?

## 70—Sigriet ta għamla ta X-Ray.

Hu biċċtejn żgħar ta cartun oħxon, daksinseu, u għamlil-

hom tokba b'daks ta maduar uieħed mit-tmienja ta pulzier tonda, fit-tnejn. Issa, accuista rixa ta fellus, fellus żghir: ta cbir ma tisuiex. Kieghed din ir-rixa fuk it-tokob bejn iż-żeuġ cartuniet u incullahom flimchien. Biex tara l'ghadam ta subghajc, jeu il-lapis gio l'injam tieghu, ecc., ħares mit-tokba u żomm l'oggett bghid kama. Ħares b'ghajn uaħda. Is-sigriet kieghed fir-rixa li trid tcun ta fellus żghir.

Dan l'ghamla ta X-Ray tista' taghmlu bil ħafna ghall bejħ chif jaghmlu fl'America u iħallulec klieħ seuua.

## 71—Chif tferra' l'ilma u isirlec Portuaj (imbit)

Icolloc flixcun ordinarju culuril chif semmejna f'ta kabel, u fih itfa' ftit mit-taħlita li ghedna, jigifieri mit-taħlita ta dramma u nofs tintura ta Cloro tal ferricu ma nofs dramma acidu hydrocloricu.

Issa ghamel daks dramma soluzioni saturata ta ammonium Sulphocyanide u f'kieħ it-tazza nadifa żelleġ katrejn minn dan. Ma icunx jidher. Ghid il dauc li keghdin iħarsu lejc biex igibu l'ilma huma stess u itfghu fil flixcun kuddiem-hom. Ghidilhom "Intom keghdin tarau l'ilma li gibtu intom stess. Arauh isir imbit!" u ferra'. Dauc jistaghġbu x'ħin jarau b'ghajnejhom u imissu b'idejhom!

Aħdem din b'dac il ghakal collu li hemm imsemmi fin-No. 60—Argia' akraha.

## 72—Chif tferra' l'imbit u isirlec ilma'

Icolloc ftit acidu sulforicu u f'dan itfa' tibna. B'din dan l'acidu jisuied. Issa, itfa' nakra uaħda permanganat fi flixcun u żidlu tant ilma, b'mod li jidher kisu imbit. F'dan itfa' katrejn minn dac l'acidu (tat-tibna) biex isir propria donnu imbit. Kieghed ghall issa il flixcun fil gemb.

Issa ghamel soluzioni saturata ta ftit hypo fl'ilma (hypo li jużau tar-ritratti, kisu melħ). Minn dan żelleġ katrejn f'kieħ tazza nadifa.

Issa, kuddiem it-tazza kieghed cartun u ferra' f'dit-tazza mill gholi minn dac l'imbit. In-nies jarau li fit-tazza nieżel imbit. Meta tistaksihom x'hemm fit-tazza collha ighidulec "Imbit!" Iżda malli pront tneħħi il cartuna ma jaraux ħlief ilma ciar daks il cristall.

# III.

# Sigrieti ta Arti u Mestieri

(XOGHOLIJET SBIEH U TAR-REKKA).

---

Għażilna u gibna haun daun is-sigrieti bil fhema (bli scop) li il karrej jista' jagħżel xi uieħed minnhom l'actar li jogħġbu, jistudiah, ifittex studiu ieħor fuku biex ighin ruħu iżjed, u hecc iservih ta gid b'mod li bih jista' jigi żmien li jakla' x'jecol jeu ighin ruħu fil kaghad. Jista' icun ucoll li dan icunlu mezz li jituebbel jeu jitħajjar ghal xi uieħed minnhom l'icunlu bidu ghal mestier jeu sengha.

Jecc ma icun xejn minn dan, ghall inkas icun jaf is-sigrieti taghhom u b'hecc icun aħjar minn dauc li ma jafu xejn duarhom.

## 73—Is-sigriet tal Process ta chif taghmel il Mirja.

Soluzioni No. 1 (jeu Taħlita N. 1)—L'euuel, ħu 80 gran tan-nitrat tal fidda (qualità causticu lunari jeu melħ cristallizzat) u ħollhom f'10 euuiek ilma distillat inchella tax-xita—użin bir-rekka—Ma dan żid ukitejn alcohol (spirtu pur) u ukitejn acqua ammonia. L'ammonia f'dis-soluzioni itfaghha katra katra sachemm dac li fl'euuel ghakadlec taħt, jinħall. Din it-taħlita ħallieha tokghod 3 jeu 4 sieghat, imbghad tcun lesta biex tużaha—Issa ghamel is-soluzioni jeu taħlita No. 2.

Taħlita No. 2—Ħu 6 euuiek ilma distillat u fih ħoll 24 gran nitrat tal fidda, u ma daun żid 30 gran arsenit jeu tartrat tar-ram (copper), u imbghad żid katra katra ammonia biżżejjed li tħoll l'ossidu (oxide) tal fidda li ghall euuel icun ifformalec (sarlec, precipitate) taħt. L'arsenit tar-ram ucoll ghandec iżżidu katra katra, li uarajh ghandec iżżid ukitejn alcohol (spirtu pur).

Issa ghamel taħlita ghaliha (separata) ta 48 gran tal putassa f'16 l'ukija ilma, u uassalha (din it-taħlita) sat-temperatura tat-toghlija f'dixx li fih jevapora (itir fuar), li imbghad uara dan żid is-soluzioni tal fidda u ram (jigifieri tan-Nitrat u l'Arsenit) katra katra fis-soluzioni ta din il putassa sħuna, u it-toghlija tibka' sejra ghall siegha, jeu sachemm fil uiċċ titrabba koxra barranija. B'hecc imbghad din (it-taħlita No. 2) ucoll tcun lesta ghall użu.

Issa icolloc il ħgieg li tcun sejjer taghmlu mera, imkieghed invell perfett fuk mejda soda. Filuakt li tcun s'er tkieghed it-taħlit fuk il ħgieg ħu quantità chemm hemm bżonn ta

ilma iffiltrat (distillat jeu tax-xita) u itfa' fih żeuġ parti indaks mit-taħlitiet No. 1 u No. 2, ħallathom seuua u ibda kieghed fuk il ħgieg b'manjera l'iżjed li jigi ghall idejc, u haun, id-depositu (jigifieri it-tghakkid) jibda malajr (cioè jibda isir mera) u ħallih jibka' jifforma ghal duar l'10 minuti, jeu sachemm il metall l'icun fit-taħlita jispiccia u il ħgiegia tinchesa b'koxra tal fidda, issir uiċċ ilekk u sabiħ maghkud mal ħgieg.

Sabiex il mera iżżid l'ebusija u isservi żmien tuil, argia' ati passata oħra fuk l'euuel uaħda kabel din tinxef. Uara li iż-żeuġ passati jitlesteu, iżboħ b'passata ħoxna fuk collox bil verniċ tal asphaltum sabiex dan jipprotiegi contra it-taklib tal atmosfera tal arja. Dan m'hux bilfors meħtieg, ghaliex iż-żeuġ passati li tajt kabel bil fidda icunu biżżejjed kauuija biex iżommu mkar b'passata ħafifa floc ħoxna tal verniċ asphaltum.

Li din il biccia xoghol tirnexxilec jiddependi uisk mill indafa perfetta ta uiċċ il ħgiegia kabel tibda. L'actar traba żghira jeu ħmieg hua biżżejjed biex tidher u tgharraklec collox. L'aħjar ħagia biex tnaddaf uiċċ il ħgiegia hia li taħsel il uiċċ b'soluzioni sħuna tas-soder, imbghad bl'acqua-forti fl'ilma, u fl'aħħar bli spirtu pur. Attent ħafna li ma tmissx b'subghajc il ħgieg f'xi parti fejn tcun sejjer tati il fidda.

## 74—Is-Sigriet tal Arti tal Pacciamuni.

Din l'Arti li jisimha Tal Pacciamuni hi sabieħa, ħafifa, u ta klieħ il flus. Ara is-sigriet tas-sengha chif. Icolloc giarar, kolol, rożuni, važetti, ecc., tal ħgieg lixx ta cull ghamla u daks. Naddafhom seuua. Imbghad ixtri carti l'icun fihom figuri, stampi, fjuri, ornamenti jeu veduti l'icunu imitazioni, jixbħu lit-tpingija tac-Cina, tal Boemia, ta li Żvizzra jeu Egiziana. Daun issib tixtrihom mill li bliet. Issa, xħin tiddecidi b'liema ghamla sejjer tornamenta jeu tiżboħ il važetti jeu giarar tal ħgieg, akta' il figuri, jigifieri li stampi mill carti, u ibda ipprova fejn sejjer tkieghdhom seuua fuk daun il giarar u važetti b'mod li tirrangiahom b'gosti li jidhirlec int l'isbaħ. Kis li il figuri (ghadilli icunu minn geuua) icunu iħarsu innaħħa ta barra. L'aħjar ħagia biex tuaħħalhom hia li tghalli biccia balciamina (parchment)—Din tuaħħalhomloc seuua—Xħin tuaħħalhom ghamel verniċ miż-żejt tal *pine* (pinu, balsam of fir) u acqua-di-raża u idlec, iżboħ bih (fukhom) fuk geuua b'pinzell fin. Meta l'euuel passata tinxef, argia' ati passata oħra. Issa ħu il culur li joghgiob lilec: isued, icħal, aħdar, isfar, abjad, roża, leun cicculata jeu aħmar: li trid—u kis li kabel xejn timmacina iż-żebgha seuua bl'aħjar verniċ abjad—u b'uaħda minnhom ati passata

minn din iż-żebgha fuk collox minn geuua. Ħallih jinxef, u imbghad argia' iżboħ, u arġia' u argia' sachemm il culur icun kauui biżżejjed b'mod li jidhru saħansitra ilekku minn naħħa ta barra—Giarar u važuni tal ħgieg jistghu jigiu iddecurati b'cull ghamla bla fini b'dan il metodu—Xi nies tal arti jużau jaktghu stampi (prints) ta cull daks u ghamla, ħaririjet u ħuejjeġ oħra sbieħ u jaħdmuhom hecc.

Istħajjel, mela, li tixtri važuni, giarar ta ħgieg lixx u semplici, ecc., u daun taħdimhom chif int imghallem haun fuk, b'hecc taghmilhom jisueu il-liri b'dal metodu ħafif u ta spejjes żghar. Int ghandec tirraffina din l'Arti iżied u taghmilha mestier tieghec.

## 75—Is-Sigriet ta Madriperla Franciża—li chien ilu 'mhares ghal bosta snin.

Dan il metodu li bih taghmel madriperla franciża chien ilu miżmum b'sigriet ghand min inventah ghal bosta snin, u uara li ħalla capitali (flejjes) cbar, giè b'xi mod micxuf. Aghmel hecc:

Aħsel kxur il ħut, kxur bħall tal gandoffli, bebbux cbir tal baħar, ecc., b'soluzioni tal ammonia u daun isiru madriperla artificiali li ma tingharafx minn-naturali. Perli artificiali m'humiex ħlief ħgieg (bħal żibeġ) maħsul jeu moghtijin pinzellati b'din is-soluzioni, li din taghmlu ilekk b'culurit mill isbaħ.

## 76—Sigriet ta tiduiba ta Rubini Artificiali.

B'attenzioni cbira deuueb l'ossidu tal aluminium pur bi ftit ossidu tal chronium. Dan hu collu is-sigriet. Daun irrubini artificiali li ma jingharfux mill gemmi naturali giè li barra-minn-Malta jitfghuhom fis-suk (ghall bejħ) gradatament u ghall ġmiel cbir taghhom, u il ftit flus li bih jimbieghu, giaghlu lix-xerrejja jaħtfuhom u spiss jintalbu.

## 77—Sigriet ta Celluloid gdid.

Celluloid hu bħal tertuka jeu ghadam il karn, dac li bih illum jaħdmu buttuni, mxat, ecc. Jecc trid taghmel u timita ghamla ta celluloid li fil consistenza jixbaħ l'ghadam ta krun ic-cerv, ghamel patata mkatta' 'rkiek ghall 36 siegha f'soluzioni maghmula minn 19 il part tal-lissija tas-soda f'100 part ilma, imbghad aħsilha u nixxifha bejn folji tal carta xuga u ippressaha. Jecc floc lissija tas-soda taghmel 8 fil 100 acidu sulfuricu isirlec imitazioni (bħal) avorju b'kauua ta ebusija li minnha tista' taghmel bocioc (balal) tal biljard, manchijet tal umbrelel, ta bsaten, ta frosti, schiechen, ecc.

### 78—Sigriet ta Xcuma (tal Pipi) Artificiali.

Inforna ghall ftit sieghat Impiastru ta Parigi (Plaster of Paris) imgharbel fin, u f'uakt li icun ghadu shun itfghu fiż-żejt tal chittien (linseed oil) jeu f'xama' maħlula. Jecc ticculurih b'soluzioni maghmula miż-żebgha tal gomma reżina (gambogia), jeu minn trab jismu dragon's blood, jiżdied fix-xebħ perfett ta xcuma tabilħakk.

### 79—Sigriet t'Avorju Artificiali.

F'borma tal ħadid fuk nar bati deuueb flimchien taħlita ta 5 parti gommalacca leun-il-larinġ, 2 parti gutta-percha, u part uieħed żift. Imbghad żid 6 parti trab tal carbunat tac-ciomb. Hauuad collox u ibka' ħauuad sachemm tara li tħalltu uisk tajjeb flimchien. Fondi u itfa' fil forom. Tista' ticculurih b'taħlita maħlula (bli spirtu) ta gommalacca icculurita b'żebgha ta xi anilina.

### 80—Kroll Artificiali.

B'din ir-ricetta tista' timita oggetti ta cull ghamla, cull daks u cull gost ta ħuejjeg bħall ħgieg, gebel, eghsieleg, żragen, frieghi, irmied, ecc., li tcun trid. Dan isir billi tghaddashom f'taħlita ta parti uaħda aħmar vermilion ma erba' parti raża safra.

### 81—Sigriet li bih l'Avorju taghmlu artab jeu jimmolla.

Ghaddas l'avorju ghal tlieta jeu erba' ti-jiem f'soluzioni (taħlita maħlula) ta 3 euuiek acidu nitricu fi 15 l'ukija ilma—Jeu metodu ieħor. Ghaddsu f'soluzioni ta acidu fosforicu pur sachemm jitlef it-trasparenza, il-lucidità tieghu, imbghad aħslu bl'ilma chiesaħ ciar, u nixxfu. B'hecc isir jitghauueg u artab bħall gild. Bil-mod-il-mod, bl'arja, jargia' jibbies, u targia' traddbu cull meta tghaddsu fil misħun—Dan il metodu iservic ghall meta tcun trid taħdmu, ecc.

### 82—Chif taghmel żebgha bronż hadrani ghal li statui.

Aghmel 6 euuiek melħ milli nieclu, ukija salammuniaca u 3 euuiek crema tat-tartru f'pint (20 ukija pis) misħun. Issa, ghamel soluzioni ta ukitejn nitrat tar-ram (copper) f'pint misħun u żidu ma ta fuk. Biex tiżboħ uża pinzell.

### 83—Chif taghmel Bronż tal Kniepen u strumenti ohra tal lehen.

Din il composizioni li gejja tcun tisħielec ghat-taħlit tal imitazioni perfetta tal ħdida.

Il lega tal metall ghall kampiena hu generalment maghmul minn din it-taħlita li gejja:

Ram 80 ma 20 stann:

Jigifieri 20 fil 100 stann: il bkija li hu 80, ram; jeu: Ram 78 ma 22 stann:

Jigifieri 22 fil 100 stann: il bkija ram.

It-tiġrib uera li il proprietà ta daun it-taħlitiet tinsab fil lega illi li stann icun bejn il 20 u it-22 fil mija. Il bkija ram.

Biex taghmel il bronż ghall kniepen, tfondi dejjem l'euuel ir-ram, u meta dan icun irriscaldat kauui (jigifieri uasal biex jinħall) iżżid li stann. Bit-tħauuid issir l'iżjed taħlita perfetta taż-żeuġ metalli flimchien.

Bil pratca ideuubuh chif sejrin inghidu. Bosta mill fondaturi tal kniepen ma jitfghux il pis ta li stann collu f'darba, iżda jitfghu it-tnejn-mit-tlieta tal pis ta li stann, u meta daun jiddeuubu tajjeb mar-ram, jitfghu il bkija. (Pareto).

## 84—Sigriet ta imitazioni tad-deheb.

Aghmel 100 part (jeu bl'użin) ram aħmar mill actar pur; 14 il part żingu jeu landa (tin); 6 parti magnesia; 3/6 minn part salammuniac; quart ta part gebel-il-gir (limestone), u crema tat-tartru (cream of tartar) 9 parti—Ħoll lir-ram l'euuel, imbghad il magnesia, Salammuniac, gebel-il-gir u crema tat-tartru maghmulin trab u mitfughin fil grigiol cull uieħed ghalih u nakra-nakra, jigifieri separati u gradatament. Issa, iżżomm (tibka') dejjem tħauuad il massa collha sa nofs siegha—iż-żingu jeu landa tintafa' biccia biccia u tibka' tħauuad sachemm jinħall collox. Fl'aħħarnett ghatti il grigiol u il massa, jigifieri it-tiduiba, żommha maħlula sa 35 minuta. Issa neħħi minn fuk in-nar u ferra' fl'ingotti (jeu forom) u icolloc deheb lest. Dan id-deheb maghmul hecc jinghad li hua deheb granat fin, malleabbli (jigifieri jinħadem taħt il martell), ilekk bil uisk u ma jingharafx chif giè-u-laħak. Jista' jintlibes daks chiecu naturali. Attenzioni li ma tkarrakx bih.

## 85—Sigriet ta tahlita li ma tingharafx mid-deheb pur.

Żeuġ parti platina—part fidda—tliet parti ram aħmar. Il Ctieb tas-Sigrieti ghall din il composizioni, meta hi maħduma chif ghandha tcun, ighid li hia hecc perfetta li tixbeh lid-deheb pur, illi hua uisk difficli biex tiddistinguihom (taghrafhom) minn xulxin. Ftit trab-il-faħam tal cannol (charcoal) imħallat maghhom f'uakt it-tiduib icun uisk ta gid fl'effett li jaghmel.

### 86—Is-Sigriet tad-Deheb Nuremberg.

Hemm deheb jismu ta Nuremberg (Nuremberg gold), użat biex minnu isiru dhebijet irħas li jintlibsu, bħall cintilli, brazzuletti, ctajjen, ċriechet, ecc,, u ghal dan il ħsieb hua eccellentissimu, ghaliex il culur tieghu hua seuuaseu bħall dac tad-deheb pur, u bl'arja ma jitbiddel katt: la isaddad, la jibdel culur, u xejn. Uggetti maghmulin minn dan id-Deheb Nuremberg ma jeħtiegiux indurar, u jibkghu iżommu il culur imkar iddum ixxiddhom mitt-sena. Imkar farca jeu traba minn dan id-deheb turi culur ta deheb pur u fin. Il formula hia hecc:—

90 parti tar-ram aħmar (copper)
2 . 5 deheb, u
7 . 5 aluminium.

Cun af li daun ir-ricetti huma meħudin minn l'actar cotba serji u ta ghożża, approvati minn Gvernijet. Cun af ucoll li dan hua deheb imitazioni.

### 87—Sigriet tal imitazioni (bhal) Fidda.

Deuueb ghall tliet darbiet 11 l'ukija nickell raffinat ma ukitejn biżmuth metallicu sachemm composizioni tajba tifforma ruħha. Issa, mat-tielet tiduiba, żid ukitejn fidda pura, imbghad sauueb il din it-tiduiba f'lissija. Floc *lissija* aħjar tieħu is-sens ta *Lye* (bl'Ingliż), ghax il din il lye (li hi lissija) aħjar tibghat iggibha lesta minn barra. Propria hia saturazioni concentrata ta soder fl'ilma. Intant: b'din it-tiduiba jinħadmu imitazjonijet ta fided, bħall imaghref, friechet, zuccarieri, ecc.

### 88—Imitazioni ta Fidda oħra.

Fidda isimha Warne, li hi bajda u iggranata fin, issir hecc. Deuueb 10 parti landa, 7 parti biżmuth u 3 parti cobalt.

NOTA. Il chelma *landa* tieħodhiex b'dauc il folji tal-landi li minnhom isiru li stanjati, bottijet, ecc., le. Landa hia metall abjad bħall stann: bl'Ingliż *tin*. Il-landa l'icollu il-landier hia folji irkak tal ħadid micsijin bit-*tin* (landa).

### 89—Imitazioni perfetta tal Fidda li difficili tingharaf mill Fidda Pura—Ghall Imgharef, ecc.

Deuueb sitt euuiek stann fin fi grigiol u imbghad żidlu ukitejn bronż tal kniepen (*) imchisser (imfarrac) tajjeb, u meta jiddeuueb żidlu ghaxar euuiek oħra stann maħlul (li tcun deuuibtu fi grigiol ieħor kabel). Issa ferra' fil forom

tar-ramel jeu tar-ram, u tigic imitazioni perfetta—(*) Ara No 83. Chif taghmel bronż tal kniepen.

### 90—Imitazioni ta Fidda Bajda.

Dan il metall hua abjad uisk, ma isaddadx, artab, jigi-fieri jinħadem tajjeb taħt il martell u idokk seuua seu leħen il fidda. Il formula hia din li gejja:

Deuueb. 50 part ram,
31-25 żingu, u
18-75 nickell.

### 91—Chif tindura Friechet, Schiechen u uggetti ohra fl'Ehfef Mod.

Ħallat flimchien daun li gejjin. Tliet euuiek clorat (chloride) tal fidda, sitt euuek melħ tat-tartru, ukitejn gibs ippreparat, u tliet euuiek melħ tal chcina. Meta icolloc bżonn tindura ghaddas f'din it-taħlita (li hi trab) ciarruta niedja (miblula fl'ilma ftit) u biha ghoroc l'uggett. B'hecc l'uggett jigi 'ndurat f'dac il ħin u bl'acbar ħeffa.

### 92—Sigriet ta chif tpingi fuk il Hgieg u tincisah.

Icolloc ħgiegia (l'aħjar ħgieg ghall dan hua dac li jismu *Crown Glass*) u fukha tcun trid bħallichiecu tħaffer ir-ritratt tieghec, jeu veduta, jeu xi ittri, ecc. L'euuel ma taghmel tghaddas din il ħgiegia fix-xemgha imdeuueb b'mod li tcun micsija b'din ix-xemgha minn cullimchien. Meta tcun cheshet ghall collox tpingi fukha b'xi ponta tal azzar [jeu, jecc ma tafx, iggieghel il min ipingilec] fjuri, sigiar, djar, ritratti, ittri, li trid. Cullfejn tridu jigi mħaffer jeu sculpit kis l'icun ħgieg micxuf u ma icollu ebda farca xemgha, ghax cullfejn m'hemmx xemgha jitħaffer u fejn hemm ma jitħaffirx. Meta tcun illestejt it-tpingija, itfa' din il ħgiegia [jeu ħgieg jecc icolloc ħafna] f'caxxa cuadra tac-ciomb li issa f'din il caxxa sejjer titfa' gas tal acidu fluoridicu [hydrofluoric acid gas]. Jecc m'ghandicx lest minn dan il gas, taghmlu b'dan il mod li gej. Taccuista certu trab jismu fluor-spar u titfa' fuku acidu sulfuricu concentrat, li minn dan, b'dan il mod, tieħu dan il gas. Intant. Dan il gas li titfa' f'din il caxxa tac-ciomb jibda iħaffer il ħgieg fejn ma isibux mghotti bix-xemgha, u b'hecc issir it-tpingija u tħaffir. Meta it-tpin-gija tigi 'mħaffra seuua [chemm trid int] toħrogiha mill caxxa, tneħħi ix-xemgha minn fuk il ħgieg billi l'euuel tghaddas il ħgiegia fil misħun biered, imbghad fil misħun, imbghad fil misħun jaħrak. Jeu floc hecc toghrocha bl'acqua-di-raża jeu benzina.

Issa, tista' tiżboħ it-tpingija [fejn tħaffer] b'cull leun ta żebgħa u jigic m'hux sabiħ ftit, fejn sa ritiatt mill iżjed fin jista' isir b'dan il mod. B'hecc ucoll tista' tagħmel ismec fuk tazzi, flieſchen, bozoz, ecc. l'icunu tieghec. Attent chif timmaniggia dan l'acidu fluoridicu, għax velenus u ta periclu. Uża inguanti u mascra.

## 93—Chif tibbalzma il Bhejjem, Għasafar, ecc. L'aħjar mezz scond li Scola Anatomicoli ta Parigi.

Dan il metodu ta ibbalzmar hua tajjeb għal gisem il bniedem u għall bhejjem collha, bħall għasafar, ħut u l'annimali l'oħra. Dan il process, chif krajna, jagħleb il processi l'oħra collha ta kablu; u dan l'aħħar giè 'mdaħħal fli Schejjel cbar Anatomicali ta Parigi. Agħmel hecc: Ħallat flimchien 5 lbs. [użin ingliż] sulfat tal alumina niexef, 1 qrt. misħun u 100 grains [grani] acidu arsenius [velenu kauui]—Injetta [deffes] 3 jeu 4 qrts. minn din it-taħlita fil vini collha ta gisem il bniedem, u inkas minn hecc jecc icun gisem ta bhima [Book of Secr. pp. 59].

## 94—Is-Sigriet ta Forma ta Midalja, Domna, ecc.

Ħoll ftit colla tal ħut [isinglass] bil brandy, itfaħħa b'saff irkiek fuk il midalja, domna, ecc., b'mod li tgħatti il uiċċ collu. Issa, ħallieha giurnata jeu aħjar tnejn sachemm tinxef u tibbies. Aklaħħa. B'hecc tigi lixxa, ciara, u jebsa daks il ħgieg tal Muscovia. Hi tirreżiżti anchi l'effetti tal arja umda. Jecc fuk uiċċ il maklub titfa' ftit fuar jeu riek ta ħalkec u tpoggi biccia folja tad-deheb [dic li jużau l'induraturi] teħel u tidher mill gemb l'ieħor b'mod u effetti ta ġmiel cbir. Din il forma tista' tużaha għal bosta ħuejjeg.

---

# IV.

# Sigrieti ta formuli-Processi-Ricetti, Industriali.

Ifhem. Issib ħafna żagħżagħ li għadilli icollhom moħħhom tajjeb u jerfa', iżda ma icunu jafu jagħmlu xejn, jeu ma icunu għallmuhom jagħmlu xejn li bih jakelgħu x'jeclu. Daun icun jonkoshom biss li uieħed iuebbilhom, ighidilhom x'għandhom jagħmlu u chif jagħmlu biex ighixu.

Int li kiegħed takra, jecc int uieħed minn daun, cun af li biex takla' x'tiecol m'hux meħtieg ta bilfors li tcun b'sengħa, bħallichiecu ta ħaddied, mastrudaxxa, scarpar, naġġiar, ecc., le, iżda hemm uisk mezzi li bihom tista' iggib

il ħobż. Il bnedmin ma jeħtiegiux il ħadid, il bibien, iż-żraben, ecc. biss.

Barra-minn-Malta hemm bosta bħalec, iżda daun, floc li jokoghdu jittamau li xi darba xi-ħadd ghad iħenn ghalihom, jitilku din il fhema belha, irabbu il curaġġ u l'energija, isibu ricetta jeu formula f'xi ctieb bħal m'hua dan, jistudiauha minn cull gemb u f'collox, jaħdmuha, ixandruha u imorru ikassmuha huma stess, ibighuha, u b'hecc uħud minnhom m'hux talli kalghu x'chielu, imma staghneu ucoll. Il cotba tal Industria, bħala eżempju, isemmu il bosta: fosthom il Carnegie, il Sir Thomas Lipton u il Rockefeller.

F'din it-Taksima ghamilnielec ħafna sigrieti ta ricetti u formuli maghżulin apposta biex minnhom taghżel ghal dan li scop.

Nistħajlu immela, li ghażilt is-sigriet tar-ricetta li biha taghmel Fuieħa Maghkuda. Ibda ipprova aħdimha bil ftit. Meta tara li irnexxielec collox [bla tiddejjak mit-taħbit u li xchiel li jinkala'], studia jecc taghmilhiex bħallichiecu f'carti donnhom fidda [ghall ghajn] bi cliem, isem u ticchetti sbieħ, u jecc tcun ħagia tal fliexchen ghamilha fi fliexchen, u allura kassamha f'tużżani, f'ingrosos, xerridha fi ħuienet, ħalli klieħ seuua lil tal ħanut biex imexxilec, u int aħdem fid-dar bla soddisfazion ta ħadd. Mid-dar tieghec tibda' tmexxi [triegi] b'moħħoc,u int timxi,tghaddi il kuddiem,u tghix. Mid-djar joħorgħu bosta xorti hecc.

Heccu: ħlokt mestier, industria żghira bħalma ghamlu ħafna: gejt indipendenti floc li tittama u titteuueb.

Min jaf chemm haun min jaghmel chif fuk semmejna (imma daun m'humiex sejrin jigiu ighidulec) fis-sieghat barranin (spare-time), avvolja icunu jaħdmu!

Jecc ma taghmel xejn minn dan li semmejnielec, ghall-inkas b'din it-Taksima ghandec maħżen ta xorti li meta tfittex issib.

## 95—Is-sigriet tat-tahlita tal Blù ghall hasil il huejjeg.

Ħallat flimchien 12 l'ukija trab blu' (jismu ultramarine jeu prussian), 8 euuiek carbunat tas-soda u ukitejn glucose (zoccor tal gheneb). Itfa' chemxejn ilma u ħallat u ghagen. Issa, minn din il pasta, itfa' fil forom żghar li tcun ordnajthom ghand landier apposta, ippressa, akla' mill forom u ħalliehom jinxfu sal fil-ghodu. Icolloc blu' ghall ħasil il ħuejjeg mill aħjar. Aħna stess ipprovajna, u biex inraħħsu (nispeculau) floc il material li fuk semmejna ghamilna blu' minn material l'actar ordinarju u rħis, u giè tajjeb ferm. Ma 3 trab blu' ordinarju tat-tibjid ghamilna 2 soder tal ħuejjeg midħun u nofs uaħda zoccor milli nieclu. Ghagin-

nieh bi ftit ilma, ippressajnieh fil forom, nixxifnieh u tajnieh il min jipprovah. Hareg tajjeb uisk. Issa, aħseb-ara bl'affarijet l'oħra fini.—Il forom għamilhom tużżana f'dakka 'muaħħlin flimchien għall ħeffa, b'mod li jigiu kishom xehdiet tan-naħal.

Jecc trid teħles mit-taħbit tal forom għamel (għagen) bocioc, kegħdhom fi bcejjec tac-ciarruta, u lic-ciarruta għamlilha katra fuieħa. Jinħataf. Iccalcola x'infakt, iddestina prezz bit-tużżana, ħalli klieħ seuua lil tal ħuienet biex imexxuhulec, u mexxi. Studia u specula.

## 96—Sigriet ta chif tagħmel sapun għal bejħ li jakbel u bla taħbit.

L'euuelnett ara chif tagħmel biex xi agent igiblec minnbarra-minn-Malta certa lissija lesta (preparata)—bl'Ingliż jisimha *Lye*—Imbgħad aħdem din ir-ricetta. Lissija 6 irtal, xaħam jeu ardu 4 irtal, u raża cuart ta ratal. Issa, isħak tajjeb ir-raża sa ma iggibha trab. Ħoll il daun it-tlieta flimchien u ħalliehom f'gemb għall ħames ti-jiem: ħauuadhom tajjeb. Imbgħad kiegħed il din it-taħlita f'caldaretta u fuk it-taħlita ferra' 10 galluni misħun jagħli. Ħauuad darbtejn culljum sa 10 ti-jiem u fi tmiem dan iż-żmieni colloc 100 ratal sapun mit-tajjeb li jisua għall inkas 5 soldi ir-ratal.

Dan il process la jitlob macchinarju u l'ankas local cbir: tista' tagħmlu id-dar. Jecc trid tagħmlu sapun culurit u tal fuieħa ħallatlu tant culur li trid tal anilina u tant ktari essenza tal fuieħa. Kis li daun it-tnejn titfagħhomlu meta jibred u kabel jagħkad. Iftacar li trid tagħmel collox eżatt u chif għandec haun, għax inchella ifallilec.

## 97—Klieħ mis-Sapun magħmul mis-Sapun stess.

Ixtri sapun irħis, ordinarju, u kattgħu strixxi-strixxi. Issa, ma cull ratal minn dan itfagħlu ratlejn ilma u kegħdu fuk in-nar jinħall u jagħli. Issa żid miegħu nofs ratal bi-carbunat tas-soda u ħauuad ħafna u bil kauui. Biex tħauuad, jecc icolloc xi-ħagia fil cobor bħall dic l'iħaudu il bajd biha, aħjar. Niżżel minn fuk in-nar, u kabel ma jagħkadlec itfagħlu xi culur anilina u fuieħa, u argia' ħauuad. Ferra' fil forom. Dan isir sapun igħidulu galleggianti, jigifieri ħafif l'igħum f'uicc l'ilma, u tajjeb anchi għall leħja. Iħallilec klieħ cuażi 150 fil 100, għax l'ilma tcun għamiltu sapun. Jecc iżżidlu ftit carbonat tal putassa jibka' liquidu b'mod l'icun tajjeb u seuua chif għedna għall leħja.

## 98—Ricetta—Chif taghmel Faħam Artificiali.

Ħallat 3 parti trab tal faħam ma 7 parti deffun jeu tafal ftit imrammel, u part uieħed katran liquidu. It-trab tal faħam ghandu icun imbexxex seuua b'soluzioni concentrata tas-soder, li imbghad tħalltu, tghakkdu seuua mat-tafal (jeu deffun) u il katran. Issa ghamlu balal (bocioc) u nixxef. Din it-taħlita tinħarak tajjeb u titfa' sħana u ħruk cbar. Fi żmien il Guerra il Cbira chien hemm bosta min ghamel il faħam artificiali, iżda x'actarx li ma chienux jafu il proporzionijet u is-sigriet tas-soluzioni tas-soder li din iżżomm in-nar żmien itual u iggib ħruk u sħana cbar.

## 99—Black Liquidu ghaz-zraben li jillustra Uahdu.

Ma ukitejn gommalacca ghamel ukija-ammonia, sitt euuiek ilma u anilina seuda chemm ticculurixxi. Ghalli collox flimchien (barra l'anilina) sachemm il gommalacca tinħall, u issa żid l'anilina u coċċ ilma ieħor sa ma taghmel *pint* (20 ukija). Jecc taghmel ghall bejħ, imla' fi flixchen quadrati b'fomm uiesa', tappijet injam b'fildiferrua bi sponża fit-tarf attaccata. Jecc trid tati rieħa itfa' ftit nitrobenzol. U bieħħ. Jecc taghmel Black bil ħafna, ghamel collox a proporzion ta din ir-ricetta.

## 100—Chif ticconza il Gild

L'euuel aħsel seuua il gild u neħħi il fdal tal-laħam li jibka' minn geuua; imbghad naddaf ix-xaghar jeu suf bil misħun ciar. Ghaddas fih u laħlaħ seuua. Issa ħu nofs artal sapun comuni, nofs artal alumi (xebb-il-ġmiel) midħun u nofs ukija borax, ħollhom fl'ilma jaħrak u żid maghhom ħliefa jeu nuħħala (inchella tkiek) biex collox jigic bħal tajn. Issa ifrex dan fuk il gild in-naħħa ta geuua tal-laħam. Chebbeb il gild minn tulu b'mod li in-naħħa laħmija tibka' niedja u frisca, u ħallih hecc sa 10 ti-jem jeu gimghatejn f'post delli u li jghaddi 'r-riħ. Imbghad ciaklak u neħħi dic il pasta, aħsel u nixxef. Uara dan gebbed u stringi il gild b'idejc chemm tiflaħ u aħdem, naddaf, u neħħi il fdal b'dhar ta sicchina in-naħħa ta fejn chien il-laħam.

## Sigrieti ta Ricetti, Processi ta Conza, Taħlit u Bexx ta Tabacc Tal Germaniz J.B. Lutterman

Illum haun ħafna li keghdin ighixu mit-tabacc, u daun jafu chemm haun illum li saru nies minnu. Ghalhecc, seuua daun u chemm dauc, naħsbu li jinteressau ruħhom li ghall ħaddieħor jakrau bid-dehua ir-ricetti, ecc., li gejjin.

Mindu xi nies ħadmu ricetti u formuli ta tabacc u rnexxielhom u staghneu jeu keghdin biex, bosta uħud kabadhom bħall genn li jaghmlu bħalhom ! Cullħadd minnhom irid jipprova iħallat, cullħadd irid jara jecc jirnexxilux ucoll igib l'aroma tat-tabacc tieghu bħall tat-tali, u jaħasra il cotra jibkghu b'xiber imnieħer, ghaliex sigriet ta ricetta u process m'humiex ciajt !

Cull min hu interessat f'dan ix-xoghol u irid jipprova, jakbillu joħlok xi riħa, xi perfum, xi flavur, xi aroma ghaliħ innifsu floc li jimita bħax-xadini. Ara jistax jisuielec ta xi ghajnuna dan li gej. Daun huma ftit ricetti u processi tal Lutterman, Champion Germaniż tat-Tabacc ta xi 40 sena ilu, li keghdin fil ctieb sigriet tieghu u li copia tieghu (li fiha bosta sigrieti) tinsab ghandna.

Fost ħuejjeg oħra insibu mictub hecc:

101— Jecc tinħtieg aroma tasseu tajba (extra-fine) ghall dac li fuk ghidna din li gejja takdic:—

Seuuaseu f'uakt li tinħtieg it-tabacc (Torc) u tcun sejjer titfghu fil macna ghat-tkattih, roxxu b'seffut (spray) ħafifħafif f'cull naħħa tieghu bit-taħlita li gejja [Aroma ghat-Tabacc Torc) u katta' *bla deumien:*

Ukitejn zoccor tar-rita tal koxra tal-larinġ (orange-zeste),*
Nofs ukija zoccor tar-rita tal koxra tal-lumi [lemon-zest].

Daun ħollhom fi 3 mill 4 ta *pint* ilma distillat jeu iffiltrat u uaħda mit-8 ta *pint* rum ismu St. Croix.

Issa, dan li semmejna ghasru collu minn ciarruta tal ghażel u ippressa kauui b'mod li ma tħalli ebda nakra, imbghad itfghu fit-taħlita li gejja:

3 katriet żejt tal Anizetta fin,
1 ,, ,, ta l'Imsiemer tal Kronfol [clove],
5 ,, ,, tal Lavanda,
5 ,, Tintura fina tal Cascarilla,
10 ,, Estratt pur tal Vanilla,
2 ,, Estratt pur tal Langias Jargonelle
10 ,, ,, ,, tat-Tuffieh Pinu (Pine-Apple), u
6 ,, Ottu tal Uard.

Ħallat collox uaħda uara uaħda chif ghandec haun. Ifhem ir-ricetta seuua u aħdimha perfettament—La taktax kalbec ghaliex tara dan it-taħbit collu. Jecc tintafa' fukha u tcun il ghajxien tieghec, ghalic ma tcun xejn. Taħsibx li il ħagia tigi bħall il bajtra taka' f'ħalkec.

## 102—Ricetta li "Taghmel Aħjar" it-Tabacc Torc.

Ghasar u ħu is-sugu minn coċċ larinġ ħelu ; saffih minn

*Orange-zest isir billi tħocc il koxra is-safra [fuknett] tal-laringia frisca u taghmilha nofs-b'nofs maz-zoccor ismar.

ciarruta tal ghażel, u ma cull 4 euuiek minn dan is-sugu tal-Laring Ħelu, żid:

Ukija sugu tal Laring Morr; cuart ta ukija żejt tal Kxur tal-Laring; cuart ta ukija żejt tal Kxur tal-Lumi; ukija Ghasel-in-Naħal; ukija Essenza tal Vanilla; ukija Spirtu Rettificat tal imbit; ukija Estratt concentrat tal Cafè; cuart ta ukija Estratt concentrat taż-Żafran; u erba' euuiek Ilma pur [tax-xita]—illi f'daun collha ħoll dramma Sananitru—Saffi mill ġdid, u collox icolloc lest ghallchemm tuża.

## 103—Uaħda mir-Ricetti tal Conzi tat-tabacc(Luterman)

Isħak u ghamel polpa: Libbra [pound ingliż] u cuart Tin; 8 euuiek u 3 cuarti [ta ukija, cioè 8¾ oz.] Koxra tal-Lumi frisc imkatta' fin; li stess pis u 'mkatta' fin Koxra tal Laring frisca; 7 euuiek Zerrigha tal Cosbor [ħaxixa]; 7 euuiek Eghruk Calamus; u 3 euuiek u nofs Cubeba [certu bżar]. Ħalli il daun collha 'mxappin ghall 24 siegha f'4 galluni ilma nadif u pur. Imbghad saffi dan il-liquidu u żidlu libbra u quart Salnitru pur u libbra Zoccor tal Kampiena maħlulin f'libbra Ilma (soft water) pur iffiltrat jeu distillat.

Il pis u il kies ta din ir-ricetta li tlakna u ta l'oħra li gejja huma maħsubin ghall conza ta kantar ingliż (Hundred Weight, jeu 112 lbs.) ta Uerak Tabacc.

## 104—Oħra mir-Ricetti tal Conzi tat-Tabacc (Lutterman)

Din ir-ricetta hia in-Nru. 9 tal ctieb tieghu—Ghat-Tabacc Morr.

Iżen u kieghed f'meħrież Żeuġ libri Uerak frisc tal Geuż; libbra u nofs Uerak frisc tar-Rand; libbra u nofs żibeg tal Ġnibru; u 8 euuiek u 3 cuarti (8¾ oz.) Ariñġ Sħiħ (bil koxra), u isħak collox u ghamlu polpa.

Kieghed din il polpa f'tagen cbir ma 4 galluni Ilma safi u nadif, u ħalli collox itectec uisk bil mod fuk in-nar ghall 24 siegha, imbghad saffi il liquidu u ghasar il bkija biex tieħu liquidu iżjed. Meta żbictu ghall aħħar, ħallih jicsaħ.

Issa, isħak flimchien f'meħrież sachemm taghmlu trab artab u mill actar fin: 3 libbri u cuart Zoccor tal Kampiena; ukija fluida (maħlula) Żejt-il-Lumi mill actar fin; u nofs ukija (użin avoirdupois) Ambra [*].

Imbghad, meta tispiccia, żid ma collox żeuġ libbri trab fin tas-Sananitru pur. Ghoroc collox flimchien f'meħrież ghall ftit drabi u 'mbghad ħoll il dan it-trab f'gallun u nofs Ilma safi u nadif (sħun bħall ħalib). Ħallih jicsaħ, imbghad

(*) Cull frac nadif tal ambra jisua ghall dan.

ghasru-saffiħ fil licur li kabel ghamilt. Issa collox jinsab lest ghall użu.

Din ir-ricetta hia eccellenti,"ittejjeb"lit-Tabacc l'icun morr.

ERBA' TAHLITIET—BLENDINGS—TA TABACC,
TA LI STESS AUTUR.

### 105—Tahlita qualità No. 2 tal "Ostend Tobacco"

Din it-Taħlita hia ta 100 libbra. Hecc:
45 libbra Uerak Louisiana, ma
35 „ „ ħafif Isfar Virginia, u
20 „ „ „ „ Pennsylvania. B'collox
———
100 libbra.

### 106—Tahlita qualità No. 3 tal "Varinas Canaster"

Din ucoll hia ta 100 libbra. Hecc:
5 libbri Uerak Havana, ma
5 „ „ Louisiana, u
40 „ „ Porto Rico, u
25 „ „ Isfar Virginia, u
25 „ „ Aħdar Safrani Virginia [li marlu il culur]
——— B'collox
100 libbra.

### 107—Tahlita qualità No. 1 tal "Petit Canaster"

10 libbri Uerak tal Orinoco mit-Tuil, ma
45 „ „ Louisiana, u
45 „ „ Porto Rico.—B'collox
———
100 libbra.

### 108—Tahlita qualita' No. 2 tal "Petit Canaster".

50 libbri Uerak tal Brown Virginia, ma
45 „ „ Orinoco mit-Tuil, u
5 „ „ Louisiana.—B'collox
———
100 libbra.

Il Petit Canaster ghandu jigi dejjem ippacchiat f'caxxi tal landi malli jitkatta'.

### 109—Sigriet ta conza tat-tabacc tas-sigarri tal Prof......

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ghamel Ilma | parti 100, | | |
| „ Storaci | „ | 1 u 25 | [ta part li jitkassam f'100. |
| „ Alcohol [spirtu pur | „ | 6 u 56 | „ |
| „ Ghasel Isued | „ | 9 u 37 | „ |
| „ Nitru | „ | 4 u 56 | „ |

Itghallem akra din ir-ricetta [u anchi l'oħrajn] u aħdimha bir-rekka collha. Fl'aħħar ta dan il ctieb issib it-taghlim.

[Chif ghidna drabijet oħra, jigifieri: Meta daun l'ismijet t'essenzi u ħxejjex li keghdin iħabblulec moħħoc tistaksiehom lil spiziari, issib li m'huma xejn.]

## 110—Sigriet ta floc iz-zoccor.

Ma 16 l'ukija saccarina itfa' nofs gallun ilma distillat. Daun keghdhom f'borma li tasa' żeuġ galluni. Imbghad nakra nakra żid 13 l'ukija bicarbunat tas-soda [ingliż]. Uara li dic ir-rghauua l'issir tiekaf [tispiccia] saħħan it-taħlita sa ma biss tcun sejra taghli. Niżżel minn fuk in-nar. Meta ticsaħ żid ratlejn u 8 euuiek glicerina, imbghad iffiltra collox minn carta tal filtru [suediża]—kis li tniddi il carta kabelxejn—Imbghad, b'ilma distillat biżżejjed, sauueb il din it-taħlita fuk il carta nakra nakra sachemm jiffiltra u jigi gallun collox. Ibbottilja malajr u meta ma tużahx żommu intappat tajjeb.

## 111—Is-Sigriet ta uard niexef taghmlu frisc.

Uard l'icun dbiel, li tilef il-leun, biad u cuażi nixef, tista' targia 'ggibu aħmar [jeu b'culuru] chif chien meta ktajtu frisc mill ġnien. Ara is-sigriet chif. Icolloc chenun bin-nar tal faħam. Itfa' fuk il giamar tan-nar ftit cubrit u filuakt l'icun tiela' id-duħħan tal cubrit il uarda keghdha fuku, xi xiber gholi, biex tixrob il cubrit. Haun, il uarda issir bajda. Issa ghaddasha fl'ilma, imbghad keghdha f'caxxetta, jeu chexxun, maghluka ghal xi 4 sieghat, u meta toħrogiha targia' issir lec ħamra bħall meta ktajtha. Bħalma taghmel uaħda tista' taghmel mija u elf.

Jecc ma tkeghdhiex fl'ilma u l'ankas f'chexxun, il uarda tibka' bajda, u hecc icolloc uarda bajda.

Fi ctieb kadim tas-sigrieti sibna li il uard tista' iżżommu minn stagiun ghall ieħor bla jiġrilu xejn bħall meta ktajtu frisc, u b'hecc int tista' taghmel speculazioni ta negoziu billi tirrigala jeu tbieħ il uard barra minn żmienu bi prezz ghali. Ara chif. Fl'aħħar ġranet ta żmien il uard takta' quantita' mill'isbaħ—kis li il uard ma icunx miblul bl'ilma—Żommu fuk il fiammi, jigifieri fuk id-daħħan tiela' tal cubrit sachemm isir bajdani. Imbghad issigilla iz-zcuc, mnejn ktajt, billi tghaddashom giol paraffina maħlula u taghlak seuua dan il uard f'caxxetti mitbukin bla nifs. Meta jasal iż-żmien li trid tbieħ frisc, oħroġ il uard mill caxxi ghaddas, fl'ilma, u b'hecc icolloc il uard barra minn żmienu frisc ghall bejħ.

## 112—Metodu iehor.

Barra minn hecc hemm sigriet ieħor chif tippreserva (iżżomm minn sena għall sena) il uard. Ara chif: Għaddsu f'soluzioni (taħlita) ta parti uaħda sodium bicarbunat u 16 il parti ilma. Ħallih jokgħod f'dis-soluzioni żmien ta cuarta, imbgħad argia' għaddsu f'soluzioni tas-salicylic acid (acidu salicilicu). Erfgħu minnha malajr u cun pront kegħdu taħt bozoz tal ħgieg biex jixxotta.

Dan is-sigriet tista' tgħoddu ma dauc li tgħaggeb bihom, jigifieri ma tal Euuel Taksima. Bħallichiecu tgħid li għandec il ħila tirxoxxa uarda niexfa. Imiegħruc. Tituarrab ftit, titfa' il uarda fis-soluzionijet u tieħodhielhom frisca fi żmien m'hux tal uard. Imma l'isbaħ hu li takla' xi sold mill uard barra minn żmienu.

## 113—Metodu ħafif—Chif tagħmel essenza tal fiuri.

Ifrex saff fjuri f'vażett, jeu borma, jeu xi ħagia tal fuħħar; imbgħad fuku ati Saff ieħor ta melħ fin, u ibka' sejjer hecc saff fjuri u saff melħ fin sa ma timlieh. Għattih u sodd bla ma jeħu nifs u kegħdu f'cantina (cellar). Erbgħin giurnata uara għasru tajjeb billi tkiegħdu f'ciarruta (tal giobon) nadifa u ibka' għasru sachemm tieħu is-sugu tiegħu collu; u armi il polpa. Din l'essenza (sugu) itfagħha fi fliexchen indaf u ħalliehom xi 6 gimgħat fix-xemx. B'hecc icolloc l'essenza tal fjuri.

## 114—Sigriet ta Fuieħa Magħkuda.

Ħoll 12 l'ukija paraffina f'banju-marija. Meta tinħall neħħieha mill banju-marija, u meta tcun cuażi chesħet itfa' fiha daun li gejjin: dramma żejt tal-lumi, dramma żejt tal bergamott, dramma żejt linolœ, u dramma heliotrope. Ħallat seuua u ferra' fil forom ta daks li trid. Din il fuieħa magħkuda (Frozen Perfume) tintuża f'ħafna xiorti. bħall togħroca mal cmiem, ma l'imcatar, fi cxiexen tal gredenza, ecc. Tista' tagħmilha tużżani f'caxxi u tbieħha fil ħuienet.

## 115—Ciarruta Magica=li biha targenta l'oggetti f'dac il hin stess.

Ixtri minn għand argentier biccia fidda pura; katta' minnha cuart t'ukija (użin ta li spiziari: apothecary jeu avoirdupois)—Ifhem: cuart t'ukija jiżen seuuaseu daks żeuġ sixpenzijet—Issa, ħoll dan il cuart t'ukija fidda f'ukija (fluida) acidu nitricu, u 'mbgħad żidlu ukija mercurju (li bl'ingliż jismu quicksilver jeu metallic mercury) u ħallih jinħall. Issa

itfa' din it-taħlita f'żeuġ *pints* ilma (li fihom 40 ukija pis). Dan it-taħlit ghamlu dejjem fi fliexchen ħgieġ jeu enamel. Issa ixtri franella bajda irħisa u akta' bcejjec ta jarda il uaħda minnha. Xappaphom (ghaddashom) fit-taħlita ta fuk, ghasarhom mill liquidu u dendilhom jinxfu. Imbghad kattaghhom fi bcejjec ta 6 b'9 pulzieri il uaħda u biehhom b'xelin il uaħda. Biccia minn daun li tisua sixpenz tcun ta 3 b'6 pulzieri: m'hux iżjed.

F'uakt li tcun kieghed taħdem din it-taħlita ta fidda, acidu u mercuriu kis l'ixxidd inguanti tal lastcu, specialment filuakt li tcun k'ed taghsar daun il bcejjec, li ma iddennisx xi ponta jeu gerħa li jista' icolloc f'idejc, ghax it-taħlita hi velenuża.

Jecc jitolbuc minn dan il-liquidu (li jismu Liquid Silverplate) biex jixtruh, imlielhom cunjett li jasa' ukitejn u żommilhom xilin ghall cull cunjett. Il cunjett jeu flixcun-żghir ghandu icun nofsu mimli bl'abjad li jismu *whiting* (gibs), u 'mbghad itfa' fuku il liquidu li semmejna. Kabel tuża ciaklak il flixcun.

Ic-ciarruta jisimha *Ciarruta Magica* li targenta.

Chif taghmel, jeu chif tghid biex jaghmel lil min jixtrih: "Itfa' daks mgharfa ilma fi plattin, xarrab fiha icciarruta (li hi ippreparata chif semmejna fuk) u ghoroc biha il bicca ram, bronż, germansilver, ecc,, u daun f'dac il ħin arahom irabbu koxra bħala fidda ta ġmiel cbir. Dac li tcun ghoroct ghaddsu fl'ilma u nixxfu. B'dic-ciarruta ixxotta dac l'ilma li tħalla fil plattin u nixxef, ghar-ragiuni biex ma taħlix il fidda li tibka' fil plattin. Kabel ma targenta kis li tnaddaf l'oggett seuua. Ara ma tmurx ixxarrab lic-ciarruta b'ħalkec floc bl'ilma, ghax il-liquidu taghha hu velenus ħafna."

## 116—Sigriet ta tkaxxir ix-xaghar—Depilatoriu.

Barium Sulphide, gir u lamtu ukija cull uieħed. Hallathom flimchien u hecc icolloc trab leun li rmied. Cull meta icolloc bżonn tkaxxar jeu aħjar tneħħi ix-xaghar bħal m'hu ta sidrec, ta taħt spallejc, ecc., ħu ftit trab minnu, ħollu bi ftit ilma, ghamlu bħal tajn u keghdu fuk ix-xaghar li trid tneħħi. Ħallih 5 minuti, akbad dahar ta sicchina jeu zocc ta sulfarina u obrox: ix-xaghar imur bħalchiecu katt ma chien imuaħħal. Katt la ixxarrab it-trab u tħallih ghall darbohra ghax isir ma jisuiex. Meta tkaxxar dejjem aħsel fejn kaxxart bl'ilma frisc, u jecc tidlec bil *cold cream* tista' tkaxxar imkar il-leħja. Il cold cream jiffriscac. It-tneħħija tax-xaghar b'dan il mod tissejjaħ ucoll Depilatoriu.

**117—Depilatoriu iehor.**

Ħallat flimchien 10 euuiek gir, 14 l'ukija l'amtu u ukija arsenicu, jigifieri Orpiment.

**118—Iehor.**

Ukija orpiment, gir u lampu 12 l'ukija cull uieħed. Biex tneħħi ix-xaghar b'daun it-tnejn tal aħħar, uża il metodu ta dic tal euuel.

**119—Balal biex titfi in-nirien.**

Istħajjel li taghmel minn daun il balal, tħallihom id-dar u meta jiġrilec xi ħruk titfa' minnhom fuk in-nirien, u daun jintfeu. Isiru hecc. Icolloc fliexchen ghamla balla, jeu ghamla ta xi ħagia oħra, u daun timliehom b'taħlita ta Calcium Chloride u Burax. B'din it-taħlita in-nar jintefa. Mela dauc li tara 'mdendlin mal ħitan ta xi stabilimenti lesti ghall xi ħruk icunu b'din it-taħlita. Tista', jecc trid, taghmel minnhom ghall bejħ.

**120—Is-Sigriet ta liquidu li jiccopia (jittrasporta).**

F'nofs gallun ilma ħoll nofs ratal sapun comuni tal ħuejjeg, imbghad żid maghhom minn pinta sa terz turpentina (acquaraża). Ħollhom u ħauuadhom tajjeb. Ati passata b'pinzell fuk cull stampa li trid ticcopia, imbghad poggi carta nadifa u bajda fuk li stampa, u fuk collox ibda ghoroc bil kauui b'dahar ta cucciarina. B'dan il mod ticcopia cull ghamla ta stampa minn fuk giurnali, cotba, ecc.

Dan il proporzion (id-daks) li fuk semmejna hua ghall meta trid taghmel ħafna, biex tkassmu fi fliexchen ghall bejħ.

Biex tittrasporta stampi ghall fuk il ħgieg jeu dixxijet, ecc., l'euuel ivvernicia il ħgiegia b'vernic abjad u ħallih jinxef, imbghad niddi li stampa bil liquidu li semmejna fuk, kieghed carta, u ghafas, ghoroc b'dahar ta cucciarina chif ghidna, u b'hecc li stampa tibka' fuk il ħgieg, ecc.

**121—Sigriet chif ticcopia l'ittri bla stamperija.**

Linca seuda ta l'iccopiar li biha, bil pinna, tcun tista' taghmel bosta copji uisk fini minghajr ma icolloc stamperija, jeu pressa, issir b'dan il mod li gej. Ukija estratt tal kampic (logwood) misħuk, u żeuġ drammi carbunat tas-soda cristallizzat imkeghdin gio biekja tal purcellana bi 8 euuiek ilma distillat, u tkeghdhom fuk in-nar sa ma din it-taħlita (soluzioni) issir ta leun aħmar kauui u l'estratt collu jinħall. Imbghad tneħħi il biekja minn fuk in-nar. Issa ħauuad

tajjeb f'din it-taħlita ukija glicerina (gravità specificata 1-25), 15 il gran chromat tal putassa neutrali maħlul fi ftit ilma, u żeuġ drammi ta gomma arabica imtarrba fin, li tista' kabel collox il din tħollha fi ftit misħun l'iggibha maħlula bħal ghasel. B'dan il mod tcun lestejt il-linca.

Maghluka fil fliexchen din il linca tista' iżżomm ghall żmien tuil bla titnauuar, u kadima chemm tcun kadima tista' biha dejjem taghmel bosta copji ta chitba meħudin b'mod bla ma icolloc pressa jeu stamperija. Ticteb l'original b'din il-linca u minn fuku tieħu ħafna copji.

Bi ftit tal ghakal tista' taħdimha int stess, u titfaghha fis-suk ghall bejħ.

## 122—Chif taghmel Linca ghat-timbri b'hagia zghira.

Ma 3 parti linca comuni ħoll part uieħed zoccor mill ismar. Ħauuadhom tajjeb u icolloc linca ta l'iccopiar—JEU: Ħoll uaħda anilina (culur li trid) f'ħamsa glicerina sħuna taħrak u icolloc linca ghat-timbri. Xappap tajjeb il *pad* u ittimbra.

## 123—Chif taghmel u ticteb b'pinni bla linca.

Aħdem pasta b'anilina viola (jeu blù) u bil colla. Issa ghamel biccia żghira minn din il maghkuda pasta taħt il pinna (f'dac il curv il fuk mill ponta). Biex ticteb ghaddas il pinna fl'ilma u icteb. Katt la tnaddafha billi toghrocha fin-niexef. Din tinsab f'Lista tal Industrial Secrets Americana u ghamlu minnhom ghall bejħ. Int tista' taghmel hecc ucoll.

## 124—Chif taghmel Linca li tinkara fid-dlam.

Linca li biha ticteb u tinkara fid-dlam tista' tigi maghmula mill cannella (dic li biha 'nħauuru lit-tisjir) u fosforu, bi proporzion ta nofs ukija cannella u nofs dramma fosfru, imsaħħnin bil-mod-il-mod sachemm jinħallu u jitħalltu, imbghad jigiu mitfughin l'cunjett u 'ntappati seuua bla ebda nifs.

## 125—Sigriet chif izzomm il bajd tajjeb ghal sentejn.

Ghall cull barmil (satal) li jismu *pail patent* mimli bl'ilma żidlu żeuġ pints (40 ukija pis) gir frisc u pint uieħed melħ milli nieclu. Ħallat u ħauuad seuua, imla' barmil sa nofsu b'din it-taħlita, stiva il bajd fih f'cull żmien uara Giunju, u jecc trid tista' iżżommu bla jiġrilu xejn sa sentejn.

Tista' taghmel mod ieħor. Ara chif: Ghall cull mitkel ratal silicat tas-soda itfaghlu gallun ilma, u titfaghlu dakshecc meta is-silicat icun maghkud kisu giulepp jeu ghasel.

Is-silicat tas-soda ighidulu ucoll *Liquid Glass* jeu *Water Glass*, jigifieri ħgieg ilma jeu ilma tal ħgieg. Intant, ghaddas il bajd ghall 5 minuti u tellghu. Dan is-silicat irabbi scorcia tlekk fuk il koxra tal bajda li din il koxra titghatta b'mod li la tghaddi arja u l'ankas umdu. B'hecc iżżommu ghall żmien tuil tajjeb u frisc. Kis li it-taħlita tcun kisha giulepp.

### 126—Chif tipprova jecc iz-zrieragh ghadhomx tajbin.

Taghżel l'acbar fost iż-żrieragh, tkeghdhom f'tagen jeu turtiera sħuna, u meta iż-żerriegha tcun ghadha ħajja, bis-sħana tfakka', jeu tixxakkak, u tinfetaħ bi ftit jeu uisk tal ħoss. Meta il ħajja taż-żerriegha tcun ghoddha spicciat jeu intilfet ghall collox, tibka' bla ticciaklak: la tixpacca, la ħsejjes u la xejn. Din tajba ghall Bdiċua.

### 127—Sigriet chif tneħħi iz-zliegia tal hmieg mill libsa.

Xarrab fejn ghandec dac il ħmieġ, żliegia fil-libsa, floc bl'ilma bil Witch Hazel (chimica) u ghasar. Ippressa il-libsa fuk il maklub taghha. La tippressahiex sachemm ma tcunx jebsa u niexfa. Issa, ghaddi il ħadida ħafif ħafif fuk taħt il uiċċ tal libsa ghalbiex il fuar (li stîm) ikajjem il pil. Imbghad, fl'aħħar, ibbroxchia il-libsa fuk is-seuua taghha u tigic bħala ġdida.

### 128—Chif ticciara il-licuri. imbejjet, ecc.

Dauc li jaħdmu fil-licuri u 'mbejjet, biex jicciarauhom, spiss jaghmlu alumi (xebb-il-ġmiel) maħruk u misħuk trab. Aghmel prova, u fi proporzion ta 200 parti licur imdardar, itfa' part uieħed u 5 minn part (jigifieri 1-5 part) ta trab tal alumi maħruk. Ciaklak (ixxejchia) u ħabbat tajjeb, u ħallih jokghod sachemm jicciara.

### 129—Chif imbit li kraslec targia' ittejbu.

Imla' borża (jeu xcora żghira, scond il bżonn) biż-żerriegha tal currat, jeu bil uerak inchella rimi tad-duieli (jigifieri dac ir-rimi mghauueg ta ħdejn il kalba jeu l'ghankud) u ghaddas liż-żerriegha jeu lir-rimi fil bittija bl'imbit kares, u ħallih hemm sachemm jitjieb. Taghmelx cullma ghidna f'dakka, le, imma jeu żerriegha tal currat, jeu rimi, inchella uerak.

### 130—Chif imbit hazin iggibu tajjeb.

Żid erba' jeu ħames libbri zoccor abjad, ghasel, inchella żbib (passulina) ghall cull 100 gallun, u sodd il bittija tajjeb. Tista' iżżidlu ucoll ftit spirtu.

### 131—Chif isseuui imbit b'toghma hazina jeu li kras.

Imla' xcora żghira bil kamħ u dendilha fih. Ħallieha giurnata, tnejn, sachemm jitjieb.

### 132— Chif tneħħi dauc ic-certi ħjut mill imbit.

Itfaghlu ftit Catechu u ħallih sachemm daun imorru. X'inhu catechu staksi spiziar.

### 133--Chif iggib l'imbit flocu meta isirlec morr.

Gio bittija mimlija b'dan li stess imbit morr ħoll gramma jeu tnejn acidu ossalicu, li kabel tcun farractu ghamiltu trab u ħollejtu fi ftit mill istess imbit, imbghad ciakilku l'haun u l'hemm bil kauua u ghall bosta drabi, u ibka' culltant ciakilku sa jumejn jeu aħjar tlieta, u b'hecc, mill imrar, jigi flocu.

### 134—Taħlita (Compozizioni, Ricetta) Germaniza tas-Sulfarini jisimha Böttger.

Ħoll 16 il parti gomma arabica f'chemm tista' ftit ilma; żid maghha 9 parti fosforu (trab) u ħallat billi tisħak; imbghad żid 14 il parti nitru; vermilion (culur) jeu binoxide tal manganese 16 il parti, u ghamel collox bħala ghagina (pasta) chif imsemmi haunfuk. F'din, is-sulfarini (iz-zcuc) ghandhom jigiu mghaddsin, imbghad tkeghdhom fejn jinxfu. Malli icunu nixfu ghaddashom f'vernic tal gomma coppali maħlula ferm, jeu vernic tal gommalacca, u mill ġdid ghamilhom jinxfu illi b'dan il mezz tcun gibthom *waterproof* (jigifieri li ma jistax ghalihom l'ilma], jeu ghall inkas isofru ftit f'temp umdu, riħ isfel.

### 135—Taħlita Ingliza tas-Sulfarini.

Colla fina 2 parti, imchissra fi bcejjec żghar u tghartakha fl'ilma sachemm tirtab seuua, u hecc, billi tixrob l'ilma, bl'ilma b'collox kis l'icolloc 4 parti. Issa issaħħanha f'banjumarija u tinħall seuua bi sħana ta temperatura 200 o sa 210 o F. Tneħħi il borma minn fuk in-nar, u haun tibda titfa' nakranakra minn part u nofs sa 2 parti fosforu, tħauuad bil ferm dit-taħlita [u spiss] bi mgharfa ta li njam. Meta il fosforu jitħallat mal colla seuua, titfa' minn 4 sa 5 parti chlorat tal putassa, minn 3 sa 4 parti trab tal ħgieg, u minju, smalt, jeu xi culur ieħor, scond il bżonn. Kis li daun collha icunu trab fin. Titfaghhom f'ħin uieħed biex taħrab xi incident [ħruk], u ibka' sejjer bit-taħuid sachemm it-taħlita ticsaħ,

L'użin li semmejna hua ta l'aħjar taħlita Ingliża. Meta tħacchec biex tkabbad minn daun is-sulfarini jaghmlu ħess kauui.

### 136—Taħlita tas-Sulfarini Taljani. (Minghajr Cubrit jeu Fosforu).

Chlorat tal putassa, misħuk trab ghalih uaħdu 6 drammi; vermilion dramma uaħda; lycopodium dramma uaħda; tkiek fin żeuġ drammi. Ħallat bl'attenżioni il chlorat mat-tkiek u il lycopodiu, aħrab chemm tista' it-tħacchic, imbghad żid il vermilion u ħallat collox b'colla maghmula bi dramma trab tal gomma arabica, 10 grani gomma tragaganti, żeuġ drammi tkiek u 4 euuiek ilma sħun. Ħallat. Żid ilma biżżejjed chemm iggib il dil pasta fil consistenza (ghakda) taghha, jigifieri chemm tara li hemm bżonn.

Issa f'din ghaddas li zcuc ta li njam minn ras uaħda biex icolloc li rjus tas-sulfarini. Kis li kabel ma tghaddas li zcuc fil pasta tcun kabelxejn ghaddasthom f'soluzioni (taħlita) maghmulha minn ukija gomma tal ganfra f'sitt euuiek acquaraża.

### 137—Ricetta oħra tas-Sulfarini Safety.

Ħallat 32 part Chlorat tal putassa
12 „ Bichlorat „
32 „ Minju, u
24 „ Sulphide tal antimoniu.

Ir-Rina (ma hiex tkabbad) taghmilha hecc:
8 parti Fosforu amorfu ma
9 „ Sulphide tal antimoniu.

### 138—Taħlita tar-Rockets (suffarelli).

Daun huma ghamla ta suffarelli. L'euuel u kabelxejn fost il-loghob tan-nar jismu atmosfericu (jigifieri tal ajru) huma ir-rockets, maghmulin f'daksijet differenti, cull uieħed jeu uaħda minnhom titlob taħlita bi ftit tad-differenza. Formula tajba ħafna hia din:

Uaħda cubrit, tnejn carbon (faħam tal injam), erba' nitru, u uaħda meal-powder—Il meal-powder hua trab fin isued l'iservi biex iħoll il material (ciuè, l'oħrajn l'icollu mieghu).

### 139—Is-Sigriet tat-taħlita tas-suffara pirotecnica.

Ħallat 3 parti (euuiek) picrate tal potassium u 2 parti (ukitejn) nitrat tal potassium. Ħallat tajjeb, imliehom fi 'msierec u ixghel. Daun isaffru bil cbir. Jecc taghmel dan bi scop ta negoziu b'divertiment fil festi, xoghloc icun ghal-

chemm tixtri dauc iż-żeuġ ħuejjeg (materiali), tħallat semplicement, timla' f'imsierec u tbieħ. Xoghol isir f'darec jeu b'xi permessi scond il-Ligi u il bkija ir-ricetta ftit li jistghu jafuha.

**140—Ricetta li tinnoccla ix-xaghar.**

Chif bdejna nibkghu inħeggiuc biex toħlok xi-ħagia, xi mestier li bih taghmel negoziu imkar żghir ghall klieħ il ħobż tieghec. Nistħajlu li trid xi-ħagia ħafifa li taħdimha fid-dar, tippreparaha fi fliexchen żghar b'ticchetti sbieħ u b'cull ma jeħtieg li m'hemmx bżonn intennu nghiduhulec ladarba ghidnieh f'x'imchien ieħor f'dal ctieb.

Din ix-xiħagia hia li taghmel bħalchiecu fliexchen b'liquidu ghan-nucclar tax-xaghar u tbieħhom jeu fid-djar inchella lil barbieri bi prezzijet uisk moderati.

Ir-ricetta hia din:— Taghmel melħ tat-tartru (li hua carbunat tal putassa) ¼ ta ukija; acqua ammonia u colonija dramma minn cull uaħda; glicerina ¼ ta ukija; alcohol (spirtu) ukija u nofs; ilma distillat jeu pur *pint*, u ħallat collox. Jecc trid l'icollu il culur żidlu nofs dramma trab jismu cochineal. Ciaklak it-taħlita cull jum sa gimgha u iffiltraħ jeu ghaddih minn ciarruta fina — Direzioni:— Biex tużah niddi bih lix-xaghar u irrangiah merħi. Malli jakbad jinxef tarah jibdą jinnoccla uaħdu, imbghad mexxi subghajc gio fih biex tghaugiu scond chif tixtieku.

# V.

# Ricetti Meħtegin.

Bil fhema li b'dan il ctieb f'idejc icolloc teżor mimli m'hux bi ħuejjeg li bihom tghaggeb u ta arti u ta snajja biss, imma ucoll b'sigrieti li dakkiet tħallas gharkec u flusec biex ticsibhom, ghamilnielec haun Sigrieti ta Ricetti uisk meħtegin fil ħajja li bosta minnhom dlonc tarahom imħabbrin f'giurnali ingliżi u americani u biex ticsibhom trid tħallas ghalihom.

Issa, barra milli meta tinħtieg xi uaħda minnhom issibha, u uara li anchi tmur tiżgura ruħec mit-tabib tieghec fukha, ghandec riħ-fil-kala' ieħor. Dan hu li x'uħud minnhom, l'actar cummerciali u ta ħila żghira biex taħdimhom, tista' taghmilhom int stess bil ħafna, chif semmejna f'Taksimiet oħra f'dan il ctieb, u tipprofitta ruħec bi klieħ fil bejħ taghhom.

Fittex fosthom jeu fihom, mela, ja karrej, bħal meta tmur tfittex u tiżbec il ghasel minn siġra tal frott ghasli,

## 141—Chif ticseb Ilma Distillat.
## (Ghal litiegia ta dan il ctieb).

Meta ma tistax ticseb (taccuista) ilma distillat, flocu tista' taghmel hecc. Fi żmien ix-xita (l'aħħar xita aħjar) tkighed f'ħogior ta tieka, jeu fuk bejt, inchella f'bitħa lembija cbira, l'icollha scorcia verniciata minn geuua, u fiha tilka' l'ilma tax-xita. Meta l'ilma tax-xita (chif ghidna, specialment tal aħħar xita) ma imissx mal art jeu ma ħuejjeg oħra barra il ħgieg, njebi verniciati, enamel, ecc., dac icun distillat. Meta imiss mal art ma jibkax. Inchella, meta ma tistax taghmel ieħor, ghalli l'ilma, ħallih jicsaħ u ghaddih minn filtri jeu ċraret ħoxnin; b'hecc tinkeda quasi li stess, jigifieri icolloc ilma cuażi jisua daks distillat.

## 142—Chif taghmel il Gas b'semplici metodu
## (li jista' ucoll jisuielcc ghal dal ctieb)

Icolloc flixcun b'żakku cbira, bħall dac tal ilmażahar tal Gharab. Il dan tpoggih sod fuk spiritiera ta li spirtu, u taħt il flixcun tkieghed bħal gradilja tal metall biex in-nar ma icunx jitfa' il kauua tieghu direttament fuk il ħgieg. Issa, it-tokba tal flixcun issodda b'tapp tal gomma li f'nofs dan it-tapp taghmel tokba u fiha iddaħħal canna (tubu) tal ħgieg imghaugia l'isfel, imbghad fit-tarf nett imghaugia ftit il fuk li tcun kisha l'ittra Z. Issa, bħalma tarf ta dat-tubu icun f'ghonk il flixcun it-tarf l'ieħor (l'imghauueg l'isfel) icun jispiccia ghal gio fliscatur bl'ilma, li dan it-tarf, chif ghidna, icun mghauueg ftit il fuk. Biex il dan it-tarf ma tokghodx iżżommu f'idec irrangialu biccia ciomb b'canal fiha li tpoggih fih u il dan gio l'ilma.

Issa, fil flixcun (kabel ma taghmillu it-tapp) tcun tfajt daks 25 gramma clorat tal putassa (minn dac li bih jaghmlu il bombi) u mieghu titfa' ftit ramel fin, inchella trab tal ħaffief. Issa, ixghel li spiritiera. Haun, bis-sħana, il clorat l'icun fil flixcun jibda jitlak l'ossigenu (gas) u dan jghaddi mit-tubu tal ħgieg u joħroġ mit-tarf l'ieħor t'isfel li kieghed fil fliscatur bl'ilma.

Issa iftacar li dan it-tarf hua mghauueg ftit il fuk li dan jaħtieg l'icun hecc. Allura inti, biex tiġbor dac il gas, imla flixcun żghir bl'ilma, akilbu ghonku l'isfel u deffislu il fomm fit-tarf l'imghauueg tat-tubu tal ħgieg li kieghed fil fliscatur. Haun jiġri li il gas jibda dieħel fil flixcun u l'ilma joħroġ (flocu) nakra-nakra. B'dan il mod tista' iddaħħal il gas fil flixcun u b'ebda mod ieħor.

Mela iftacar li il clorat tal putassa msaħħan li jaghmel il gas ossigenu.

Meta b'hecc tiġbor l'ossigenu, żommu għall xi bżonn f'dan il ctieb jeu għall xi ħaġ'oħra.

## 143—Sigriet li bih takta' it-tipjip u ix-xorb.

Dan hu sigriet tal Yogi: bih takta' id-drauuiet tat-tipjip u xorb. Takta' daun id-drauuiet jecc tiecol l'icla sigrieta ta daun il Yogi, L'icla ticcunsisti fi 3 laringiet, 3 cucciarini mimlijin bl'għasel (tan-naħal) u 30 ġelleuża 'mkaxxrin. Katta' irkiek il ġelleuż u il il-larinġ, ħallat mal għasel u cul bl'imgħarfa. Cul kabel l'icla, kabel ma tcun ħadt ħaġ'oħra. Uara li tcun għamilt dan, imbgħad tista' tiecol l'icla tassoltu, u tista' tpejjep u tixrob bħal kabel, jecc trid. Biex takta' it-tipjip u ix-xorb għandec tagħmel chif għidna għal gimgħatejn jeu iżjed, chif xi dakkiet icun hemm bżonn— Għas-saħħa u biex timla moħħoc ħu 20 ġelleuża, 2 laringiet u 2 cucciarini għasel kabel l'icla.

## 144—Ricetta oħra ta chif takta' il chilba għat-tabacc.

Ixtri 4 euuiek egħruk tal Genziana (ħaxixa ta li stoncu) isħakhom tajjeb, ħu minnhom daks fula u għamilha magħda cull darba uara li tiecol, jeu actar spiss, u ibla' is-sugu tagħha. Ibka' sejjer hecc tul gimgħatejn u b'hecc għandec tirbaħ l'ix-xeuka u l'aptit tat-tipjip jeu tat-tabacc.

## 145—Sigriet iħor contra it-tabacc.

Ħoll 100 gran tan-Nitratt tal Fidda f'gallun ilma distillat jeu ilma tax-xita. B'dan int għandec biex timla 16 il cunjett li jesgħu 6 euuiek il uieħed. La tħallix il dit-taħlita tmiss ma metall, icun x'icun. Biex taħdmu uża biss fliexchen jeu buieki tal ħgieg jeu enamel. Jecc tagħmlu bi scop ta negoziu, bil ħafna għamel proporzion ta din ir-ricetta.

Din it-taħlita tneħħi 't-togħma u tbiddel ir-riħa tattabacc, iggiagħlec tombrah, tituarrab minnu, u ma tixtiekux iżjed. Meta tuża li taħsel ħalkec b'dit-taħlita tliet darbiet culljum uara l'ichel, tiddisinfettalec ħalkec. Ma tħalli ebda togħma ħażina, ma tagħmel ebda ħsara lis-snien, u is-servi ta rimediu li tfejjak il brix jeu ġrieħi fil ħalk. Din giet mibgħuta minn Tabib American.

## 146—Sigriet ta chif iggib f'sessih sacran.

Bi ftit ktari ta li Spirtu aromaticu tal Ammonia f'tazza ilma u tiskihielu bil ħeffa, is-sacran jigi f'sessih malajr. Tista ucoll iggiagħlu ixommha għal bosta drabi, arah ucoll jigi fiha,

### 147—Sigriet ta chif takta' is-sacra lis-sacran.

Jischer u isir bħal ħnieżer, ma iridx jisma' it-tuissijet u sejjer jgharrak saħħtu ħesrem bix-xorb żejjed? Bil moħbi itfaghlu daks gran cull darba trab tal ipecac fix-xorb. Hu jibda jobghod ix-xorb sa ġmieghi uara b'mod li ma icunx irid iħares lejh iżjed. Minn xi dakkiet din ticcurah ghall collox.

### 148—Sigriet biex jigic in-naghas—u li torkod meta ma tistax.

Ghid ghall mitt darba xi vers cliem kasir (sentenza), ghandu jakbdec in-naghas kabel ma tispiccia l'aħħar uaħda—Mod ieħor—Il metodu Sigriet tal gharef Zonery hu li taghfas il ponot ta subghajn idejc it-tnejn ma xulxin u tfettaħ kiegħ idejc chemm tista', u b'hecc it-tieni ħagia li jiġrilec hi li tara id-daul tal ghada fil-ghodu. Jecc timla l'imħadda bil Hops (Luppulus), jigifieri bil uerak li minnu issir il birra, u kabelxejn tniddih bli spirtu, dan ucoll jipnotizzac u irakkdec. Dan li gej ucoll irakkdec. Tiggrongia subghajc u tiggangiahom gio xulxin ghall 10 minuti—jeu—Taghfas bil kauui bl'euuel u it-tieni suaba fuk il ghacsa ta l'imnieħer—jeu—Tghaddi b'idejc maduar id-dahar u naħħiet il ghonk fejn jghakkad l'ghonk mar-ras—jeu—Tixrob 4 chiccri misħun jaħrak kabel timtedd—inchella—Tiecol chemm tiflaħ ħass.

### 149—Contra velenu (Antitodu) ta malajr f'xi accident.

Malajr malajr ħallat ukitejn trab tal gibs jeu magnesia ma *pint* ħalib, u ibla collox f'dakka ; imbghad daħħal sebghec fi griżmejc u gharax u ciakilku bil-mod minn banda ghall oħra. Dan il mod igiaghelec tivvomta. Imbghad ixrob chemm tista' ħalib mal ilma-sħun u argia' bħal kabel biex tivvomta. Il ħalib hua contra-velenu tista' tghid ghall veleni collha, anchi narcotici, specialment jecc taghmel chif ghidna *ta malajr* u uarajh tivvomta. Fil cas ta veleni narcotici, bħall bil laudanu, oppiu jeu morfina, ħu (jeu ati) malajr malajr mustarda bl'ilma li uarajha tibla' chemm tiflaħ misħun bil melħ sachemm tivvomta. Żomm jicciaklak u mkajjem il dac li ħadlec il velenu u la tħallih katt jorkodloc. Sa dan it-tant ibghat malajr ghat-tabib tieghec. Sa ma jigi it-tabib, floc li tokghod tħares, ghamel malajr dan li ghidna. (Dr. Chase, pp.55).

### 150—Sigriet ta chif tintebah permezz tal pulmun bi tliet mardijet jecc humiex fukec.

Jecc tixtiek taccerta il veru stat tal pulmun tieghec u permezz tieghu tintebaħ b'mard ieħor, ghandec tiġbed chemm

tista' in-nifs il geuua, imbghad akbad ghodd sachemm tista' b'leħen bil-mod u li jinstama' bla ma tieħu nifs iżjed: jigifieri żomm in-nifs u ghodd. In-numri tas-secondi (ta minuta) li int tista' tibka' tghodd ghandec tosservahom bl'attenzioni collha. Jecc tcun marid bil mard irkiek, bil marsuttin jeu etticija ma iżżommx 10 secondi nifs u spiss inkas minn 6— Jecc tcun marid bl'infiammazzioni tas-sider (cioé Pleuritis) jeu mard il pulmun (cioè Pneumonia) żmien secondi iddum minn 4 sa 9. Meta il pulmun icun kauui u sħiħ tcun tista' iżżomm in-nifs żmien hecc tuil minn 20 sa 35 seconda.

### 151—Chif tilka' u tizgura ruhec jecc intix marid bid-Diàbete (biz-zoccor).

Ixtri tubu tal ħgieg minnghand spiżiar, li dan it-tubu hua apposta biex bih teżamina l'aurina. Ixtri ucoll minn ghandu ftit *fehling*, li bi 3 soldi iservic ghall bosta drabi. Issa, itfa' fit-tubu ftit aurina (daks mimli ħolka) u ftit fehling— fehling u aurina nofs b'nofs—Issa, aħrak it-tubu (bl'aurina u fehling fih) fuk lampa ta li spirtu. Jecc meta taħrak l'aurina (li bil fehling tcun caħlanija) tibka' caħlanija, jigifieri m'ghandec xejn: jecc issir ħamra jeu leun il koxra tal laring, int icolloc iz-zoccor, u allura tcun marid bid-diabete. U haun mur chellem tabib biex b'dac li jordnalec tfiek malajr u ma tatix żmien li il marda tidħol il geuua. B'dan il mod tista' ta cull gimgha tipprova uaħdec u tiżgura ruħec jecc intix marid bid-diabete, biz-zoccor, bla ma tokghod ticser ghajn ħadd.

### 152—Chif tilka' u tizgura ruhec jecc intix marid bil Clieui

Icolloc tubu tal ħgieg chif semmejna fuk. Imla tliet cuarti ta dan it-tubu bl'aurina tal fil-ghodu, mejlu ftit, u fuk lampa ta li spirtu aħrak it-tarf tal aurina ta fuk (tat-tubu). Jecc fejn taħrak (u tcun ghallejt tajjeb) taghmel bħal daħna fl'aurina u allura 'mbghad tkattar fih xi 4 jeu 6 katriet acidu aceticu u b'hecc jecc id-daħna l'icun hemm fl'aurina tmur, tisparixxi, dac ifisser l'icunu biss fosfati, jigifieri m'ghandec xejn ; u jecc dic id-daħna bl'acidu aceticu tibka' taraha nieżla donnha ramel bajdani u jokghod fil kieh (tat-tubu) dan jista' icun albumina, jigifieri mard il clieui. L'acidu aceticu jinxtara bis-soldi minnghand li spiżiari.

Tista' tipprova mard il clieui b'mod ieħor. Fit-tubu tal ħgieg li semmejna, itfa' nofs aurina u nofs *esbac*. Ħallihom jokghodu ghal 24 siegha: jecc uara l'24 siegha tara l'icun hemm xi depositu, jigifieri bħal trab jeu tajn fil kieh tat-tubu ifisser li int marid bil clieui, u haun mur chellem tabib

ħalli ifejkec. B'hecc, cullmeta jidhirlec tista' tipprova uaħdec biex tiżgura ruħec. L'*esbac* jinxtara bis-soldi minnghand li spiżiar u iservic ghall bosta drabi.

Ghall gid tieghec innifsec, dan ghandu isir cull meta ma icunx iħossoc tajjeb, specialment f'xi ugiegh ta ras, xi nefħa fl'ghajnejn, fl'idejn u fis-sakajn, jeu ktieħ ta nifs, jeu imrar fli stoncu, u uisk specialment xi xahar jeu tnejn kabel meta mara tcun sejra tixtri xi tarbija.

## 153—Sigriet fic innifsec li ticcura ix-Xedda (Auto-suggestion).

Tissuggestiona (tistħajjel bil kauui, iggieghel) lilec innifsec ghall 10 minuti bi cmand assolut, tghid u tistħajjel haulil-lejl fil-ghaxija, fis-sodda, u sachemm ghajnejc imorru bic: tghid xi ħagia bħal dan li gej lilec in-nifsec:

"Ghada fil-ghodu, fis-sitta (jeu ħin ieħor meħtieg), jen irrid nistembaħ mill'irkad u immur ninħasel, u 'msarni jibdeu jaghmlu taghhom bla taħbit, u fli stess ħin tas-sitta icolli xeuka cbira u inneħħi (narmi) seuua bla taħbit, u żgur, u normali. Ma jibkax icolli x'inghid iżjed ma 'msarni. Mil-lum il kuddiem ma icollix ghauġ iżjed!"—L'ghada ibda stħajjel li trid, u istħajjel u istħajjel, u sforza lilec innifsec u bħal gieghel li int k'ed tħoss li uasalt, u b'hecc jiġrilec bħall meta uieħed jipprendi: tibda tħoss tasseu. Ħudha bi drauua u ibka' ghamilha ta culljum, u b'hecc imsarnec, jeu in-natura, tokghod. L'Ingliżi isejħulha *auto-suggestion*.

## 154—Sigriet ta chif tuakkaf il Marda jisimha Spanjola mill l'ghada stess.

Is-sinjal (is-sintom) li tcun kabditec din il marda hu li jakbdec sturdament kauui u tħoss li il gioghi ta riġlejc telkuc. Din il marda jecc ma tieħdocx maghha, tħallic mifluġ. Biex tuakkaf u tfiek minn din il marda, u tiekaflec cuażi l'ghada stess li tcun kabditec, cul chemm tista' basal tar-ras niexef-nej u b'xejn. Tibżax tiecol. Cul, cul u cul: actar ma jaħrak, aħjar, ghadilli f'dac il ħin ma tħossux jaħrak. Min kieghed jicteb, b'icla ta 10 basliet tar-ras cbar, nejjin, uakfitlu l'ghada. Dan hu approvat minn tobba cbar, ghall inkas fl'Egittu.

## 155—Sigriet ta saħħa u kauua naturali.

Ħalli chemm tista' lix-xemx tarac; ħalli l'ilma imissec culljum; imxi ghall arja frisca tal fil-ghodu cmieni u jecc tista' fuk xi gholja; ħu porga żejt cull erba' (?) xhur; la tibżax tiecol ħxejjex ħodor u frischi (indivia l'iżjed); la tibżax

tixrob chemm tiflaħ merak tal-laring u 'l-lumi; tonkosx miżżejt taż-żebbugia safi; ghalli 'l basal tar ras, ghalli 'l giargir, cul chemm tiflaħ u ixrob il merak taghhom; culltant cul xi erba' sinniet teum nej; cul imlaħa; ixrob l'imbit ta li ljuni biss; żomm paci u allegru; żomm il vit tal viżżiu tal passioni chemm tista' fit-tul; orkod x'ħin jorkdu it-tigieg u kum x'ħin ikumu is-sriedec; u b'hecc saħħa icolloc chemm trid, mard xejn u tul ta ħajja.

**156—Sigriet chif tneħħi 'n-nefħa taz-zakk.**

Isħak ponn eghruk tal bużbież, itfa' fuku quantità biżżejjed ta imbit abjad tajjeb u kadim, xappu fih, u ati jixrob lil marid chiccra cull fil-ghodu ghar-riek. Biex nifthemu, taghsar eghruk il bużbież bl'imbit b'collox fil chiccra (Prof. Sonnini).

**157—Sigriet ta chif tismen=tizdied fl'uzin.**

Ghamel ħalib ħelu u ħabbat l'isfar tal bajd fih. Ixrob żeuġ tazzi culljum, u uaħda kabel torkod.

**158—Sigriet ta chif tonkos—toghlob.**

Tiecol xejn ħlief larinġ sa żmien tuil chemm jidhirlec int. Ma jiġrilec xejn. Hua tasseu tal ghageb chif tħossoc tajjeb, kauui sħiħ, b'dan l'ichel tal-larinġ biss, u juri fic ħagia tal ghageb chif teħles mill-laħam żejjed minn gismec, li ma icun xejn kauua, imma actarx li kauua falza. Uieħed americ an ighid li ma chienx jeħu ħlief sitt laringiet culljum sa sittin giurnata u neħħa minn gismu kauua falza 48 ratal. Ma chienx jghaddi jum li ma iħossx ruħu tajjeb iżjed missoltu u chellu 'l ħila jaghmel l'*excercise* u xoghol jebes bħall meta chien jecol regulari (it-tħaxlif).

**159—Sigriet biex tneħħi ugiegħ-is-snien.**

Ħu biccia xebb-il-ġmiel (alumi), isħakha tajjeb b'mod li taghmilha trab mill actar fin, ħu żeuġ drammi minnu u ħallathom ma 7 drammi spirtu nitrus tal etere. Ħallat tajjeb u ghamel minn din it-taħlita fuk is-sinna li tugec. L'ugiegħ jitilkec f'dac il ħin stess.

**160—Rimediu iehor ghall ugiegħ is-snien.**

Ħallat daun li gejjin, uara xulxin, u bil kies precis taghhom: Ganfra 4 drammi; hydrat chlorali 4 drammi; żejt tal imsiemer-tal-kronfol (cloves) 2 drammi; żejt tal cajeput 2 drammi; chloroform 12 il dramma; u tintura tal capsicum

24 dramma. Intappa tajjeb fil fiixcun u ghamel fuk is-sinna li tugec. Hua rimediu li ma ifallix.

## 161—Sigriet ghal ugiegh-ta-ras.

Ghamel niscata melħ fuk ilsienec, u uara ghaxar minuti ixrob l'ilma chiesaħ. Dan hu rimediu li ticcura l'ugiegh-ta-ras.

## 162—Dlîc uisk u uisk tajjeb ghall murliti.

Ħallat flimchien tajjeb daun li gejjin, idlec b'dit-taħlita, u ghandec teħles minn dac l'ugieh increpattiv. Hia ricetta uisk semplici, ħafifa, li taf taghmilha żgur.

Ħallat dramma uaħda alumi (xebb-il-ġmiel) li taghmilha trab uisk fin ma ukija u' nofs ardu tajjeb. Ħoll l'ardu u meta jicsaħ ħallat l'alumi mieghu b'mod l'iggibhom ħagia uaħda, u idlec—L'Gharab jemmnu uisk billi jghallu toppu faxxina niexfa tat-teum, ikeghduh bil misħun b'collox fl'aurinar u jokghodu fuku ghall dac il fuar li jitla'.

## 163—Sigriet ta cura tas-sakajn li jgherku u jintnu.

Jecc tghabbar ta spiss iż-żarbun minn geuua bit-trab tal acidu boricu tcun k'ed ticcura sakajc li joħorgiu l'gharak jinten. Xarrab ucoll il kieħ tal peduni b'soluzioni tal istess acidu boricu u ħalliehom jinxfu. Uara żmien ifiekulec. Mela, is-sigriet hua l'Acidu Boricu,

## 164—Ricetta li tneħħi (tekred) il callu.

Ħallat 4 euuiek xama' bajda ma 12 l'ukija lardu u deuuibhom. Issa żid 8 euuiek carbunat tas-soda niexfa. Icculurih b'xi culur li trid. Ghamel minn dan ftit fuk il callu ghall tliet iljeli, imbghad ghaddas sakajc fil misħun u imurlec malajr. Ghaliex ma taghmilx dan ghall bejħ ?

## 165—Ricetta ghad-duda tar-ras.

Ma cull ukija ardu tajjeb ħallat 5 grani Veratrija, u ghoroc bih fli rkajja fejn jakaghlec ix-xaghar bid-duda.

## 166—Sigriet ta Ħxejjex li bihom tfiek minn ħafna mardijet.

Il ħaxixa Bużbula issajjar u tiġbed il materia mit-tumuri —Il Fidlokkom mgholli ifejjak is-soghla—il ħaxixa Santamarija tfejjak il ħanka kauuija. U ġbara tal chittien issajjar u iżżomm sħuna liġ-ġbara—Il Ħobbejża ucoll issajjar lit-tumur —Il uerak mimghud tal Fejgel isaħħaħ il ħalk. Taghmel

bħal tè minnu tajjeb ghall mejt, congestioni, ktiħ tan-nifs u taħbit tal kalb—Il Ħurriek (tcun taf tużaħ) tajjeb ghar-Reumatiżmu, ghax-Xiatica u l'Artrite. Il uerak tieghu niexef mgholli ifejjak id-Diarrhea u id-Disenterija—Il uerak tac-Ciappiża (Centaura) mgholli bħat-tè hua uisk tajjeb ghad-deni, ghal anemija, ineħħi il gas mil li stoncu, l'acidi ħżiena u marradin—Id-decot tal uerak taż-Zebbuġ mgholli fl'ilma bil melħ hua tajjeb ghad-deni—Il uerak tal Geuż mgholli bħat-tè hua contra li Scrufla—Iż-żerriegha frisca tal Kara' toktol lid-duda miż-żakk—Ix-xiropp tal Crexxuni (ħaxixa tal ilma) ifejjak l'Idropsia, il Clieui, il Fuied, l'Imsaren u mard is-Sider—Il Clin isaħħaħ li stoncu u meta tghallih bħat-tè ikankal l'aptit u l'aurina, u iħaffef id-digestioni—Il Ħabak, jintata bid-dożi, hua tajjeb fl'Isteriżmu u in-Nevrożi—In-Naghnieħ ineħħi l'ugieħ li stoncu. Misħuk frisc bi ġbara fuk il moħħ ineħħi l'ugieħ ta ras kauui—Il Bużbież ghandu proprietà tal ghageb l'ifejjak bosta mardijet: l'infużioni taż-żerriegha tieghu tekred il-laħam ħażin mill ghajnejn—L'Eghruk tar-Rummien mghollijin jekirdu lid-Duda Vermi Solitariu. Il uard u blanzun bil geuża tieghu tajbin ghad-Diarrhea u id-Disenterija—Il uerak tal Ful tajjeb ghad-dieħes u'l musmar. Il Ful misħuk, mgholli fl'ilma u maghmul ġbara tajjeb biex inaddaf u isajjar lit-tumuri, l'axxess. ecc. — Il uerak niexef tal Larinġ mgholli ferm hua contra l'attacchi nervużi—Il Basla misjura seuua jeu mixuija tneħħilec riħ kauui bis-soghla. U mixuija taħt l'irmied, tiecolha, tajba ghall aurina —It-Teuma tiddisinfetta, tnaddaf, tekred il ħniex miż-żakk u tkankal l'aurina. It-decot taghha bl'ilma u'l ħalib tajjeb ghall Idropsia u mard tal bużżieka. Ħalib mgholli bis-snien tat-teum fih ichecci il gas tad-deni rkiek. Hua contra is-soghla: bih tfejjak bosta mard—Il Koxra tal Ballut tneħħi il goffaġni mill ghonk, il gangala cbira, tajba ghall infiammazioni tal grieżem, tajba uisk ghall fundament barra, ghall murliti, u tħoll lit-tumuri—Is-Salvia fiha tant proprietajet li tfejjak mardijet b'mod, ta nukkas il uisa, li haun ma nistghux insemmuhom. Trid takra fit-tul. Hecc ucoll nghidu ghas-Sebuka, Ganfra, Laringia, Lumija, ghan-Naghnieħ, Bużbież, il Basla, it-Teuma, ecc. Ghandhom proprietà ta fejkan ta mard uisk. Jecc trid taf fuk daun u tcun tifhem daks il Mara ta Birchircara ixtri u akra il ctieb li sejrin noħorgiu fuk il *Ħxejjex Maltin l'Ifejku*: li stess indirizz taghna ta dal ctieb.

## 167—Sigriet ta gilda artificiali.

Jecc chemm-il-darba icolloc gerħa, ferita, jeu takta' x'imchien f'gismec u tcun trid taghmel gilda artificiali sachemm il gerħa tfiek u issir il gilda naturali, ghandec taghmel ir-

ricetta li gejja. Din ir-ricetta jużauha fl'America u ibieghuha fi fliexchen żghar bi prezz gholi. Ħallat daun li gejjin :—

Żejt-ir-riġnu 10 katriet,
Balzmu tal Canada 20 gran (użin),
Collodion 10 euuiek. Ħallathom tajjeb.

Direzioni: Iżboħ b'din it-taħlita fuk il gerħa, ferita jeu kata', u ħallih sachemm jinxef. Sachemm tfiek icolloc gilda artificiali bla ma issir tidnija, l'ghaliex taghlak tant tajjeb u lasticuża b'mod li la tidħol arja, la ħmieg u l'ankas microbi— Iftacar li li-scop ta daun ir-ricetti hu biex bihom toħlok xi industria żghira ghalic.

## 168—X'taghmel jecc jaka' l'acidu sulfuricu fukec (u acidi kauuija oħra).

Jecc jaka' l'acidu sulfuricu fukec u ma tatix cas tieghu jista' jiġrilec xi conseguenza cbira. Chien hemm min uakaghlu fuk sakajh, ma ghamilx li jeħtieg, u baka-baka' sachemm katghauhomlu barra.

Filcas li jaka' dan l'acidu fukec, cun pront itfa' fuk l'acidu il carbunatu di soda. Dan il carbunat joktol malajr lil acidu.

## 169—Sigriet li bih tekred lin-Nemus, Brieghed, ecc.

Kieghed ftit żejt tac-cedru fi plattin fil cmamar. Ir-rieħa ta dan iż-żejt tekred nemus, brieghed u insetti oħra. Katra żghira fil ħuejjeg hia ucoll tajba. Kieghed flixcun żghir b'dan iż-żejt fx'imchien id-dar l'actar imuarrab u neħħi ittapp: ibżax, cull insett jinkered.

## 170—Sigriet li taghmel zebgha tax-Xaghar.

Din iż-żebgha tax-xaghar issir f'żeuġ fliexchen separati. Fl'euuel flixcun taghmel it-taħlita li gejja:—Itfa' ukija acidu pyrogallicu maħlul f'ukija spirtu pur, u żid maghhom 2 pints (40 ukija pis) ilma safi. Ciaklakhom. Dan il flixcun innumerah No 1.

It-Tieni flixcun:—Ukija nitrat tal fidda maħlul itfghu f'ukija ammonia concentrata, u żid maghhom erba' euuiek ilma safi. Ciaklak. Dan innumerah No 2.

Issa, meta tidlec max-xaghar bil liquidu tal flixcun No 1, uża xcupilja, u ghan-No 2 uża xcupilja oħra: it-tnejn separati. Tibda bin-No 1—Kabel tidlec aħsel rasec tajjeb bis-sapun ordinarju ħalli tneħħi iż-żejt u grass li joħroġ mir-ras u li dan icun ħmieg. Meta tixcupilja bl'euuel ħallih jinxef, imbghad xcupilja bit-tieni, u meta jinxef aħsel bl'ilma u sapun. u lest.

### 171—Sigriet chif taghmel biccia xemgha tixghel il-lejl collu

Meta icolloc il xi ħadd marid tcun tixtiek daul ineunen il-lejl collu. Ara chif taghmel biex icolloc xemgha li tixghel-lec il-lejl collu chemm hu tuil. Isħak bħala trab uisk fin ftit melħ milli nieclu u keghdu fuk il biccia xemgha ma duar il ftila taghha b'mod sachemm dal melħ jasal sal isued tal ftila gia maħruka. Issa ixghel. B'dan il mod int icolloc daul li ghadilli mejjet imma l'iżomm il-lejl collu b'dakxejn ta xemgha.

### 172—Sigriet li bih issalva il Harir.

Meta il ħarir terfghu u tħallih ghal żmien bla ma tmissu jirrama, jigifieri bħall jitherra u jigi f'idejc. B'dan in-nitfa ta sigriet il ħarir jibka' f'saħħtu u ma jiġrilu xejn. L'Americani il das-sigriet iħabbruh fuk il giurnali filuakt li trid tħallas biex ighiduhulec. Taghmel hecc: Ghaddas il ħarir fl'ilma li fih tcun tfajt ftit xebb-il-ġmiel (alumi). Ghasar chemmxej' u nixxef.

## Ricetti ghal fejkan tal Bhejjem u Tajr, bhall Clieb u Ghasafar, ecc.

### 173—Fetha-Diarrhea fil Clieb.

Id-Diarrhea fil clieb tigi cagiunata actarx minn ichel m'hux flocu, bħall mghoddi, u minn xi reżħa tal bard. Dakkiet id-diarrhea tnebbħec l'icun gej fuk il chelb dic il marda li l'Ingliżi isejħulha *Distemper* (marda ta ħass-hażin, takliba, ghilla).

Atih doża żejt-ir-riġnu u uarajha taħlita (mistura) ta 5 grani bismuth ma 20 gran gibs; jeu minn 10 sa 30 katra chlorodyne ma doppiu ilma—tliet darbiet culljum.

La tatihż ichel jebes, m'hux frisc, jeu mghoddi.

### 174—Eczema—Marda fil Gilda, fil Clieb.

Din tigi minn taħsir id-demm permezz ucoll t'ichel mhux flocu.

Atih mistura ta soda bir-rhu' arbru, jeu dramma Epsom Salts maħlul f'sitt euuiek ilma. Iskih uaħda-mis-sitta ta dit-taħlita culljum.

Jecc tħallat part glicerina fi 8 parti ilma u tidliclu il gilda biha taghmel tajjeb.

Biddillu dejjem l'ichel. Laħmijet xerfin dakkiet jiccurauh iżjed milli ichel ghagin.

## 175—Duied fuk il Clieb.

Il clieb icollhom certu dud, bħal m'hu il kurdien (Acarus Ricinus, Acarus Siron u familji oħra). Daun jittieħdu minn chelb ghall'ieħor, u minn ħsajjar, tuapet u ghamajjar kodma. Din tcun bħal marda fukhom u dakkiet ma tingharafx mill Eczema.

Ghall din (jeu daun) l'aħjar hua il cubrit. Aghmel dlic l'icun fih parti uaħda cubrit ma erba' parti lardu u idilcu bih cull jumejn jeu tlieta. Dan iservihom ucoll ghall kamel. ghadilli ghall dan tista' mal cubrit iżżid ucoll ftit gir.

## 176—Xedda fuk l'Ghasafar.

Din tigri l'iżjed fuk dauc l'ghasafar mitmughin biss żrieraħ nexfin.

Aghmlilhom doża ta żejt ir-riġnu, inchella ħaxix aħdar u frisc imkatta' maż-żejt taż-żebbugia ghall ghasafar, u żejt tas-sardin ghall dauc li ma itirux, bħat-tigieg, ecc. L'ghasafar tal gaggia ghandu icollhom ftit cubrit mghassed mal merak tal ħobż ghall ftit ġranet, li dan dejjem ghamel success. Bil ghasida tal oatmeal misjura maż-żejt tal insalata ifiku ucoll.

## 177—Eczema fl'Ghasafar.

L'ghasafar dakkiet jakaghlhom rixhom, u dan icun mill marda Eczema li b'hecc isiru coroh uisk, sfigurati.

Il cauża tcun minn indigistioni li tigi minn ichel li m'hux addattat ghalihom. Li jeclu il-laħam u inakkru l'ghadam icun spiss il cagiun tal eczema, l'actarnett fil pappagalli.

Ghandec tatihom ftit grani tal bicarbunat tal putassa fl'ilma tax-xorb u tapplicalhom it-tkiek mal gilda ta gisimhom.

## 178—Diarrhea, Fetħa fl'Ghasafar.

Il cagiun hua l'ichel billi tatihom uisk-ħafna patata, iclijet misjurin, iclijet karsin mill chcina, jeu ħafna ichel aħdar uara żmien tuil l'icunu ilhom maghlukin. Ichel tad-dud ucoll jirritalhom il geuuien taghhom (l'intern) li mbghad innatura tfittex li tcheccih bil kaua collha.

Naddfilhom imsarinhom b'doża ta żejt-ir-riġnu (ma jimpurtax ghax bih ineħħu ħafna), imbghad atihom pilluli tal

oppiu, gibs u bżar tal Cayenna. Dan li gej ucoll insab tajjeb ħafna għalihom:— biżmuth, trab tal catechù u alumi, jeu acidu tannicu. Imbgħad għad-dundiani dan tajjeb uisk.

L'ichel irid icun li jixxottalhom il geuuien (astringenti), bħall ross, bajd imgħolli 'mħallat mal ħobż u ħalib, jeu pudina.

### 179—Infiammazioni f'għajnejn l'Għasafar.

Meta ma tcunx xi tniggiża (infezion) b'xi-ħagia, għajnejn l'għasafar jiffiammau actarx milli bejniethom jiggieldu b'munkarhom.

Aħsilhomlhom bil ħalib sħun, inchella b'ħasil ta sulfat taż-żingu (żeuġ grani ma ukija ilma).

### 180—Briegħed fl'Għasafar.

Il briegħed minndakkiet jincuietauhom uisk, igennuhom u ma iħalluhomx jeħdu ruħ.

Akbad l'għasafar uieħed-uieħed, akilbu żakku 'l fuk, u bejn ir-rix itfagħlu ħafna trab l'ighidulu Persian, li jinxtara minngħand li spiżiar (chemist). Tajr cbir tista' tgħaddsu sa għonku f'ħafna trab magħmul mill cubrit fin (fiori di zolfo) imħallat mal gir.

### 181—X'tagħmel meta ma issibx tarf.

Meta ma issibx tarf tal mar.da tcun li tcun, tkila jeu ħafifa, bħall rogħda, cholera, cancru, klugh-is-sakajn, csur, tfartis, ukiegħ ir-rix, ġrieħi, u mardijet oħra, u daun icunu seu fil clieb, għasafar, żuiemel, bakar, mrieħel, ecc., u tcun interessat uisk li b'xi mod trid tfejjakhom, m'għandicx tagħmel ħaġ'oħra ħlief li ticteb lid-Ditta, Cumpanija fl'Ingilterra, li din kegħda apposta, għaldakshecc, għall pariri, ricetti, cura u medicini għall annimali collha, li l'indirizz tagħha hua dan:—

Messrs. Elliman, Sons & Co., Slough, England.

---

## 182—Tifsir ta xi cliem li spiss issibu f'dan il ctieb.

BANJU-MARIJA—jigifieri tkiegħed l'oggett, it-taħlita, f'borma jeu f'bott, u dan il bott targia' tkiegħdu f'bott ieħor acbar minnu li fih l'ilma, u il dan tal aħħar tkegħdu fuk in-nar biex jagħli. B'hecc, il bott l'icun fih l'oggett, ma

icunx fuk in-nar direttament, imma fil mishun jaghli, u b'dan il mod l'oggett jissajjar gradatament, nakra-nakra. L'Ingliżi il dan ighidulu *water bath*, jeu *double-boiling tank*.

CONCENTRAT, concentrazioni, jigifieri 'l ħagia maħlula taghmilha actar kauuija billi tghallija iżjed fuk in-nar, ecc., biex tevaporaha, tneħħilha l'ilma l'icollha billi itir fuar—Il-liquidu bla ilma fih, iżjed pur, jissejjaħ concentrat.

DISTILLAZIONI, Ilma Distillat, jigifieri li l' ilma jigi mgholli f'apparati apposta, isir fuar, jghaddi minn tubi tal ħgieg, jingiabar u jitchessaħ mill-ġdid. B'hecc dan l'ilma jigi msoffi minn cull materia l'icun fih, seuua li narauha u chemm dic li ma narauhiex: ħmieg, microbi, culur—collox —jigi purissimu.

PARTI—Tħallat ir-ricetta bil parti. Bil parti jigifieri icolloc użin imkassam f'100 part, bħallichiecu 100 ukija, allura tieħu mill 100 u taghmel ukitejn minn dan, 10 euuiek (bħallichiecu) minn dac, 50 ukija (dejjem mill 100) mill ieħor, u hecc il bkija: dejjem bl'euuiek. Imbghad part minnhom tkassmu f'100 part ieħor (li jigi kisu ciomb ta li xcubetta) u hecc jigi *tant* minn part (ma tant parti), u jinchitbu per eżempiu 7-10 (jigifieri 7 parti u 10 parti minn part).

SATURAZIONI, saturat, tissatura, jigifieri tħoll xi-ħagia fl'ilma, jeu f'liquidu ieħor, u tibka' tħoll minn dic il ħagia sachemm f'dac l'ilma, jeu liquidu, ma tistax tinħall iżjed. Bħallichiecu icolloc bott ilma u fih tħoll il melħ u tibka' titfa' 'l melħ sachemm fl'aħħar ma icunx jista' jinħall iżjed f'dac l'ilma. Dac l'ilma jissejjah soluzioni saturata tal melħ: bħas-salmura.

SOLUZIONI, jigifieri tħoll xi-ħagia maghkuda, solida, f'liquidu, li taghmilha bħall ilma; jeu taħlita l'issir permezz li tcun ħollejt u deuuibt xi-ħagia jeu ħagiet flimchien: it-taħlita 'nfisha.

## 183—Użin u Chejl.

UŻIN IL METALLI FINI—TROY WEIGHT.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 24 grains (grani) | jaghmlu | 1 pennyweight, | imfisser | b' | *dwt.* |
| 20 dwts. | ,, | 1 ounce (ukija) | ,, | ,, | *oz.* |
| 12 ozs. | ,, | 1 pound (libbra) | ,, | ,, | *lb.* |

Dan l'użin jintuża ghad-deheb, fidda u giojelli.

UŻIN TA LI SPIŻIARI—APOTHECARIES WEIGHT.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 grains (grani) | jaghmlu | 1 scruplu, | u jitfisser | bi | *scr.* |
| 3 scrs. (scrupli) | ,, | 1 dramma | ,, | ,, | *dr.* |
| 8 drs. (drammi) | ,, | 1 ukija (ounce) | ,, | ,, | *oz.* |
| 12 ozs. (ukijet) | ,, | 1 pound (libbra) | ,, | ,, | *lb.* |

Dan l'użin hua ghat-taħlit tal medicini.

JEU 1 grain (gran)
1 ounce (ukija) li fiha 437. 5 grains,
1 pound (libbra) „ „ 7000. „

UŻIN AVOIRDUPOIS (Weight)

16 il dramma jaghmlu 1 ukija, u 'mfissra b'*oz.*
16 l'ukija „ 1 libbra „ „ *lb.*
Ghall b'żonn ta dan il ctieb hua biżżejjed sal-libbra.

CHEJL U PARAGUN MAL ILMA.

Tazza żghira tasa' pis ta ukitejn u nofs ilma,
8 tazzi żghar jaghmlu 1 pint, pis ta 20 ukija,
2 pints „ 1 quart, pis ta 2 libbri u 8 euuiek ilma (40 ukija).
4 quarts „ 1 gallun, pis ta 10 libbri ilma,
Ghall bżonn ta dan il ctieb hua biżżejjed sal gallun.

JEU 1 minima
1 dramma maħlula fiha 60 minima maħlulin,
1 ukija maħlula fiha 8 drammi maħlulin,
1 pint fih 20 ukija maħlulin,
1 gallun fih 8 pints.

PIS JEU CHEJL UIEHED.

Litru ilma fih 1000 gramma—li jiżnu 35 ukija—li huma' pis ta Kilò, jeu Ratal u cuart—li jaghmlu flixcun li jasa mal 4 terzi.

ERRATA CORRIGE — Fil pagina 17 (Sigriet No. 23) id-9 vers irid jinkara hecc: "Sananitru pur, nofs dramma *muriat* tal ammonia, ecc—jigifieri iżżid *muriat.*

Fis-Sigriet No. 56 il chelma "jlduu", fil vers kabel tal aħħar trid tigi *jiduu.* In-Nota fli stess pagina keghda ghas-Sigriet No. 56.

Fis-Sigriet No. 93 il chelma Anatomicoli trid u forsi żbalji oħra żghar tigi Anatomicali.

# X'FIH DAN IL CTIEB.

## (UERREJ-INDICI)

Frontispiziu bl'isem "Giabra ta Sigrieti, ecc." pagina 1
Chelmtejn Kabel „ 3
X'inhu Sigriet ta Ricetta, Formula ? „ 3
X'jistghu jinħtiegiulec daun is-Sigrieti „ 4
X'jinħtieġlec „ 5
Tuissijet u Cliem-bħal-Aħua „ 5

**I.—Sharijet Chimici jeu Kerk lill Ghajnejn 6**

1 Sigriet ta seħer f'camartec. „ 6
2 Sigriet li bih tbiddel f'Nies Africani il ta magembec 7
3 Jarau uieħed il l'ieħor bi cruha li tuaħħax „ 7
4 Tkabbadlu il Mactur bin-nar u targia tatihulu sħiħ „ 7
5 Jaħsel uicciu bl'ilma safi u isir Isued Faħma „ 8
6 Sigriet chif tnibbet Siġra tal Metalli. „ 8
7 Chif tidher ta Fatat—jeu—x'inhuma il Fatati „ 9
8 Tħarrab Serduc Mejjet misjur „ 9
9 Sigriet li turi Ghageb gio Bajda „ 10
10 Taghmel ħagiet imsaħħrin, jakbżu ueħidhom „ 11
11 Ras ta Ghogiol Mixuija tghajjat tnax-il-darba „ 11
12 Sigriet ta chif bl'Ilma tkabbad in-Nar „ 11
13 Toktol Ghasfur u uara ftit Tirxoxtah „ 12
14 Sigriet ta chif Huejġec ma jinħarkux „ 12
15 Chif turi il ħajja fi Żrinġ Mejjet „ 13
16 Iggieghel l'Uciuh jidhru tal Biża' „ 13
17 Taghmel Vulcan jitfa' in-Nar „ 14
18 Sigriet ta chif tixghel Nar taħt l'ilma „ 14
19 Iddaħħal Subghajc fl'ilma u ma jixxarbux „ 15
20 Seħer li taghmel id-Deheb fid-Dhera (Trasformazion ta ġmiel cbir) „ 15
21 Bajda takbad, issir Nar fl'ilma „ 16
22 Tħabbar—tipprofetizza—it-tempijet int u miexi „ 16
23 Sigriet ta barumetru ieħor li bih taghraf x'gej „ 17
24 Bcejjec imsaħħrin iduru : jekfu x'ħin ticcmandahom „ 17
25 Turi fid-dlamijet eghjun tan-nar itajru „ 18
26 Uiċċ tal Ghageb Jicciaklak ghall Dejjem „ 18
27 Chif iggieghel il Dac l'icun Joħlom li trid int u tipprofetizzalu x'ser joħlom minn kabel „ 19

**Chif il Fakiri jeclu in-Nar--Tuissijet Kabel. „ 20**

28 Is-sigriet li turi li k'ed Tibla in-Nar „ 20
29 Sigriet li tiecol Balal tan-Nar „ 21

30 Catina Nirien f'Ħalkec pagina 21
31 Oħra li titfa' in-nar fuk Ilsienec u Tibilgħu „ 22
32 Sigriet li tibla' 'n-nar u tixgħel b'ħalkec mill bogħod 22
33 Sigriet li tiecol frott jakbad vampa nar „ 22
34 Il Għageb tal Flixcun Imsaħħar „ 23
35 Jissoctau is-Sigrieti Chimici—Ilma 'Msaħħar l'isir ħalib—chif għadden b'Saħħarin „ 24
36 Chif chienu igiagħlu l'għajnejn jarau li katt ma rau „ 25
37 Sigriet tal Bacchetta Divinatoria—Virga 'Msaħħra „ 26
38 Chif tgħalli Bajda fuk is-Silġ „ 27
39 Il Flixcun Esplosiv, jeu li jispara bla porvli „ 27
40 Sigriet li tagħmel Lampa l'iddum turi Sena „ 28
41 Chif issaħħar jeu timmanjatizza Serduc „ 28
42 Chif turi Berak Falz „ 28
43 Chif tagħmel Ciurchett Jiżfen „ 29
44 Chif tagħmel daul taħt l'ilma b'mod ieħor „ 29
45 Sigriet fil Lixca tal Ħut „ 29
46 Taħlita ta materia li troddha f'Għageb „ 30
47 Esplużion Curiuża b'biccia xemgħa „ 31
48 Sigriet li Tipnotizza il Bhejjem „ 31
49 Chif tkabbad Sigarru bis-Silġ „ 31
50 Tħarrab lin-nies b'Intiena tal Għageb „ 31
51 Chif tagħmel Sriep ta Faragħuni „ 32
52 Sigriet li ħadd ma jista' jittradic u jibdillec chitbitec 32
53 Sigriet chif l'actar Bniedem f'saħħtu ma jistax jerfgħec u Jakilbec „ 32

II.—Xeħta ta Misteri u Curżitajet . . . . . „ 33

54 Il Misteru ta Ras Maktugħa iżżomm fl'Arja „ 33
55 Turi uiċċ il Mejjet u Jargia Jisparixxi „ 34
56 Is-Sigriet tal Għageb fi Kbid il Ħut „ 35
57 Sigriet ta chif minn ħuejjeg bla Ħajja toħlok Ħajja „ 35
58 Seħer ieħor bil Bacchetta Divinatoria „ 36
59 Is-Sigriet ta tagħrif bajd-it-tigieg—Ragel jeu Mara „ 37
60 Chif tferra' l'Ilma u isirlec Linca „ 37
61 Chif tħoll il Ħadid u jaka' fi Ktari „ 38
62 Sigriet li biħ Tħoll il Ħgieg „ 38
63 Chif ittakkab Tokba fil Ħgieg bla tchissru „ 38
64 Chif tferra' l'Ilma u turih b'Ħalib „ 38
65 Għageb ta żeuġ Liquidi tagħmilhom materia Solida (magħkuda)—jeu chif tagħmel Sulfat tal Putassa „ 38
66 Sigriet ta chif Tippetrifica uggetti ta li 'Njam (affarijet ta li 'njam tagħmilhom tal gebel) „ 39
67 Il Misteru ta Jaques Cœur „ 39
68 Chif tferra' l'Ilma u turih b'Xampanja bir-ragħua „ 40
69 Sigriet ta chif tħoll l'azzar bħallichiecu ilma „ 40
70 Sigriet ta għamla ta X-Ray „ 40

71 Chif tferra' l'Ilma u isirlec Portuaj ghaltaparsi, pagina 41
72 Chif tferra' l'Imbit u isirlec Ilma „ 41

III.—Sigrieti ta Arti u Mestieri „ 42

73 Is-Sigriet tal Process ta chif taghmel Mirja „ 42
74 Is-Sigriet tal Arti tal Patciamuni „ 43
75 Is-Sigriet tal Madriperla Franciża li chien ilu mħares għal bosta snin „ 44
76 Sigriet ta tiduiba ta Rubini Artificiali „ 44
77 Sigriet ta Celluloid ġdid „ 44
78 Sigriet ta Xcuma (tal pipi) artificiali „ 45
79 Sigriet t'Avorju artificiali „ 45
80 Kroll Artificiali „ 45
81 Sigriet li bih l'Avorju taghmlu Artab jeu jimmolla „ 45
82 Chif taghmel Zebgha Bronż ħadrani ghal li statui „ 45
83 Chif taghmel Bronż tal Kniepen u strumenti oħra tal-leħen „ 45
84 Sigriet ta Imitazioni tad-Deheb „ 46
85 Sigriet ta taħlita li ma tingharafx mid-Deheb Pur „ 46
86 Is-Sigriet tad-Deheb Nuremberg „ 47
87 Sigriet tal Imitazioni (bħall) Fidda „ 47
88 Imitazioni ta fidda oħra „ 47
89 Imitazioni perfetta tal Fidda li difficli tingharaf mill Fidda Pura—ghall imgharef, ecc. „ 47
90 Imitazioni ta Fidda Bajda „ 48
91 Chif tindura friechet, schiechen, u uggetti oħra bl'eħfef mod „ 48
92 Sigriet ta chif tpingi fuk il ħgieg u tinciżah „ 48
93 Chif tibbalzma il bhejjem, ghasafar, ecc.— l'aħjar mezz scond li Scola Anatomicali ta Parigi „ 49
94 Is-sigriet ta forma ta midalja, domna, ecc. „ 49

IV.—Sigrieti ta Formuli-Processi-Ricetti industriali „ 49

95 Is-Sigriet tat-Taħlita tal Blù ghal ħasil il ħuejjeg „ 50
96 Sigriet ta chif taghmel Sapun ghall bejh li jakbel u bla taħbit „ 51
97 Klieħ mis-sapun maghmul mis-sapun stess „ 51
98 Ricetta—chif taghmel Faħam Artificiali „ 52
99 Black liquidu ghaż-Żraben li Jillustra Uaħdu „ 52
100 Chif Ticconza il Gild „ 52

Sigrieti ta Ricetti, Processi ta Conza, taħlita u bexx ta Tabacc—tal Germaniż J.B. Lutterman. „ 52

101 Aroma ghat-Tabacc Torc „ 53
102 Ricetta li "taghmel aħjar" it-Tabacc Torċ „ 53
103 Uaħda mir-Ricetti tal Conzi tat-Tabacc (Lutterman) „ 54
104 Oħra mir-Ricetti tal Conzi tat-Tabacc ( „ „ ) „ 54

## Erba' Tahlitiet-Blendings-ta Tabacc-ta li stess Autur 55


105 Taħlita Qualità No 2 tal "Ostend Tobacco" pagina 55
106 Taħlita Qualità No 3 tal "Varinas Canaster" ,, 55
107 Taħlita Qualità No 1 tal "Petit Canaster" ,, 55
108 Taħlita Qualità No 2 tal "Petit Canaster" ,, 55
109 Sigriet ta Conza tat-Tabacc tas-Sigarri tal Prof...... ,, 55
110 Sigriet ta Floc iz-Zoccor ,, 56
111 Is-Sigriet ta Uard niexef taghmlu Frisc ,, 56
112 Metodu ieħor ,, 57
113 Metodu ħafif—Chif taghmel Essenza tal Fiuri ,, 57
114 Sigriet ta Fuieħa Maghkuda...... ,, 57
115 Ciarruta Magica—li biha Targenta l'oggetti f'dac il ħin 57
116 Sigriet ta tkaxxir ix-xaghar—Depilatoriu ,, 58
117 Depilatoriu ieħor ,, 59
118 Ieħor ,, 59
119 Balal biex titfi in-nirien ,, 59
120 Is-Sigriet ta Liquidu li Jiccopia (jittrasporta) ,, 59
121 Sigriet chif ticcopia littri bla ma icolloc stamperija ,, 59
122 Chif taghmel Linca tat-Timbri b'ħagia żghira ,, 60
123 Chif taghmel u ticteb b'pinna Bla linca ,, 60
124 Chif taghmel Linca li tinkara fid-Dlam ,, 60
125 Sigriet chif iżżomm il Bajd tajjeb ghal Sentejn ,, 60
126 Chif tipprova jecc iż-Żrieragh ghadhomx tajbin ,, 61
127 Sigriet chif tneħħi iż-Żliegia tal ħmieġ mill libsa ,, 61
128 Chif ticciara il Licuri, Imbejjet, ecc. ,, 61
129 Chif Imbit li Kraslec targia Ittejbu ,, 61
130 Chif Imbit ħażin iggibu Tajjeb ,, 61
131 Chif isseuui lmbit bT'oghma Ħażina jeu li kras ,, 62
132 Chif tneħħi dauc ic-certi Ħjut mill imbit ,, 62
133 Chif iggib l'Imbit flocu meta isirlec Morr ,, 62
134 Taħlita (compożizioni, Ricetta) Germaniża tas-Sulfarini jisimha Böttger ,, 62
135 Taħlita Ingliża tas-Sulfarini ,, 62
136 Taħlita tas-Sulfarini Taljani (bla cubrit jeu fosforu) ,, 63
137 Ricetta oħra tas-Sulfarini Safety ,, 63
138 Taħlita tar-Rockets (suffarelli) ,, 63
139 Is-Sigriet tat-taħlita tas-Suffara Pirotecnica ,, 63
140 Ricetta li Tinnoccla ix-Xaghar ,, 64


## V. Ricetti Mehtegin. ,, 64


141 Chif ticseb Ilma Distillat (ghall ħtiegia ta dan il ctieb) 65
142 Chif taghmel il gas b'semplici metodu ,, 65
143 Sigriet li bih Takta it-Tipjip u ix-Xorb ,, 66
144 Ricetta oħra ta chif Takta' il Chilba ghat-Tabacc ,, 66
145 Sigriet ieħor contra it-tabacc ,, 66
146 Sigriet ta chif iggib f'sessih sacran ,, 66
147 Sigriet ta chif takta' is-sacra lis-sacran ,, 67

148 Sigriet biex jigic in-naghas—torkod meta matistax pag. 67
149 Contra-velenu (Antitodu) ta malajr f'xi accident „ 67
150 Sigriet ta chif tintebaħ permezz tal Pulmun bi tliet mardijet jecc humiex fukec „ 67
151 Chif tilka' u tiżgura ruħec jecc intix marid bid-Diabete (biz-zoccor) „ 68
152 Chif tilka' u tiżgura ruħec jecc intix marid bil Clieui „ 68
153 Sigriet fic innifsec li ticcura ix-xedda (AutoSuggestion) 69
154 Sigriet ta chif tuakkaf il marda jisimha Spanjola mill ghada stess „ 69
155 Sigriet ta saħħa u kauua Naturali „ 69
156 Sigriet chif tneħħi 'n-Nefħa taż-Żakk „ 70
157 Sigriet ta chif Tismen—tiżdied fl'użin „ 70
158 Sigriet ta chif Tonkos—toghlob „ 70
159 Sigriet biex tneħħi Ugiegh is-Snien „ 70
160 Rimediu ieħor ghall Ugiegh is-Snien „ 70
161 Sigriet ghal Ugiegh ta Ras „ 71
162 Dlic uisk u uisk tajjeb ghall Murliti „ 71
163 Sigriet ta cura tas-Sakajn li Jgherku u jintnu „ 71
164 Ricetta li tneħħi (tekred) il Callu „ 71
165 Ricetta ghad-Duda tar-Ras „ 71
166 Sigriet ta Ħxejjex li bihom tfiek minn ħafna Mardijet 71
167 Sigriet ta Gilda Artificiali „ 72
168 X'taghmel jecc jaka' l'acidu sulfaricu fukec „ 73
169 Sigriet li bih tekred in-nemus, brieghed, ecc. „ 73
170 Sigriet li taghmel Żebgha tax-Xaghar „ 73
171 Chif taghmel biccia xemgha tixghel il-lejl collu „ 74
172 Sigriet li bih issalva il ħarir „ 74

## Ricetti ghal fejkan il bhejjem u tajr, bhall clieb, ghasafar, ecc. „ 74

173 Fetħa—Diarrea fil clieb „ 74
174 Eczema—marda fil gilda, fil clieb „ 74
175 Duied fuk il clieb „ 75
176 Xedda fuk l'ghasafar „ 75
177 Eczema fl'ghasafar „ 75
178 Diarrhea-fetħa fl'ghasafar „ 75
179 Imfiammazioni f'ghajnejn l'ghasafar „ 76
180 Brieghed fl'ghasafar „ 76
181 X'taghmel meta ma issibx tarf „ 76
182 Tifsir ta xi cliem li spiss issibu f'dan il ctieb—Banju marija, Concentrazioni—Distillazioni—Parti—Saturazioni—Soluzioni—Distillazioni „ 76
183 Użin u Chejl—ghad-Deheb—Fidda—Medicini, ecc.—u paraguni ta Pisijet ma Chejl, ecc. „ 77

# TAHBIR.

Aħna 'l Maltin katt ma chellna cotba tal ghamla ta dan il ctieb (u li joħorgiu lesti) u ghalhecc ghad fadal cotra mill poplu li ghadha tistaghgeb minn bosta xorti.

Daun il cotba jiftħu 'l moħħ, jghallmuc taghmel bosta ħuejjeg, affarijet, jigibuc ragel uieħed tisua tnejn, tlieta, ghaxra, ecc.—Tara int li meta 'l Malti jigi biex jaghmel xi ħagia, mkar industria l'actar żghira, jigiu il barranin juruh. Ghaliex? Ghax dauc icunu jafu perfettament din jeu dic ir-Ricetta u il Malti ma jafx. Sal-lum ma jimpurtax ghax conna nafu inkas minn ħaddieħor.

Ghaldakshecc mela, Aħna, bħala Dar-Hruġ-il-Cotba (Ditta Editrici), mill-lum il kuddiem u minn żmien ghal żmien, sejrin nibkghu noħorgiu cotba lesti ta din ix-xorta, cotba li minnhom titghallem, li bihom ħadd ma jidħac bic, cotba b'sigrieti ta siui cbir, Sigrieti ta Ricetti, Formuli u Processi li barra-minn-Malta jimbieghu zeuġ xelini ghall cull ricetta, u uħud nofs lira ucoll; Sigrieti ta chif taghmel din jeu dic il ħagia ta Arti, articli ta Industria, ta Snajja, ta Ghoġbijet, ta Invenzionijet, Hagiet curjużi, u bosta ħuejjeġ oħra.

Issa, haunecc fadal inghidulec biss biex tokghod b'ghajnejc miftuħin ghal meta joħroġ il ctieb l'ieħor (jeu ibghatilna li tcun tridu) u imbghad l'ieħor, b'isem uieħed m'hux bħall ieħor, u hecc nibkghu sejrin—Mid:-

**Dar-Hrug-il-Cotba Mehtiegin**

Juan Mamo, 51, Azzopardi Str. Marsa.
jeu minghand id-Ditta : The Mail Order Dealing Co.
Hamrun - Malta.

Billi fit-Tieni Edizioni ta dal ctieb bi ħsiebna inżiduh u naghnuh chemm nistghu, nitolbu il ħbiebna tal ħila li jiccriticauh fejn hu meħtieġ u xierak, u inebbħuna x'inżidulu, jeu joghgiobhom jatuna sigrieti, ricetti ta l'acbar ħtieġa (approvati), pariri, ecc., biex iżjed incabbruh fil ghana tieghu. Jecc icun hecc, jictbulna u niżżuhom-ħajr.

---

Din id-Ditta tħabbrec ucoll li jecc trid tixtri ir-Rumanz Daħħachi jismu *Ulied in-Nanna Venut fl'America* jinsab ghandha ghal bejħ. Collu sħiħ tliet xilini bla legatura.

Rumanz li katt ma inchiteb bħalu. Mimli collu novelli jeu stejjer fuk l'acbar ħmir Maltin u Ghaudxin.